Parlament Ewropew
2019-2024

Dokument ta' sessjoni

A9-0199/2023

26.5.2023

***I
RAPPORT

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-irkupru u l-konfiska tal-assi
(COM(2022)0245 – C9-0186/2022 – 2022/0167(COD))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Loránt Vincze

Rapporteur għal opinjoni tal-kumitat assoċjat skont l-Artikolu 57 tar-Regoli ta' Proċedura
Sergey Lagodinsky, Kumitat għall-Affarijiet Legali

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA’ RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJIET LEGALI.....82

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-BAĠITS.....117

VOTAZZJONI FINALI B’SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI 148

ABBOZZ TA’ RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-irkupru u l-konfiska tal-assi

(COM(2022)0245 – C9-0186/2022 – 2022/0167(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2022)0245),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikoli 82(2), l-Artikolu 83(1) u (2) u l-Artikolu 87(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0186/2022),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-14 ta’ Diċembru 2022[1],

– wara li kkunsidra l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali u tal-Kumitat għall-Baġits,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A9-0199/2023),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa’ tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b’mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b’mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

[1] ĠU C 100, 16.3.2023, p. 105.

Emenda 1

Proposta għal direttiva
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Il-Valutazzjoni ta' Theddid mill-Kriminalità Serja u Organizzata (Serious and Organised Crime Threat Assessment, SOCTA) tal-Europol għall-2021 issottolinjat it-theddida dejjem tikber mill-kriminalità organizzata u l-infiltrazzjoni kriminali. Xprunata mid-dħul kbir iġġenerat mill-kriminalità organizzata, li jammonta għal mill-anqas EUR 139 biljun kull sena, u li qed jiġi rriċiklat dejjem aktar permezz ta' sistema finanzjarja parallela sotterranja, id-disponibbiltà ta' tali ***rikavat*** minn attivitajiet kriminali toħloq theddida sinifikanti għall-integrità tal-ekonomija u tas-soċjetà, li ddgħajjef l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali. L-Istrateġija tal-UE biex tiġi miġġielda l-Kriminalità Organizzata 2021-2025 għandha l-għan li tindirizza dawn l-isfidi billi tippromwovi l-kooperazzjoni transfruntiera, tappoġġa investigazzjonijiet effettivi kontra networks kriminali, telimina r-rikavati minn attivitajiet kriminali, u tagħmel l-infurzar tal-liġi u l-ġudikatura adatti għall-era diġitali.	(1) Il-Valutazzjoni ta' Theddid mill-Kriminalità Serja u Organizzata (Serious and Organised Crime Threat Assessment, SOCTA) tal-Europol għall-2021 issottolinjat it-theddida dejjem tikber mill-kriminalità organizzata u l-infiltrazzjoni kriminali. Xprunata mid-dħul kbir iġġenerat mill-kriminalità organizzata, li jammonta għal mill-anqas EUR 139 biljun kull sena, u li qed jiġi rriċiklat dejjem aktar permezz ta' sistema finanzjarja parallela sotterranja, id-disponibbiltà ta' tali ***rikavati*** minn attivitajiet kriminali toħloq theddida sinifikanti għall-integrità tal-ekonomija u tas-soċjetà, li ddgħajjef l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali. L-Istrateġija tal-UE biex tiġi miġġielda l-Kriminalità Organizzata 2021-2025 għandha l-għan li tindirizza dawn l-isfidi billi tippromwovi l-kooperazzjoni transfruntiera, ***u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri,*** tappoġġa investigazzjonijiet effettivi kontra networks kriminali, telimina r-rikavati minn attivitajiet kriminali, u tagħmel l-infurzar tal-liġi u l-ġudikatura adatti għall-era diġitali.

Emenda 2

Proposta għal direttiva
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Il-motiv ewlieni għall-kriminalità transfruntiera organizzata, inklużi n-networks kriminali b'riskju għoli, huwa l-gwadann finanzjarju. Għalhekk, biex tiġi indirizzata t-theddida serja maħluqa mill-kriminalità organizzata, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jingħataw ***il-mezzi***	(2) Il-motiv ewlieni għall-kriminalità transfruntiera organizzata, inklużi n-networks kriminali b'riskju għoli, huwa l-gwadann finanzjarju. Għalhekk, biex tiġi indirizzata t-theddida serja maħluqa mill-kriminalità organizzata, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jingħataw ***kapaċità***

biex jittraċċaw u jidentifikaw, jiffriżaw, jikkonfiskaw u jimmaniġġjaw b'mod effettiv il-mezzi strumentali u r-rikavati mill-kriminalità u l-proprjetà li tirriżulta minn attivitajiet kriminali.	***operazzjonali akbar u l-mezzi neċessarji*** biex jittraċċaw u jidentifikaw, jiffriżaw, jikkonfiskaw u jimmaniġġjaw b'mod effettiv il-mezzi strumentali u r-rikavati mill-kriminalità u l-proprjetà li tirriżulta minn attivitajiet kriminali.

Emenda 3

Proposta għal direttiva
Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) L-organizzazzjonijiet kriminali normalment jinvestu mill-ġdid parti mill-profitti tagħhom minn attivitajiet kriminali biex joħolqu bażi finanzjarja li tippermettilhom ikomplu dawk l-attivitajiet. Barra minn hekk, l-organizzazzjonijiet kriminali ħafna drabi jirrikorru għall-vjolenza, it-theddid jew l-intimidazzjoni sabiex jiksbu l-kontroll jew il-ġestjoni ta' attivitajiet ekonomiċi, konċessjonijiet, awtorizzazzjonijiet, servizzi tal-akkwist u pubbliċi, jew biex jiksbu profitti jew vantaġġi illeċiti, u b'hekk jaffettwaw ħażin il-libertà tal-kompetizzjoni, jew biex jipprevjenu jew ifixklu l-eżerċizzju liberu tad-dritt tal-vot jew inkella biex jalteraw ir-riżultati tal-votazzjonijiet fl-elezzjonijiet, u b'hekk jaffettwaw il-ħajja demokratika. Il-kriminalità organizzata għalhekk saret operatur ekonomiku dinji b'vokazzjoni intraprenditorjali u speċjalizzata kemm fil-provvista legali kif ukoll f'dik illegali ta' oġġetti u servizzi. Il-fatt li l-kriminali jiġu miċħuda mill-profitti illeċiti huwa essenzjali biex jiġu mfixkla l-attivitajiet tagħhom u biex ma jitħallewx jinfiltraw l-ekonomiji leġittimi.

Emenda 4

Proposta għal direttiva
Premessa 2b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2b) Il-kriminalità ekonomika u finanzjarja, b'mod partikolari l-kriminalità organizzata, ħafna drabi taġixxi permezz ta' persuni ġuridiċi, u r-reati kriminali inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva jistgħu jitwettqu fl-interess ta' tali persuni ġuridiċi jew għall-benefiċċju tagħhom. Għalhekk, jenħtieġ li jinħarġu wkoll ordnijiet ta' ffriżar u konfiska kontra persuni ġuridiċi.

Emenda 5

Proposta għal direttiva
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Sistema effettiva għall-irkupru tal-assi tirrikjedi t-traċċar u l-identifikazzjoni rapidi tal-mezzi strumentali u ***tar-rikavat*** mill-kriminalità, u tal-proprjetà suspettata li tkun ta' oriġini kriminali. Tali rikavati, mezzi strumentali, u proprjetà jenħtieġ li jiġu ffriżati sabiex jiġi evitat l-għajbien tagħhom, u wara dan jenħtieġ li jiġu kkonfiskati mal-konklużjoni tal-proċedimenti kriminali. Sistema effettiva għall-irkupru tal-assi tirrikjedi wkoll il-ġestjoni effettiva tal-proprjetà ffriżata u kkonfiskata biex iżżomm il-valur tagħha għall-Istat jew għar-restituzzjoni għall-vittmi.	(3) Sistema effettiva għall-irkupru tal-assi tirrikjedi t-traċċar u l-identifikazzjoni rapidi tal-mezzi strumentali u ***tar-rikavati*** mill-kriminalità, u tal-proprjetà suspettata li tkun ta' oriġini kriminali. Tali rikavati, mezzi strumentali, u proprjetà jenħtieġ li jiġu ffriżati sabiex jiġi evitat l-għajbien tagħhom, u wara dan jenħtieġ li jiġu kkonfiskati mal-konklużjoni tal-proċedimenti ***f'materji*** kriminali. Sistema effettiva għall-irkupru tal-assi tirrikjedi wkoll il-ġestjoni effettiva tal-proprjetà ffriżata u kkonfiskata biex iżżomm il-valur tagħha għall-Istat jew għar-restituzzjoni għall-vittmi.

Emenda 6

Proposta għal direttiva
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Għalhekk, jenħtieġ li l-qafas legali eżistenti jiġi aġġornat, sabiex jiġu ffaċilitati u żgurati sforzi effettivi għall-irkupru u l-konfiska tal-assi madwar l-Unjoni. Għal dak il-għan, jenħtieġ li d-Direttiva tistabbilixxi regoli minimi dwar it-traċċar u l-identifikazzjoni, l-iffriżar, il-konfiska u l-ġestjoni ta' proprjetà fil-qafas ta' prosekuzzjoni ta' reat kriminali. F'dan il-kuntest, il-prosekuzzjoni ta' reat kriminali huwa kunċett awtonomu tad-dritt tal-Unjoni interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, minkejja l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. It-terminu jkopri t-tipi kollha ta' ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska maħruġa wara proċedimenti fir-rigward ta' reat kriminali. Huwa jkopri wkoll tipi oħra ta' ordnijiet maħruġa mingħajr kundanna finali. Il-prosekuzzjoni ta' reat kriminali ***jistgħu jinkludu*** wkoll investigazzjonijiet kriminali mill-pulizija u awtoritajiet oħra tal-infurzar tal-liġi. Jeħtieġ li tissaħħaħ il-kapaċità tal-awtoritajiet kompetenti li jċaħħdu lill-kriminali ***mir-rikavat*** minn attivitajiet kriminali. Għal dan il-għan, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli biex jissaħħu t-traċċar u l-identifikazzjoni tal-assi, kif ukoll il-kapaċitajiet ta' ffriżar, biex tittejjeb il-ġestjoni tal-proprjetà ffriżata u kkonfiskata, biex jissaħħu l-istrumenti għall-konfiska tal-mezzi strumentali u tar-rikavati mill-kriminalità u l-proprjetà derivata minn attivitajiet kriminali tal-organizzazzjonijiet kriminali, u biex tittejjeb l-effiċjenza ġenerali tas-sistema tal-irkupru tal-assi.	(5) Għalhekk, jenħtieġ li l-qafas legali eżistenti jiġi aġġornat, sabiex jiġu ffaċilitati u żgurati sforzi effettivi għall-irkupru u l-konfiska tal-assi madwar l-Unjoni. Għal dak il-għan, jenħtieġ li d-Direttiva tistabbilixxi regoli minimi dwar it-traċċar u l-identifikazzjoni, l-iffriżar, il-konfiska u l-ġestjoni ta' proprjetà fil-qafas ta' prosekuzzjoni ta' reat kriminali. F'dan il-kuntest, il-prosekuzzjoni ta' reat kriminali huwa kunċett awtonomu tad-dritt tal-Unjoni interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, minkejja l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. It-terminu jkopri t-tipi kollha ta' ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska maħruġa wara proċedimenti fir-rigward ta' reat kriminali. Huwa jkopri wkoll tipi oħra ta' ordnijiet maħruġa mingħajr kundanna finali. Il-prosekuzzjoni ta' reat kriminali ***jista' jinkludi*** wkoll investigazzjonijiet kriminali mill-pulizija u awtoritajiet oħra tal-infurzar tal-liġi. ***Meta s-sistema legali nazzjonali tal-Istati Membri tippermetti, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu japplikaw din id-Direttiva għal tipi differenti ta' prosekuzzjoni nazzjonali dment li jiġi żgurat li kwalunkwe proċedura tissodisfa l-karatteristiċi essenzjali ta' proċedura kriminali, b'mod partikolari s-salvagwardji tagħha.*** Jeħtieġ li tissaħħaħ il-kapaċità tal-awtoritajiet kompetenti li jċaħħdu lill-kriminali ***mir-rikavati*** minn attivitajiet kriminali. Għal dan il-għan, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli biex jissaħħu t-traċċar u l-identifikazzjoni tal-assi, kif ukoll il-kapaċitajiet ta' ffriżar, biex tittejjeb il-ġestjoni tal-proprjetà ffriżata u kkonfiskata, biex jissaħħu l-istrumenti għall-konfiska tal-mezzi strumentali u tar-rikavati mill-kriminalità u l-proprjetà derivata minn attivitajiet kriminali tal-organizzazzjonijiet kriminali, u biex tittejjeb l-effiċjenza ġenerali tas-sistema

tal-irkupru tal-assi.

Emenda 7

Proposta għal direttiva
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Ir-regoli jenħtieġ li jiffaċilitaw il-kooperazzjoni transfruntiera billi jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti s-setgħat u r-riżorsi meħtieġa biex jirrispondu b'mod rapidu u effettiv għat-talbiet minn awtoritajiet fi Stati Membri oħra. Id-dispożizzjonijiet li jistabbilixxu regoli dwar it-traċċar u l-identifikazzjoni bikrija, azzjoni urġenti għall-iffriżar, jew ġestjoni effiċjenti jikkontribwixxu għat-titjib tal-possibbiltajiet għall-irkupru tal-assi bejn il-fruntieri. Minħabba n-natura globali b'mod partikolari tal-kriminalità organizzata, jenħtieġ li tissaħħaħ ukoll il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi.	(8) Ir-regoli jenħtieġ li jiffaċilitaw il-kooperazzjoni transfruntiera billi jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti s-setgħat u r-riżorsi meħtieġa biex jirrispondu b'mod rapidu u effettiv għat-talbiet minn awtoritajiet fi Stati Membri oħra. Id-dispożizzjonijiet li jistabbilixxu regoli dwar it-traċċar u l-identifikazzjoni bikrija, azzjoni urġenti għall-iffriżar, jew ġestjoni effiċjenti jikkontribwixxu għat-titjib tal-possibbiltajiet għall-irkupru tal-assi bejn il-fruntieri. Minħabba n-natura globali b'mod partikolari tal-kriminalità organizzata, ***u n-natura effimera tal-assi kriminali li faċilment jistgħu jitmexxew jew jinħbew,*** jenħtieġ li tissaħħaħ ukoll il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi***, b'rispett shih tad-drittijiet fundamentali***.

Emenda 8

Proposta għal direttiva
Premessa 8a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8a) Hemm ħtieġa ċara ta' kooperazzjoni eqreb u aktar effettiva bejn l-awtoritajiet kollha għall-irkupru tal-assi, inkluż bejn l-uffiċċji għall-irkupru tal-assi u l-uffiċċji għall-ġestjoni tal-assi u l-kontropartijiet tagħhom fi Stati Membri oħra.

Emenda 9

Proposta għal direttiva
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Minħabba n-natura polikriminali ta' u l-kooperazzjoni sistemika u orjentata lejn il-profitt tal-organizzazzjonijiet kriminali involuti f'firxa wiesgħa ta' attivitajiet illeċiti fi swieq differenti, ġlieda effettiva kontra l-kriminalità organizzata tirrikjedi li jkunu disponibbli miżuri ta' ffriżar u ta' konfiska biex ikopru l-profitti mir-reati kollha fejn il-gruppi tal-kriminalità organizzata jkunu attivi fihom. Dawn ir-reati jinkludu l-oqsma ta' kriminalità elenkati fl-Artikolu 83(1), ***inkluż it-traffikar illeċitu ta' armi, munizzjon u splussivi kif iddefinit fil-Protokoll kontra l-manifattura u t-traffikar illeċiti ta' armi tan-nar, il-partijiet u l-komponenti u l-munizzjon tagħhom, li jissupplementa l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-kriminalità organizzata tranżnazzjonali, li l-Unjoni hija parti għaliha***. Minbarra r-reati elenkati fl-Artikolu 83(1), il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva jenħtieġ li jkopri wkoll ir-reati kollha li huma armonizzati fil-livell tal-UE, inklużi l-frodi kontra l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea fid-dawl tal-involviment dejjem akbar tal-gruppi kriminali organizzati f'dan il-qasam ta' kriminalità. Il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva jenħtieġ li jinkludi wkoll reati ambjentali li huma attività ewlenija għall-gruppi kriminali organizzati u spiss huma marbuta mal-ħasil tal-flus jew jikkonċernaw ***skart*** u ***residwi*** prodotti fil-kuntest tal-produzzjoni u t-traffikar tad-droga. Il-faċilitazzjoni ta' dħul u residenza mhux awtorizzati tikkostitwixxi attività ewlenija għall-gruppi kriminali organizzati u hija tipikament konnessa mat-traffikar tal-bnedmin.	(9) Minħabba n-natura polikriminali ta' u l-kooperazzjoni sistemika u orjentata lejn il-profitt tal-organizzazzjonijiet kriminali involuti f'firxa wiesgħa ta' attivitajiet illeċiti fi swieq differenti, ġlieda effettiva kontra l-kriminalità organizzata tirrikjedi li jkunu disponibbli miżuri ta' ffriżar u ta' konfiska biex ikopru l-profitti mir-reati kollha fejn il-gruppi tal-kriminalità organizzata jkunu attivi fihom. Dawn ir-reati jinkludu l-oqsma ta' kriminalità elenkati fl-Artikolu 83(1). Minbarra r-reati elenkati fl-Artikolu 83(1), il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva jenħtieġ li jkopri wkoll ir-reati kollha li huma armonizzati fil-livell tal-UE, inklużi l-frodi kontra l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea fid-dawl tal-involviment dejjem akbar tal-gruppi kriminali organizzati f'dan il-qasam ta' kriminalità. Il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva jenħtieġ li jinkludi wkoll reati ambjentali li huma attività ewlenija għall-gruppi kriminali organizzati u spiss huma marbuta mal-ħasil tal-flus***, il-frodi tad-dokumenti, il-frodi ekonomika, l-evażjoni tat-taxxa u l-korruzzjoni*** jew jikkonċernaw ***it-traffikar tal-iskart bi ksur tal-liġi u l-istandards nazzjonali u internazzjonali li jirregolaw il-ġbir, it-trattament*** u ***r-rimi tal-iskart, inklużi r-residwi*** prodotti fil-kuntest tal-produzzjoni u t-traffikar tad-droga. Il-faċilitazzjoni ta' dħul u residenza mhux awtorizzati tikkostitwixxi attività ewlenija għall-gruppi kriminali organizzati u hija tipikament konnessa mat-traffikar tal-bnedmin. ***Ir-reat kriminali tal-iffaċilitar ta' dħul u residenza mhux awtorizzati jenħtieġ li jinftiehem skont it-tifsira tad-Direttiva tal-Kunsill 2002/90/KE tat-28 ta' Novembru 2002[18a] u d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/946/JHA tat-28 ta' Novembru 2002[19a]. Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/946/JHA tipprevedi l-***

possibbiltà li l-pieni kriminali jiġu akkumpanjati bil-konfiska tal-mezzi tat-trasport użati biex jitwettaq ir-reat, waqt li fl-istess ħin tistabbilixxi b'mod ċar li d-dispożizzjonijiet tagħha japplikaw mingħajr preġudizzju għall-protezzjoni mogħtija lir-rifuġjati u lil dawk li jfittxu l-aż il sabiex tingħata assistenza umanitarja f'konformità mad-dritt internazzjonali.

18a ***Id-Direttiva 2002/90/KE li tiddefinixxi l-iffaċilitar ta' dħul, tranżitu u residenza mhux awtorizzati (ĠU L 328, 5.12.2002, p. 17).***

19a ***Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/946/JHA dwar it-tisħiħ tal-qafas penali biex ikun impedut it-tħaffif tad-dħul, it-tranżitu u r-residenza mhux awtorizzati (ĠU L 328, 5.12.2002, p. 1).***

Emenda 10

Proposta għal direttiva
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Reati oħra mwettqa fil-qafas ta' organizzazzjoni kriminali għandhom rwol ċentrali fil-ġenerazzjoni tad-dħul u fl-iffaċilitar ta' aktar reati, inklużi reati serji ta' natura transfruntiera. Tali reati jenħtieġ li jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva sa fejn dawn jitwettqu fil-qafas ta' organizzazzjoni kriminali. Il-falsifikazzjoni u l-piraterija tal-prodotti hija marbuta mal-ħasil tal-flus u mal-falsifikazzjoni tad-dokumenti, u thedded il-funzjonament tas-suq uniku u l-kompetizzjoni ġusta. It-traffikar illeċitu ta' beni kulturali, inklużi oġġetti antiki u opri tal-arti, spiss huwa marbut mal-ħasil tal-flus u jikkostitwixxi sors importanti ta' finanzjament għall-gruppi kriminali organizzati. Il-falsifikazzjoni ta' dokumenti amministrattivi u t-traffikar tagħhom,	(10) Reati oħra mwettqa fil-qafas ta' organizzazzjoni kriminali għandhom rwol ċentrali fil-ġenerazzjoni tad-dħul u fl-iffaċilitar ta' aktar reati, inklużi reati serji ta' natura transfruntiera. Tali reati***, kif definiti fil-liġi nazzjonali tal-Istati Membri,*** jenħtieġ li jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva sa fejn dawn jitwettqu fil-qafas ta' organizzazzjoni kriminali. Il-falsifikazzjoni u l-piraterija tal-prodotti hija marbuta mal-ħasil tal-flus u mal-falsifikazzjoni tad-dokumenti, u thedded il-funzjonament tas-suq uniku u l-kompetizzjoni ġusta. It-traffikar illeċitu ta' beni kulturali, inklużi oġġetti antiki u opri tal-arti, spiss huwa marbut mal-ħasil tal-flus u jikkostitwixxi sors importanti ta' finanzjament għall-gruppi kriminali organizzati. ***L-istess japplika għall-***

inklużi dokumenti bankarji jew dokumenti ta' identifikazzjoni, hija għodda abilitanti ewlenija għall-ħasil tal-flus, it-traffikar tal-bnedmin, jew il-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali, u bħala tali jenħtieġ li tkun koperta fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Reati oħra li spiss jitwettqu fil-qafas ta' grupp tal-kriminalità organizzata jinkludu l-omiċidju jew l-offiża gravi fuq il-persuna, kif ukoll il-kummerċ illeċitu ta' organi u tessuti tal-bniedem, li huma sors ta' dħul għall-gruppi tal-kriminalità organizzata fil-kuntest ta' qtil b'kuntratt, intimidazzjoni u traffikar tal-bnedmin. Bl-istess mod, il-ħtif ta' persuni, iż-żamma illegali jew it-teħid ta' ostaġġi, kif ukoll ir-rikattar organizzat u l-estorsjoni, jintużaw jew bħala sors ta' dħul permezz tal-ġbir ta' flus għall-ħelsien jew bħala tattiċi ta' intimidazzjoni kontra l-avversarji. Ir-reat tas-serq organizzat jew armat huwa waħda mill-aktar forom komuni biex jiġu ġġenerati l-profitti għall-gruppi kriminali organizzati, u spiss jitwettaq flimkien ma' reati oħra, b'mod partikolari t-traffikar ta' armi tan-nar. Bl-istess mod, it-traffikar ta' vetturi misruqa mhux biss jista' jiġġenera profitti iżda jirrappreżenta wkoll reat abilitanti li jipprovdi l-mezzi strumentali meħtieġa biex jitwettqu aktar reati. Barra minn hekk, huwa essenzjali li jiġu inklużi r-reati fiskali sa fejn dawn jitwettqu bħala parti minn organizzazzjoni kriminali fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva, billi dan ir-reat speċifiku huwa sors abilitanti ta' profitti, speċjalment meta joperaw f'kuntest transfruntier. It-tekniki tipiċi użati biex jitwettqu l-frodi jew l-evażjoni fiskali jikkonsistu fl-użu ta' strutturi korporattivi transfruntieri jew arranġamenti simili biex jinkisbu benefiċċji u rifużjonijiet tat-taxxa b'mod frodulenti, jinħbew l-assi jew il-profitti, jiġu amalgamati l-profitti u l-assi legali ma' oħrajn illeċiti jew jiġu trasferiti lil entitajiet oħra barra mill-pajjiż biex jinħbew l-oriġini jew is-sjieda (benefiċjarja) tagħhom.

kummerċ u t-traffikar illegali ta' speċijiet ta' annimali u pjanti fil-periklu ta' estinzjoni, inklużi l-partijiet ta' ġisimhom jew il-prodotti derivati minnhom. Il-falsifikazzjoni ta' dokumenti amministrattivi u t-traffikar tagħhom, inklużi dokumenti bankarji jew dokumenti ta' identifikazzjoni, hija għodda abilitanti ewlenija għall-ħasil tal-flus, it-traffikar tal-bnedmin, jew il-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali, u bħala tali jenħtieġ li tkun koperta fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Reati oħra li spiss jitwettqu fil-qafas ta' grupp tal-kriminalità organizzata jinkludu l-omiċidju jew l-offiża gravi fuq il-persuna, kif ukoll il-kummerċ illeċitu ta' organi u tessuti tal-bniedem, li huma sors ta' dħul għall-gruppi tal-kriminalità organizzata fil-kuntest ta' qtil b'kuntratt, intimidazzjoni u traffikar tal-bnedmin. Bl-istess mod, il-ħtif ta' persuni, iż-żamma illegali jew it-teħid ta' ostaġġi, kif ukoll ir-rikattar organizzat u l-estorsjoni, jintużaw jew bħala sors ta' dħul permezz tal-ġbir ta' flus għall-ħelsien jew bħala tattiċi ta' intimidazzjoni kontra l-avversarji. Ir-reat tas-serq organizzat jew armat huwa waħda mill-aktar forom komuni biex jiġu ġġenerati l-profitti għall-gruppi kriminali organizzati, u spiss jitwettaq flimkien ma' reati oħra, b'mod partikolari t-traffikar ta' armi tan-nar. Bl-istess mod, it-traffikar ta' vetturi misruqa mhux biss jista' jiġġenera profitti iżda jirrappreżenta wkoll reat abilitanti li jipprovdi l-mezzi strumentali meħtieġa biex jitwettqu aktar reati. Barra minn hekk, huwa essenzjali li jiġu inklużi r-reati fiskali sa fejn dawn jitwettqu bħala parti minn organizzazzjoni kriminali fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva, billi dan ir-reat speċifiku huwa sors abilitanti ta' profitti, speċjalment meta joperaw f'kuntest transfruntier. It-tekniki tipiċi użati biex jitwettqu l-frodi jew l-evażjoni fiskali jikkonsistu fl-użu ta' strutturi korporattivi transfruntieri jew arranġamenti simili biex jinkisbu benefiċċji u rifużjonijiet tat-taxxa b'mod frodulenti, jinħbew l-assi jew il-

profitti, jiġu amalgamati l-profitti u l-assi legali ma' oħrajn illeċiti jew jiġu trasferiti lil entitajiet oħra barra mill-pajjiż biex jinħbew l-oriġini jew is-sjieda (benefiċjarja) tagħhom. ***Huwa importanti wkoll li fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva jiġu inklużi r-reati elenkati fl-Artikolu 3, il-paragrafu 1, tar-Regolament (UE) 2018/1805 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[20a]. B'mod partikolari, din id-Direttiva jenħtieġ li tapplika wkoll għal reati fil-ġuriżdizzjoni tal-Qorti Kriminali Internazzjonali.***

[20a] Ir-Regolament (UE) 2018/1805 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' ordnijiet ta' ffriżar u ordnijiet ta' konfiska (ĠU L 303, 28.11.2018, p. 1).

Emenda 11

Proposta għal direttiva
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Sabiex tiġi koperta l-proprjetà li tista' tiġi ttrasformata u ttrasferita sabiex tinħeba l-oriġini tagħha, u sabiex jiġu żgurati l-armonizzazzjoni u ċ-ċarezza tad-definizzjonijiet madwar l-Unjoni, il-proprjetà li tista' tkun soġġetta għal iffriżar u konfiska jenħtieġ li tiġi ddefinita b'mod wiesa'. Jenħtieġ li hija tkopri d-dokumenti jew l-istrumenti legali li jagħtu prova tat-titolu jew tal-interess fi proprjetà soġġetta għal iffriżar u konfiska inklużi, pereżempju, strumenti finanzjarji, jew dokumenti li jistgħu jwasslu għal pretensjonijiet tal-krediturи u li normalment jinstabu fil-pussess tal-persuna affettwata mill-proċeduri rilevanti, kif ukoll trusts. Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għall-proċeduri nazzjonali eżistenti għaż-żamma ta' dokumenti jew strumenti legali	(12) Sabiex tiġi koperta l-proprjetà li tista' tiġi ttrasformata u ttrasferita sabiex tinħeba l-oriġini tagħha, u sabiex jiġu żgurati l-armonizzazzjoni u ċ-ċarezza tad-definizzjonijiet madwar l-Unjoni, il-proprjetà li tista' tkun soġġetta għal iffriżar u konfiska jenħtieġ li tiġi ddefinita b'mod wiesa'. Jenħtieġ li hija tkopri d-dokumenti jew l-istrumenti legali***, fi kwalunkwe forma, inkluża dik elettronika jew diġitali,*** li jagħtu prova tat-titolu jew tal-interess fi proprjetà soġġetta għal iffriżar u konfiska inklużi, pereżempju, strumenti finanzjarji, jew dokumenti li jistgħu jwasslu għal pretensjonijiet tal-krediturи u li normalment jinstabu fil-pussess tal-persuna affettwata mill-proċeduri rilevanti, kif ukoll trusts. Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għall-proċeduri nazzjonali eżistenti għaż-

li jagħtu evidenza tat-titolu jew tal-interess fi proprjetà, kif inhuma applikati mill-awtoritajiet nazzjonali jew mill-korpi pubbliċi kompetenti f'konformità mal-liġi nazzjonali. Jenħtieġ li d-definizzjoni tkopri l-forom kollha ta' proprjetà, inklużi l-kriptoassi.	żamma ta' dokumenti jew strumenti legali li jagħtu evidenza tat-titolu jew tal-interess fi proprjetà, kif inhuma applikati mill-awtoritajiet nazzjonali jew mill-korpi pubbliċi kompetenti f'konformità mal-liġi nazzjonali. Jenħtieġ li d-definizzjoni tkopri l-forom kollha ta' proprjetà, inklużi l-kriptoassi.

Emenda 12

Proposta għal direttiva
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Sabiex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni transfruntiera, it-traċċar u l-identifikazzjoni tal-proprjetà fi stadju bikri ta' investigazzjoni kriminali huma essenzjali biex tiġi żgurata l-identifikazzjoni fil-pront ta' mezzi strumentali, ***rikavat***, jew proprjetà li jistgħu sussegwentement jiġu kkonfiskati, inkluża proprjetà relatata ma' attivitajiet kriminali li jinsabu ***f'ġurisdizzjonijiet*** oħra. Biex jiġi żgurat li l-investigazzjonijiet finanzjarji jingħataw prijorità suffiċjenti fl-Istati Membri kollha, ***sabiex*** jiġi indirizzat reat ta' natura transfruntiera, huwa meħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jintalbu jniedu t-traċċar tal-assi mill-mument li jkun hemm suspett ta' attivitajiet kriminali li jkunu probabbli li jiġġeneraw benefiċċji ekonomiċi sostanzjali.	(14) Sabiex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni transfruntiera, it-traċċar u l-identifikazzjoni tal-proprjetà fi stadju bikri ta' investigazzjoni kriminali huma essenzjali biex tiġi żgurata l-identifikazzjoni fil-pront ta' mezzi strumentali, ***rikavati***, jew proprjetà li jistgħu sussegwentement jiġu kkonfiskati, inkluża proprjetà relatata ma' attivitajiet kriminali li jinsabu ***f'ġuriżdizzjonijiet*** oħra. Biex jiġi żgurat li l-investigazzjonijiet finanzjarji jingħataw prijorità suffiċjenti fl-Istati Membri kollha, ***ħalli*** jiġi indirizzat reat ta' natura transfruntiera, huwa meħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jintalbu jniedu t-traċċar tal-assi mill-mument li jkun hemm suspett ta' attivitajiet kriminali li jkunu probabbli li jiġġeneraw benefiċċji ekonomiċi sostanzjali. ***Huwa possibbli li l-investigazzjonijiet finanzjarji jinkludu wkoll limiti minimi għall-valur tal-mezzi strumentali, ir-rikavati jew il-proprjetà relatati mar-reat kriminali li jiskatta l-bidu ta' investigazzjonijiet dwar it-traċċar tal-assi. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri kollha jkollhom sett effettiv ta' proċeduri għall-iffriżar, il-ġestjoni u l-konfiska tal-assi kriminali li jkun sostnut mir-riżorsi istituzzjonali, finanzjarji u umani meħtieġa.***

Emenda 13

Proposta għal direttiva
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Sabiex iwettqu investigazzjonijiet effettivi għat-traċċar tal-assi, u biex jirrispondu malajr għat-talbiet transfruntieri, l-uffiċċji għall-irkupru tal-assi jenħtieġ li jkollhom aċċess għall-informazzjoni li tippermettilhom jistabbilixxu l-eżistenza, is-sjieda jew il-kontroll ta' proprjetà li tista' ssir is-suġġett ta' ordni ta' ffriżar jew ta' konfiska. Għalhekk, jenħtieġ li l-uffiċċji għall-irkupru tal-assi jkollhom aċċess għad-data rilevanti bħad-data fiskali, ir-reġistri nazzjonali taċ-ċittadinanza u tal-popolazzjoni, il-bażijiet tad-data kummerċjali u l-informazzjoni dwar is-sigurtà soċjali. Jenħtieġ li dan jinkludi informazzjoni dwar l-infurzar tal-liġi sa fejn data bħal rekords kriminali, waqfiet ta' vetturi, tfittxijiet ta' proprjetà u azzjonijiet legali preċedenti bħal ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska jew sekwestri ta' flus kontanti tista' tkun ta' valur biex tiġi identifikata l-proprjetà rilevanti. Jenħtieġ li l-aċċess għall-informazzjoni jkun soġġett għal salvagwardji speċifiċi li jipprevjenu l-użu ħażin tad-drittijiet ta' aċċess. Jenħtieġ li dawn is-salvagwardji jkunu mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 25 tad-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[23]. L-aċċess dirett u immedjat għal din l-informazzjoni ma ***jimpedixxix*** lill-Istati Membri milli jagħmlu l-aċċess soġġett għal salvagwardji proċedurali kif stabbilit skont il-liġi nazzjonali filwaqt li jittieħed kont xieraq tal-ħtieġa li l-uffiċċji għall-irkupru tal-assi jkunu jistgħu jwieġbu malajr għat-talbiet transfruntieri. L-implimentazzjoni tas-salvagwardji proċedurali għall-aċċess għall-bażijiet tad-data jenħtieġ li ma taffettwax il-kapaċità tal-uffiċċji għall-irkupru tal-assi li jwieġbu għat-talbiet minn Stati Membri oħra,	(17) Sabiex iwettqu investigazzjonijiet effettivi għat-traċċar tal-assi, u biex jirrispondu malajr għat-talbiet transfruntieri, l-uffiċċji għall-irkupru tal-assi jenħtieġ li jkollhom aċċess ***dirett*** għall-informazzjoni li tippermettilhom jistabbilixxu l-eżistenza, is-sjieda jew il-kontroll ta' proprjetà li tista' ssir is-suġġett ta' ordni ta' ffriżar jew ta' konfiska. Għalhekk, jenħtieġ li l-uffiċċji għall-irkupru tal-assi jkollhom aċċess għad-data rilevanti bħad-data fiskali, ir-reġistri nazzjonali taċ-ċittadinanza u tal-popolazzjoni, il-bażijiet tad-data kummerċjali u l-informazzjoni dwar is-sigurtà soċjali. Jenħtieġ li dan jinkludi informazzjoni dwar l-infurzar tal-liġi sa fejn data bħal rekords kriminali, waqfiet ta' vetturi, tfittxijiet ta' proprjetà u azzjonijiet legali preċedenti bħal ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska jew sekwestri ta' flus kontanti tista' tkun ta' valur biex tiġi identifikata l-proprjetà rilevanti. ***Sa fejn ikun possibbli u meta tali informazzjoni tkun tinsab f'bażijiet tad-data u f'sistemi awtomatizzati, tali aċċess jenħtieġ li jkun dirett u immedjat. Meta jkun meħtieġ intervent addizzjonali biex tali informazzjoni ssir disponibbli sabiex jiġi pprovdut aċċess, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jipprovdu tali informazzjoni malajr ħalli l-uffiċċji għall-irkupru tal-assi jkunu jistgħu jwettqu l-kompiti tagħhom skont din id-Direttiva b'mod effettiv.*** Jenħtieġ li l-aċċess għall-informazzjoni jkun soġġett għal salvagwardji speċifiċi li jipprevjenu l-użu ħażin tad-drittijiet ta' aċċess. Jenħtieġ li dawn is-salvagwardji jkunu mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 25 tad-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[23]. L-aċċess dirett u immedjat ***u***

speċjalment f'każ ta' talbiet urġenti. L-aċċess għall-bażijiet tad-data u r-reġistri rilevanti skont din id-Direttiva jenħtieġ li jikkomplementa l-aċċess għall-informazzjoni dwar il-kontijiet bankarji skont id-Direttiva (UE) 2019/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[24] u għall-informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja skont id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[25].

indirett għal din l-informazzjoni ma ***jimpedix*** lill-Istati Membri milli jagħmlu l-aċċess soġġett għal salvagwardji proċedurali kif stabbilit skont il-liġi nazzjonali***, inkluż rekwiżit li jissoġġetta tali aċċess għal awtorizzazzjoni tal-qorti,*** filwaqt li jittieħed kont xieraq tal-ħtieġa li l-uffiċċji għall-irkupru tal-assi jkunu jistgħu jwieġbu malajr għat-talbiet transfruntieri. ***It-talbiet għal informazzjoni jistgħu jiġu rrifjutati mill-uffiċċji għall-irkupru tal-assi meta l-issodisfar ta' dawk it-talbiet ikun jinvolvi ksur manifest ta' drittijiet fundamentali rilevanti kif stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari d-dritt ta' proċess ġust jew id-dritt ta' difiża.*** L-implimentazzjoni tas-salvagwardji proċedurali għall-aċċess għall-bażijiet tad-data jenħtieġ li ma taffettwax il-kapaċità tal-uffiċċji għall-irkupru tal-assi li jwieġbu għat-talbiet minn Stati Membri oħra, speċjalment f'każ ta' talbiet urġenti. L-aċċess għall-bażijiet tad-data u r-reġistri rilevanti skont din id-Direttiva jenħtieġ li jikkomplementa l-aċċess għall-informazzjoni dwar il-kontijiet bankarji skont id-Direttiva (UE) 2019/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[24] u għall-informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja skont id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[25].

---

[23] Id-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 89).

[23] Id-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 89).

[24] Id-Direttiva (UE) 2019/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li tistabbilixxi regoli li jiffaċilitaw l-użu ta' informazzjoni finanzjarja u informazzjoni oħra għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' ċerti reati kriminali, u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/642/ĠAI (ĠU L 186, 11.7.2019, p. 122).

[25] Id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, kif emendata bid-Direttiva (UE) 2018/843 (ĠU L 141 5.6.2015, p. 73).

[24] Id-Direttiva (UE) 2019/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li tistabbilixxi regoli li jiffaċilitaw l-użu ta' informazzjoni finanzjarja u informazzjoni oħra għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' ċerti reati kriminali, u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/642/ĠAI (ĠU L 186, 11.7.2019, p. 122).

[25] Id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, kif emendata bid-Direttiva (UE) 2018/843 (ĠU L 141 5.6.2015, p. 73).

Emenda 14

Proposta għal direttiva
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-informazzjoni kondiviża bejn l-uffiċċji għall-irkupru tal-assi, jenħtieġ li l-użu tal-Applikazzjoni ta' Network għall-Iskambju Sikur ta' Informazzjoni (Secure Information Exchange Network Application, SIENA), ġestita mill-Europol f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[26], ikun obbligatorju għall-komunikazzjonijiet kollha fost l-uffiċċji għall-irkupru tal-assi skont din id-Direttiva. Għalhekk, sabiex ikunu jistgħu jwettqu l-kompiti kollha assenjati minn din id-Direttiva, l-uffiċċji kollha għall-irkupru tal-assi jenħtieġ li ***jkunu jistgħu jaċċessaw direttament is-SIENA***.	(18) Biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-informazzjoni kondiviża bejn l-uffiċċji għall-irkupru tal-assi, jenħtieġ li l-użu tal-Applikazzjoni ta' Network għall-Iskambju Sikur ta' Informazzjoni (Secure Information Exchange Network Application, SIENA), ġestita mill-Europol f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[26], ikun obbligatorju għall-komunikazzjonijiet kollha fost l-uffiċċji għall-irkupru tal-assi skont din id-Direttiva. Għalhekk, sabiex ikunu jistgħu jwettqu l-kompiti kollha assenjati minn din id-Direttiva, l-uffiċċji kollha għall-irkupru tal-assi jenħtieġ li ***jkollhom aċċess dirett għas-SIENA***.

[26] Ir-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-

[26] Ir-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-

Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2009/371/ĠAI, 2009/934/ĠAI, 2009/935/ĠAI, 2009/936/ĠAI u 2009/968/ĠAI (ĠU L 135, 24.5.2016, p. 53).	Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2009/371/ĠAI, 2009/934/ĠAI, 2009/935/ĠAI, 2009/936/ĠAI u 2009/968/ĠAI (ĠU L 135, 24.5.2016, p. 53).

Emenda 15

Proposta għal direttiva
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Minħabba l-limitazzjoni fuq id-dritt għall-proprjetà imposta mill-ordnijiet ta' ffriżar, jenħtieġ li tali miżuri provviżorji ma jinżammux għal aktar żmien milli meħtieġ biex tiġi ppreservata d-disponibbiltà tal-proprjetà bil-ħsieb ta' konfiska sussegwenti possibbli. ***Dan jista' jkun jeħtieġ*** rieżami mill-qorti nazzjonali sabiex jiġi żgurat li l-għan tal-prevenzjoni tad-dissipazzjoni tal-proprjetà jibqa' validu.	(21) Minħabba l-limitazzjoni fuq id-dritt għall-proprjetà imposta mill-ordnijiet ta' ffriżar, jenħtieġ li tali miżuri provviżorji ma jinżammux għal aktar żmien milli meħtieġ biex tiġi ppreservata d-disponibbiltà tal-proprjetà bil-ħsieb ta' konfiska sussegwenti possibbli. ***Jenħtieġ li jiġi żgurat*** rieżami mill-qorti nazzjonali ***f'każ li tkun inħarġet ordni ta' ffriżar minn awtorità kompetenti li ma tkunx awtorità ġudizzjarja*** sabiex jiġi żgurat li l-għan tal-prevenzjoni tad-dissipazzjoni tal-proprjetà jibqa' validu.

Emenda 16

Proposta għal direttiva
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) Il-prattika minn persuna suspettata jew akkużata li tittrasferixxi l-proprjetà jew ***ir-rikavat*** lil parti terza kompliċi bil-ħsieb li tiġi evitata l-konfiska hija komuni u mifruxa. L-akkwist minn parti terza jirreferi għal sitwazzjonijiet fejn, pereżempju, il-proprjetà tkun ġiet akkwistata, direttament jew indirettament, pereżempju permezz ta' intermedjarju, mill-parti terza mingħand persuna	(24) Il-prattika minn persuna suspettata jew akkużata li tittrasferixxi l-proprjetà jew ***ir-rikavati*** lil parti terza kompliċi bil-ħsieb li tiġi evitata l-konfiska hija komuni u mifruxa. L-akkwist minn parti terza jirreferi għal sitwazzjonijiet fejn, pereżempju, il-proprjetà tkun ġiet akkwistata, direttament jew indirettament, pereżempju permezz ta' intermedjarju, mill-parti terza mingħand persuna

suspettata ***jew*** akkużata, anki meta r-reat kriminali jkun twettaq f'isimha jew għall-benefiċċju tagħha, u meta persuna akkużata ma jkollhiex proprjetà li tista' tiġi kkonfiskata. Tali konfiska jenħtieġ li tkun possibbli f'każijiet fejn ***ikun ġie stabbilit*** li partijiet terzi kienu jafu jew ***kellhom ikunu*** jafu li l-għan tat-trasferiment jew tal-akkwist kien li tiġi evitata l-konfiska***, abbażi ta'*** fatti u ċirkostanzi konkreti***, inkluż*** li t-trasferiment twettaq mingħajr ħlas jew għal ammont ferm aktar baxx mill-valur tas-suq. Ir-regoli dwar il-konfiska ta' parti terza jenħtieġ li jestendu kemm għall-persuni fiżiċi kif ukoll għal dawk ġuridiċi, mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-partijiet terzi li jinstemgħu, inkluż id-dritt li jitolbu s-sjieda tal-proprjetà kkonċernata. ***Fi kwalunkwe każ,*** jenħtieġ li d-drittijiet ta' partijiet terzi in bona fide ma jkunux affettwati.

suspettata***,*** akkużata ***jew ikkundannata***, anki meta r-reat kriminali jkun twettaq f'isimha jew għall-benefiċċju tagħha, u meta persuna akkużata ma jkollhiex proprjetà li tista' tiġi kkonfiskata. Tali konfiska jenħtieġ li tkun possibbli f'każijiet fejn***, abbażi ta' fatti u ċirkostanzi konkreti tal-każ, qorti nazzjonali tkun stabbiliet*** li ***l-mezzi strumentali, ir-rikavati jew il-proprjetà li jridu jiġu kkonfiskati jkunu ġejjin minn jew ikunu direttament jew indirettament marbuta ma' reat kriminali u*** partijiet terzi kienu jafu jew ***jistgħu jkunu mistennija li*** jafu li l-għan tat-trasferiment jew tal-akkwist kien li tiġi evitata l-konfiska ***jew li l-proprjetà ttrasferita kienet direttament jew indirettament marbuta ma' kondotta kriminali.*** Fatti u ċirkostanzi konkreti ***jistgħu jinkludu*** li t-trasferiment twettaq mingħajr ħlas jew ***bi skambju*** għal ammont ferm aktar baxx mill-valur tas-suq. Ir-regoli dwar il-konfiska ta' parti terza jenħtieġ li jestendu kemm għall-persuni fiżiċi kif ukoll għal dawk ġuridiċi, mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-partijiet terzi li jinstemgħu, inkluż id-dritt li jitolbu s-sjieda tal-proprjetà kkonċernata. Jenħtieġ li d-drittijiet ta' partijiet terzi in bona fide ***li jkunu pprovdew korrispettiv ġust tal-valur tas-suq għall-akkwist tal-assi*** ma jkunux affettwati. ***Tali partijiet terzi jenħtieġ li jingħataw l-opportunità li jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom dwar il-miżura ta' konfiska prevista jew li jkunu jistgħu jitolbu r-restituzzjoni tal-proprjetà fil-qorti. Madankollu, irid jitqies li l-kriminalità organizzata żviluppat kapaċità intraprenditorjali konsiderevoli maż-żmien, biex taħsel il-profitti ta' attivitajiet kriminali fl-ekonomija legali, billi tistabbilixxi kumpaniji u korporazzjonijiet fittizji, permezz tal-użu ta' prestanome, u jrid jitqies ukoll l-interess pubbliku prevalenti fil-ġlieda kontra l-fenomenu kriminali meta mqabbel mal-ħtieġa li jiġu protetti s-sitwazzjonijiet legali ta' persuni mhux relatati mal-proċedura ta' konfiska u rkupru. Għalhekk, meta l-parti***

	affettwata tkun relatata mill-qrib mal-persuna suspettata, akkużata jew ikkundannat, dik il-parti affettwata għandha ġġorr l-oneru tal-provi li l-akkwist tal-proprjetà ttrasferita sar in bona fide u bid-diliġenza dovuta.

Emenda 17

Proposta għal direttiva
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) Il-konfiska jenħtieġ li tkun possibbli wkoll meta qorti tkun sodisfatta li l-mezzi strumentali, ***ir-rikavat***, jew il-proprjetà inkwistjoni jkunu derivati minn kondotta kriminali iżda fejn ma tkunx possibbli kundanna finali minħabba mard, il-ħarba jew il-mewt tal-persuna suspettata jew akkużata, jew minħabba li l-persuna suspettata jew akkużata ma tkunx tista' tinżamm responsabbli minħabba immunità jew amnestija kif previst skont il-liġi nazzjonali. L-istess jenħtieġ li jkun possibbli meta l-limiti ta' żmien stabbiliti mil-liġi nazzjonali jkunu skadew, meta tali limiti ta' żmien ma jkunux twal biżżejjed biex jippermettu l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni effettivi tar-reati kriminali rilevanti. F'każijiet bħal dawn il-konfiska jenħtieġ li tkun permessa biss meta l-qorti nazzjonali tkun sodisfatta li l-elementi kollha tar-reat ikunu preżenti. Għal raġunijiet ta' proporzjonalità, il-konfiska ta' proprjetà mingħajr kundanna minn qabel jenħtieġ li tkun limitata għal każijiet ta' reati serji. Id-dritt tal-konvenut li jsir jaf bil-proċediment u li jkun rappreżentat minn avukat jenħtieġ li ma jiġix affettwat.	(26) Il-konfiska jenħtieġ li tkun possibbli wkoll meta qorti tkun sodisfatta li l-mezzi strumentali, ***ir-rikavat***, jew il-proprjetà inkwistjoni jkunu derivati minn kondotta kriminali iżda fejn ma tkunx possibbli kundanna finali minħabba mard, il-ħarba jew il-mewt tal-persuna suspettata jew akkużata, jew minħabba li l-persuna suspettata jew akkużata ma tkunx tista' tinżamm responsabbli minħabba immunità jew amnestija kif previst skont il-liġi nazzjonali ***u internazzjonali***. L-istess jenħtieġ li jkun possibbli meta l-limiti ta' żmien stabbiliti mil-liġi nazzjonali jkunu skadew, meta tali limiti ta' żmien ma jkunux twal biżżejjed biex jippermettu l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni effettivi tar-reati kriminali rilevanti. ***F'tali każijiet, huwa xieraq u proporzjonat li jiġi introdott limitu ta' żmien ta' 15-il sena. Għadd ta' Stati Membri diġà għandhom fis-seħħ tali għodod ta' konfiska mhux ibbażata fuq kundanna, li nstab li huma effettivi ħafna, speċjalment meta mqabbla ma' mekkaniżmi tradizzjonali ta' konfiska. Mekkaniżmi mhux ibbażati fuq kundanna għall-irkupru tal-assi ilhom li ġew rikonoxxuti fi trattati internazzjonali ewlenin, inkluża l-Konvenzjoni tan-NU kontra l-Korruzzjoni, u minn korpi li jistabbilixxu l-istandards bħat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja (FATF). Il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa tal-2005 dwar il-Ħasil tal-Flus, it-Tfittxija, il-***

	Qbid u l-Konfiska ta' Rikavati minn Attività Kriminali u l-Iffinanzjar tat-Terroriżmu tappella lill-Partijiet għall-Konvenzjoni biex jassistu lil Partijiet oħra fl-eżekuzzjoni tal-ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska li mhumiex ibbażati fuq kundanna kriminali. In-Network tal-Interaġenziji Camden għall-Irkupru tal-Assi ffinanzjat mill-Unjoni ħareġ ukoll diversi rakkomandazzjonijiet dwar il-konfiska mhux ibbażata fuq kundanna. F'każijiet bħal dawn il-konfiska jenħtieġ li tkun permessa biss meta l-qorti nazzjonali tkun sodisfatta li l-elementi kollha tar-reat ikunu preżenti. Għal raġunijiet ta' proporzjonalità, il-konfiska ta' proprjetà mingħajr kundanna minn qabel jenħtieġ li tkun limitata għal każijiet ta' reati serji. ***Il-konfiski li ma jsegwux kundanna jeħtieġ li jkunu konformi mad-drittijiet fundamentali. B'mod partikolari,*** id-dritt tal-konvenut li jsir jaf bil-proċediment u li jkun rappreżentat minn avukat jenħtieġ li ma jiġix affettwat.

Emenda 18

Proposta għal direttiva
Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, il-mard għandu jinftiehem bħala l-inkapaċità tal-persuna suspettata jew akkużata li tattendi l-proċedimenti kriminali għal perjodu estiż, u li minħabba f'hekk il-proċedimenti ma jkunux jistgħu jitkomplew.	(27) Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, il-mard għandu jinftiehem bħala l-inkapaċità tal-persuna suspettata jew akkużata***, ikkorroborata b'rapport mediku aċċertabbli,*** li tattendi l-proċedimenti kriminali***, anke b'mod remot,*** għal perjodu estiż, u li minħabba f'hekk il-proċedimenti ma jkunux jistgħu jitkomplew ***wara ċertu dewmien***.

Emenda 19

Proposta għal direttiva
Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(28) Minħabba n-natura intrinsikament mhux ċara tal-kriminalità organizzata, mhux dejjem ikun possibbli li l-proprjetà derivata minn attivitajiet kriminali tiġi marbuta ma' reat kriminali speċifiku u tiġi kkonfiskata dik il-proprjetà. F'sitwazzjonijiet bħal dawn, il-konfiska jenħtieġ li tkun possibbli taħt ċerti kundizzjonijiet inkluż b'mod partikolari: il-proprjetà tiġi ffriżata abbażi ta' suspett ta' reati mwettqa fil-qafas ta' organizzazzjoni kriminali, dawn ir-reati kriminali jistgħu jwasslu għal benefiċċji ekonomiċi sostanzjali u l-qorti tkun sodisfatta li l-proprjetà ffriżata tkun derivata minn attivitajiet kriminali mwettqa fil-qafas ta' organizzazzjoni kriminali. Dawn il-kundizzjonijiet jenħtieġ li jiżguraw li l-konfiska ta' proprjetà mhux marbuta ma' reat speċifiku li għalih is-sid ikun instab ħati tkun limitata għal attivitajiet kriminali ta' organizzazzjonijiet kriminali li huma ta' natura serja u li jistgħu jiġġeneraw benefiċċji sostanzjali. Meta jkunu qegħdin jiddeterminaw jekk ir-reati jistgħux iwasslu għal benefiċċji sinifikanti, l-Istati Membri jenħtieġ li jqisu ċ-ċirkostanzi rilevanti kollha tar-reat, inkluż jekk l-attivitajiet kriminali jkunux twettqu bl-intenzjoni li jiġġeneraw profitti sostanzjali regolari. Filwaqt li din jenħtieġ li ma tkunx prekundizzjoni biex il-qorti nazzjonali tkun sodisfatta li twettaq reat kriminali, il-qorti trid tkun sodisfatta li l-proprjetà inkwistjoni tkun derivata minn reati kriminali. Meta jkunu qegħdin jiddeterminaw jekk il-proprjetà inkwistjoni tkunx idderivat minn attivitajiet kriminali, il-qrati nazzjonali jenħtieġ li jqisu ċ-ċirkostanzi rilevanti kollha tal-każ, inkluż il-fatt li l-proprjetà tkun sostanzjalment sproporzjonata għall-introjtu legali tas-sid. L-Istati Membri mbagħad jenħtieġ li jirrikjedu u jagħtu possibbiltà effettiva lis-sid tal-proprjetà biex jagħti prova li l-proprjetà inkwistjoni tkun ġejja minn	(28) Minħabba n-natura intrinsikament mhux ċara tal-kriminalità organizzata, mhux dejjem ikun possibbli li l-proprjetà derivata minn attivitajiet kriminali tiġi marbuta ma' reat kriminali speċifiku u tiġi kkonfiskata dik il-proprjetà. ***Madankollu, jenħtieġ li jkun possibbli li l-assi jiġu kkonfiskati sabiex l-attivitajiet kriminali jiġu mfixkla u biex jiġi żgurat li l-profitti li jirriżultaw minn attivitajiet kriminali ma jiġux investiti mill-ġdid fl-ekonomija leċita.*** F'sitwazzjonijiet bħal dawn, il-konfiska jenħtieġ li tkun possibbli taħt ċerti kundizzjonijiet inkluż b'mod partikolari: il-proprjetà tiġi ffriżata abbażi ta' suspett ta' reati mwettqa fil-qafas ta' organizzazzjoni kriminali, dawn ir-reati kriminali jistgħu jwasslu għal benefiċċji ekonomiċi sostanzjali u l-qorti tkun sodisfatta li l-proprjetà ffriżata tkun derivata minn attivitajiet kriminali mwettqa fil-qafas ta' organizzazzjoni kriminali. Dawn il-kundizzjonijiet jenħtieġ li jiżguraw li l-konfiska ta' proprjetà mhux marbuta ma' reat speċifiku li għalih is-sid ikun instab ħati tkun limitata għal attivitajiet kriminali ta' organizzazzjonijiet kriminali li huma ta' natura serja u li jistgħu jiġġeneraw benefiċċji sostanzjali. Meta jkunu qegħdin jiddeterminaw jekk ir-reati jistgħux iwasslu għal benefiċċji sinifikanti, l-Istati Membri jenħtieġ li jqisu ċ-ċirkostanzi rilevanti kollha tar-reat, inkluż jekk l-attivitajiet kriminali jkunux twettqu bl-intenzjoni li jiġġeneraw profitti sostanzjali regolari. Filwaqt li din jenħtieġ li ma tkunx prekundizzjoni biex il-qorti nazzjonali tkun sodisfatta li twettaq reat kriminali, il-qorti trid tkun sodisfatta li l-proprjetà inkwistjoni tkun derivata minn reati kriminali. Meta jkunu qegħdin jiddeterminaw jekk il-proprjetà inkwistjoni tkunx idderivat minn attivitajiet kriminali, il-qrati nazzjonali jenħtieġ li jqisu ċ-ċirkostanzi rilevanti kollha tal-każ, inkluż il-fatt li l-proprjetà tkun sostanzjalment

attivitajiet legali.	sproporzjonata għall-introjtu legali tas-sid. L-Istati Membri mbagħad jenħtieġ li jirrikjedu u jagħtu possibbiltà effettiva lis-sid tal-proprjetà biex jagħti prova li l-proprjetà inkwistjoni tkun ġejja minn attivitajiet legali. ***F'dak il-kuntest, ir-Rakkomandazzjoni 4 tal-FATF tiddikjara wkoll li l-pajjiżi jenħtieġ li jikkunsidraw li jadottaw miżuri li jirrikjedu li awtur ta' reat juri l-oriġini legali tal-proprjetà li allegatament tista' tiġi kkonfiskata, sa fejn tali rekwiżit ikun konsistenti mal-prinċipji tal-liġi nazzjonali tagħhom.***

Emenda 20

Proposta għal direttiva
Premessa 28a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(28a) Jenħtieġ li jkun possibbli li tiġi ttraċċata u identifikata l-proprjetà li trid tiġi ffriżata u kkonfiskata anke wara kundanna finali għal reat kriminali jew wara proċedimenti ta' konfiska mhux ibbażata fuq kundanna. Madankollu, jenħtieġ li dik il-possibbiltà ma żżommx lill-Istati Membri milli jistabbilixxu limiti ta' żmien raġonevoli wara kundanni finali jew deċiżjonijiet finali fi proċedimenti ta' konfiska mhux ibbażata fuq kundanna, li warajhom ma jkunx aktar possibbli li tali proprjetà tiġi ttraċċata u identifikata.

Emenda 21

Proposta għal direttiva
Premessa 28b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(28b) L-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li t-talbiet tal-vittmi jiġu rrispettati bis-sħiħ qabel l-adozzjoni tal-miżura ta' konfiska finali.

L-Istati Membri jenħtieġ li jagħtu attenzjoni partikolari lit-talbiet tal-vittmi fil-proċedimenti kollha u speċjalment fil-każijiet transfruntieri. Barra minn hekk, l-Istati Membri, meta jkun possibbli u bħala kwistjoni ta' prijorità, jenħtieġ li jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jirrestitwixxu lill-vittma l-proprjetà kkonċernata jew, meta dak ma jkunx possibbli, valur li jkun ekwivalenti għal dik il-proprjetà.

Emenda 22

Proposta għal direttiva
Premessa 28c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(28c) L-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jippermettu li l-proprjetà kkonfiskata tintuża għall-interess pubbliku jew għal finijiet soċjali. Meta jitqiesu l-kostijiet sinifikanti assoċjati mat-traċċar u l-identifikazzjoni, l-iffriżar u l-konfiska, tali proprjetà tista' tinżamm bħala proprjetà tal-Istat għal finijiet ta' ġustizzja, infurzar tal-liġi, servizz pubbliku jew finijiet ekonomiċi jew tiġi ttrasferita lill-awtoritajiet lokali jew reġjonali responsabbli għaż-żona li fiha tinsab il-proprjetà għal finijiet istituzzjonali, soċjali jew ekonomiċi, inkluż biex tiġi assenjata lil organizzazzjonijiet li jwettqu xogħol ta' interess soċjali. Diversi Stati Membri, aktar minn għoxrin sena ilu, diġà adottaw leġiżlazzjoni speċifika li tipprevedi l-użu mill-ġdid dirett jew indirett ta' proprjetà kkonfiskata għal finijiet ta' interess pubbliku jew soċjali, li tibbenefika minn aspetti pożittivi multipli li jirriżultaw mill-użu mill-ġdid, kemm għall-finanzi pubbliċi kif ukoll għall-valur simboliku tagħha, bħala kontromessaġġ viżibbli għall-affermazzjoni tal-valuri tal-ġustizzja u l-legalità u r-rikostruzzjoni tat-territorji mmarkati mill-preżenza tal-kriminalità

organizzata.

Emenda 23

Proposta għal direttiva
Premessa 28d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(28d) Meta l-assi kkonfiskati jkunu oriġinaw minn pajjiż terz, jenħtieġ li l-Istati Membri jirritornawhom lill-pajjiż terz abbażi ta' ftehim ta' ritorn. Tali ftehimiet ta' ritorn jenħtieġ li jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku. Tali ftehimiet ta' ritorn jistgħu jistabbilixxu, fost l-oħrajn, kif il-fondi jkunu se jiġu investiti mill-ġdid, pereżempju billi jikkumpensaw għat-telf tal-vittmi jew jikkontribwixxu għal proġetti b'impatt soċjali għoli li jkunu ntgħażlu abbażi tal-ħtiġijiet tal-popolazzjonijiet affettwati u wara proċedura trasparenti.

Emenda 24

Proposta għal direttiva
Premessa 28e (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(28e) Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jenħtieġ li jiffaċilitaw il-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u ma' pajjiżi terzi fejn il-mezzi strumentali, ir-rikavati u l-proprjetà jkunu ġew ikkonfiskati wara l-ksur ta' miżuri restrittivi tal-Unjoni.

Emenda 25

Proposta għal direttiva
Premessa 28f (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(28f) Sabiex jiġu ffaċilitati l-kumpens, ir-restituzzjoni u r-riparazzjonijiet lill-Istati affettwati minn reati internazzjonali, jenħtieġ li l-Kummissjoni toħroġ linji gwida dwar l-użu tal-mezzi strumentali, ir-rikavati u l-proprjetà kkonfiskati għall-kumpens, ir-restituzzjoni u r-riparazzjonijiet lill-Istati, sakemm l-interessi inkwistjoni jkunu affettwati direttament jew indirettament mill-attivitajiet kriminali koperti minn din id-Direttiva. Meta l-assi jiġu kkonfiskati b'rabta mal-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna min-naħa tar-Russja, jew ma' reati assoċjati, mingħajr preġudizzju għar-restituzzjoni u għall-kumpens tal-vittmi jew tal-pubbliku kkonċernat mir-reat kriminali, l-assi kkonfiskati jew ir-rikavati netti li jirriżultaw mil-likwidazzjoni ta' tali assi jenħtieġ li jkunu assenjati għall-kontribuzzjonijiet f'dawk li huma l-isforzi ta' rikostruzzjoni tal-Ukrajna.

Emenda 26

Proposta għal direttiva
Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(29) Biex jiġi żgurat li l-proprjetà li tkun jew tista' ssir soġġetta għal ordni ta' ffriżar jew ta' konfiska żżomm il-valur ekonomiku tagħha, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu miżuri ta' ġestjoni effettivi. Tali miżuri jenħtieġ li jinkludu valutazzjoni sistematika ta' kif l-aħjar li jiġi ppreservat u ottimizzat il-valur tal-proprjetà qabel l-adozzjoni ta' miżuri ta' ffriżar, magħrufa wkoll bħala l-ippjanar ta' qabel il-qbid.	(29) Biex jiġi żgurat li l-proprjetà li tkun jew tista' ssir soġġetta għal ordni ta' ffriżar jew ta' konfiska żżomm il-valur ekonomiku tagħha, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu miżuri ta' ġestjoni effettivi. Tali miżuri jenħtieġ li jinkludu valutazzjoni sistematika ta' kif l-aħjar li jiġi ppreservat u ottimizzat il-valur tal-proprjetà qabel l-adozzjoni ta' miżuri ta' ffriżar, magħrufa wkoll bħala l-ippjanar ta' qabel il-qbid. ***L-ippjanar ta' qabel il-qbid jenħtieġ li jintuża fil-każijiet kollha sakemm l-urġenza tal-kwistjoni ma tkunx tirrikjedi l-limitazzjoni ta' dak l-ippjanar***

jew ir-rinunzja għalih.

Emenda 27

Proposta għal direttiva
Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(34) L-ordnijiet ta' ffriżar, ta' konfiska, u ta' bejgħ interlokutorju jenħtieġ li jiġu kkomunikati ***lill-parti*** affettwata mingħajr dewmien. L-għan tal-komunikazzjoni ta' dawk l-ordnijiet huwa, inter alia, li l-persuna affettwata tkun tista' tikkontestahom quddiem qorti. Għalhekk, jenħtieġ li tali komunikazzjonijiet, bħala regola ġenerali, jindikaw ir-raġuni jew ir-raġunijiet għall-ordni kkonċernata. Il-parti affettwata jenħtieġ li jkollha l-possibbiltà effettiva li tikkontesta l-ordnijiet ta' ffriżar, ta' konfiska, u ta' bejgħ interlokutorju. Fil-każ ta' ordnijiet ta' konfiska fejn ikunu preżenti l-elementi kollha tar-reat kriminali iżda kundanna kriminali tkun impossibbli, il-konvenut jenħtieġ li jkollu l-possibbiltà li jinstema' qabel l-adozzjoni tal-ordni. Jenħtieġ li tiġi pprovduta l-istess possibbiltà għas-sid affettwat minn ordni ta' bejgħ tal-proprjetà qabel il-konfiska.	(34) L-ordnijiet ta' ffriżar, ta' konfiska, u ta' bejgħ interlokutorju jenħtieġ li***, bħala prinċipju,*** jiġu kkomunikati ***lill-persuna*** affettwata mingħajr dewmien***, ħlief f'ċirkostanzi li fihom tali komunikazzjoni tista' tpoġġi f'riskju l-kunfidenzjalità jew l-integrità ta' investigazzjoni kriminali***. L-għan tal-komunikazzjoni ta' dawk l-ordnijiet huwa, inter alia, li l-persuna affettwata tkun tista' tikkontestahom quddiem qorti. Għalhekk, jenħtieġ li tali komunikazzjonijiet, bħala regola ġenerali, jindikaw ir-raġuni jew ir-raġunijiet għall-ordni kkonċernata. Il-parti affettwata jenħtieġ li jkollha l-possibbiltà effettiva li tikkontesta l-ordnijiet ta' ffriżar, ta' konfiska, u ta' bejgħ interlokutorju. Fil-każ ta' ordnijiet ta' konfiska fejn ikunu preżenti l-elementi kollha tar-reat kriminali iżda kundanna kriminali tkun impossibbli, il-konvenut jenħtieġ li jkollu l-possibbiltà li jinstema' qabel l-adozzjoni tal-ordni. Jenħtieġ li tiġi pprovduta l-istess possibbiltà għas-sid affettwat minn ordni ta' bejgħ tal-proprjetà qabel il-konfiska.

Emenda 28

Proposta għal direttiva
Premessa 39

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(39) Sistema ta' rkupru effettiva ***tirrikjedi*** l-isforzi maqbula ta' firxa wiesgħa ta' awtoritajiet, mill-infurzar tal-liġi, inklużi l-awtoritajiet doganali, l-	(39) Sistema ta' ***traċċar tal-assi u ta'*** rkupru effettiva ***kif ukoll iż-żamma tal-valur tal-assi ffriżati jirrikjedu*** l-isforzi maqbula ta' firxa wiesgħa ta' awtoritajiet,

awtoritajiet tat-taxxa u l-awtoritajiet tal-irkupru tat-taxxa sa fejn dawn ikunu kompetenti għall-irkupru tal-assi, l-uffiċċji għall-irkupru tal-assi, l-awtoritajiet ġudizzjarji u l-awtoritajiet għall-ġestjoni tal-assi, inklużi l-uffiċċji għall-ġestjoni tal-assi. Sabiex tiġi żgurata azzjoni koordinata mill-awtoritajiet kompetenti kollha, jeħtieġ li jiġi stabbilit approċċ aktar strateġiku għall-irkupru tal-assi u li tiġi promossa kooperazzjoni akbar bejn l-awtoritajiet rilevanti, u li tinkiseb ħarsa ġenerali ċara tar-riżultati tal-irkupru tal-assi. Għal dan il-għan, l-Istati Membri jenħtieġ li jadottaw u jirrieżaminaw b'mod regolari strateġija nazzjonali dwar l-irkupru tal-assi biex tiggwida l-azzjonijiet fir-rigward tal-investigazzjonijiet finanzjarji, l-iffriżar u l-konfiska, il-ġestjoni kif ukoll id-disponiment finali tal-mezzi strumentali, ir-rikavati, jew il-proprjetà rilevanti. Barra minn hekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti ***bir-riżorsi*** meħtieġa biex ikunu jistgħu jwettqu l-kompiti tagħhom b'mod effettiv. L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jinftiehmu bħala l-awtoritajiet inkarigati bit-twettiq tal-kompiti kif deskritti f'din id-Direttiva u skont l-istrutturi nazzjonali.

mill-infurzar tal-liġi, inklużi l-awtoritajiet doganali, l-awtoritajiet tat-taxxa u l-awtoritajiet tal-irkupru tat-taxxa sa fejn dawn ikunu kompetenti għall-irkupru tal-assi, l-uffiċċji għall-irkupru tal-assi, l-awtoritajiet ġudizzjarji u l-awtoritajiet għall-ġestjoni tal-assi, inklużi l-uffiċċji għall-ġestjoni tal-assi. Sabiex tiġi żgurata azzjoni koordinata mill-awtoritajiet kompetenti kollha, jeħtieġ li jiġi stabbilit approċċ aktar strateġiku għall-irkupru tal-assi u li tiġi promossa kooperazzjoni akbar bejn l-awtoritajiet rilevanti, u li tinkiseb ħarsa ġenerali ċara tar-riżultati tal-irkupru tal-assi. Għal dan il-għan, l-Istati Membri jenħtieġ li jadottaw u jirrieżaminaw b'mod regolari strateġija nazzjonali dwar l-irkupru tal-assi biex tiggwida l-azzjonijiet fir-rigward tal-investigazzjonijiet finanzjarji, l-iffriżar u l-konfiska, il-ġestjoni kif ukoll id-disponiment finali tal-mezzi strumentali, ir-rikavati, jew il-proprjetà rilevanti. ***L-istrateġiji nazzjonali jenħtieġ li jinkludu deskrizzjoni tar-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet kompetenti kollha involuti fl-irkupru, il-konfiska u l-ġestjoni tal-assi u l-mekkaniżmi partikolari ta' kooperazzjoni bejniethom.*** Barra minn hekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti ***r-riżorsi u s-setgħat legali*** meħtieġa biex ikunu jistgħu jwettqu l-kompiti tagħhom b'mod effettiv. L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jinftiehmu bħala l-awtoritajiet inkarigati bit-twettiq tal-kompiti kif deskritti f'din id-Direttiva u skont l-istrutturi nazzjonali.

Emenda 29

Proposta għal direttiva
Premessa 39a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(39a) Huwa importanti li standards minimi għall-funzjonament tal-uffiċċji għall-irkupru tal-assi u tal-uffiċċji għall-

ġestjoni tal-assi jkunu żgurati fl-Unjoni kollha. Għal din ir-raġuni, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu meħtieġa jirrapportaw regolarment lill-Kummissjoni dwar ir-riżorsi finanzjarji, umani u tekniċi allokati lil dawk l-uffiċċji.

Emenda 30

Proposta għal direttiva
Premessa 41

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(41) Biex jiġu żgurati approċċi konsistenti fost l-Istati Membri fil-ġbir tal-istatistika, jenħtieġ li ***l-Kummissjoni tingħata*** s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE biex tissupplimenta din id-Direttiva billi ***tadotta*** regoli aktar dettaljati dwar l-informazzjoni li għandha tingħabar ***u l-metodoloġija*** għall-ġbir ***tal-istatistika***.	(41) Biex jiġu żgurati approċċi konsistenti fost l-Istati Membri fil-ġbir tal-istatistika, ***jenħtieġ li l-Istati Membri jinkludu, għar-reati kriminali kollha, mill-inqas l-għadd ta' investigazzjonijiet varati dwar it-traċċar tal-assi, l-għadd ta' assi traċċati, l-għadd ta' ordnijiet ta' ffriżar mibdija u eżegwiti, l-għadd ta' ordnijiet ta' konfiska mibdija u eżegwiti, l-għadd ta' ordnijiet ta' konfiska eżegwiti diżaggregati skont it-tip ta' konfiska, il-valur tal-proprjetà ffriżata, għall-ordnijiet ta' konfiska inklużi f'rapport annwali rispettiv, il-valur tal-proprjetà kkonfiskata mqabbel mal-valur fil-mument tal-iffriżar tal-għadd ta' talbiet għal ordnijiet ta' ffriżar li jridu jiġu eżegwiti fi Stat Membru ieħor, l-għadd ta' talbiet għal ordnijiet ta' konfiska li jridu jiġu eżegwiti fi Stat Membru ieħor, il-valur tal-proprjetà rkuprata wara l-eżekuzzjoni fi Stat Membru ieħor, il-valur tal-proprjetà destinata li tintuża mill-ġdid għal finijiet ta' infurzar tal-liġi, ta' prevenzjoni jew soċjali, il-mod li bih il-proprjetà kkonfiskata tkun intużat u, għall-ordnijiet ta' konfiska inklużi f'rapport annwali rispettiv, it-tul tal-proċedura mill-iffriżar sar-disponiment finali.*** Jenħtieġ li ***tiġi delegata lill-Kummissjoni*** s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE biex tissupplimenta din id-Direttiva billi ***tipprovdi*** regoli aktar dettaljati dwar l-informazzjoni li għandha

tinġabar***, il-metodoloġija*** għall-ġbir ***u t-trażmissjoni tad-data lill-Kummissjoni***.

Emenda 31

Proposta għal direttiva
Premessa 43a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(43a) Sabiex il-Kummissjoni tiġi appoġġata fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva u jiġi ffaċilitat l-iskambju tal-aħjar prattiki u l-kooperazzjoni operazzjonali relatati ma' din id-Direttiva, jenħtieġ li jiġi stabbilit network dwar l-irkupru u l-konfiska tal-assi taħt il-gwida politika tal-Kummissjoni. In-network jenħtieġ li jkun magħmul minn rappreżentanti mill-uffiċċji għall-irkupru tal-assi u mill-uffiċċji għall-ġestjoni tal-assi u jenħtieġ li jkun kopresedut minn rappreżentant tal-Kummissjoni u, fi kwistjonijiet ta' kooperazzjoni operazzjonali, minn rappreżentant tal-Europol. Jenħtieġ li jistieden rappreżentanti mill-Europol, il-Eurojust, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew u, meta jkun xieraq, l-Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus biex jipparteċipaw fil-laqgħat tan-network.

Emenda 32

Proposta għal direttiva
Premessa 45

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(45) L-uffiċċji għall-irkupru tal-assi jenħtieġ li jikkooperaw mill-qrib ukoll mal-korpi u l-aġenziji ***tal-UE***, inklużi l-Europol***, il-Eurojust*** u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew, f'konformità mal-mandati rispettivi	(45) L-uffiċċji għall-irkupru tal-assi jenħtieġ li jikkooperaw mill-qrib ukoll mal-korpi u l-aġenziji ***tal-Unjoni***, inklużi l-Europol u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew, f'konformità mal-mandati rispettivi tagħhom, sa fejn ikun

tagħhom, sa fejn ikun meħtieġ li l-proprjetà tiġi ttraċċata u identifikata fl-investigazzjonijiet transfruntieri appoġġati mill-Europol ***u mill-Eurojust*** jew fl-investigazzjonijiet imwettqa mill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew. Jenħtieġ li l-uffiċċji għall-irkupru tal-assi jikkooperaw ukoll mal-Europol ***u mal-Eurojust,*** f'konformità ***mal-mandati rispettivi tagħhom***, sa fejn ikun meħtieġ li tiġi traċċata u identifikata proprjetà għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni jew l-investigazzjoni ta' reati kriminali relatati mal-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni.

meħtieġ li l-proprjetà tiġi ttraċċata u identifikata fl-investigazzjonijiet transfruntieri appoġġati mill-Europol jew fl-investigazzjonijiet imwettqa mill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew. ***Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, meta l-kunċett ta' awtoritajiet kompetenti jirreferi għall-awtoritajiet ta' investigazzjoni u ta' prosekuzzjoni, dan jenħtieġ li jiġi interpretat li jinkludi l-livelli ċentrali u deċentralizzati tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) fir-rigward tal-Istati Membri li jipparteċipaw fil-kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-UPPE. L-uffiċċji għall-irkupru tal-assi għalhekk jenħtieġ li jissodisfaw l-obbligi skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939[28a], inkluż l-obbligu li jirrapportaw lill-UPPE skont l-Artikolu 24 ta' dak ir-Regolament, it-twettiq ta' miżuri jekk jingħataw istruzzjonijiet bħala awtorità kompetenti skont l-Artikolu 28(1) ta' dak ir-Regolament, u l-aċċess għall-informazzjoni skont l-Artikolu 43(1) ta' dak ir-Regolament. Fid-dawl tad-dmirijiet tagħhom stabbiliti fl-Artikolu 105 tar-Regolament (UE) 2017/1939, l-Istati Membri li mhumiex qed jipparteċipaw fil-kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-UPPE jenħtieġ li jiżguraw li l-uffiċċji għall-irkupru tal-assi tagħhom ikunu jistgħu jikkooperaw mal-UPPE bl-istess mod bħal uffiċċju għall-irkupru tal-assi ta' kwalunkwe Stat Membru parteċipanti ieħor sa fejn dan ikun soġġett għall-kooperazzjoni tiegħu li jaqa' taħt il-kompetenzi tal-UPPE.*** Jenħtieġ li l-uffiċċji għall-irkupru tal-assi jikkooperaw ukoll mal-Europol f'konformità ***mal-mandat tagħha***, sa fejn ikun meħtieġ li tiġi traċċata u identifikata proprjetà għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni jew l-investigazzjoni ta' reati kriminali relatati mal-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni.

_____

[28a] ***Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") (ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1).***

Emenda 33

Proposta għal direttiva
Premessa 45a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(45a) F'konformità mal-mandat tagħha, jenħtieġ li l-Eurojust tappoġġa lill-awtoritajiet nazzjonali fl-istadji kollha tal-proċess ta' rkupru tal-assi mit-traċċar u l-identifikazzjoni, l-iffriżar, il-konfiska u l-ġestjoni tal-assi sad-disponiment tal-assi. L-uffiċċji għall-irkupru tal-assi u l-uffiċċji għall-ġestjoni tal-assi jenħtieġ li jikkooperaw mill-qrib mal-Eurojust bl-għan li jiffaċilitaw il-proċess kollu tal-irkupru tal-assi. Tali kooperazzjoni tinkludi t-traċċar u l-identifikazzjoni tal-mezzi strumentali, tar-rikavati, jew tal-proprjetà li jistgħu jsiru jew li jkunu s-suġġett ta' ordni ta' ffriżar jew ta' konfiska mogħtija minn awtorità kompetenti matul proċedimenti f'materji kriminali u d-disponiment sussegwenti, inklużi l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tar-reati kriminali relatati mal-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni.

Emenda 34

Proposta għal direttiva
Premessa 47

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(47) Minħabba li l-objettiv ta' din id-Direttiva, jiġifieri li tiġi ffaċilitata l-konfiska ta' proprjetà f'materji kriminali,	(47) Minħabba li l-objettiv ta' din id-Direttiva, jiġifieri li tiġi ffaċilitata l-konfiska ta' proprjetà ***fi proċedimenti***

ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jista' jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'|konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dak l-objettiv.	f'materji kriminali, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jista' jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'|konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dak l-objettiv.

Emenda 35

Proposta għal direttiva
Premessa 51

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(51) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) 2018/1725 u ta opinjoni ***fi XX/XX/20XX***.	(51) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) 2018/1725 u ta opinjoni ***fid-19 ta' Lulju 2022***.

Emenda 36

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Din id-Direttiva tistabbilixxi wkoll regoli biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni effettiva tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni u l-irkupru sussegwenti tal-proprjetà relatata fejn ikun meħtieġ għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni jew l-investigazzjoni ta' reati kriminali relatati mal-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni.	2. Din id-Direttiva tistabbilixxi wkoll regoli biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni effettiva tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni u ***t-traċċar u*** l-irkupru sussegwenti tal-proprjetà relatata fejn ikun meħtieġ għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni jew l-investigazzjoni ta' reati kriminali relatati mal-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni.

Emenda 37

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt m

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(m) il-kriminalità ambjentali***, inkluż it-traffikar illeċitu fi speċijiet ta' annimali fil-periklu u fi speċijiet u varjetajiet ta' pjanti fil-periklu*** kif ***iddefinit*** fid-Direttiva ***2008/99/KE*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***[50], kif ukoll reati relatati mat-tniġġis mill-bastimenti kif definiti fid-Direttiva 2005/35/KE kif emendata bid-Direttiva 2009/123/KE[51]***;	(m) il-kriminalità ambjentali kif ***iddefinita*** fid-Direttiva ***XXX/XXX/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [Proposta għal Direttiva*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ***dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali u li tissostitwixxi d-Direttiva 2008/99/KE]***;

50 Id-Direttiva 2008/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 328, 6.12.2008, p. 28).

51 Id-Direttiva 2009/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li temenda d-Direttiva 2005/35/KE dwar it-tniġġis ikkawżat minn vapuri u l-introduzzjoni ta' penali għal ksur (ĠU L 280, 27.10.2009, p. 52).

50 Id-Direttiva 2008/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 328, 6.12.2008, p. 28).

51 Id-Direttiva 2009/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li temenda d-Direttiva 2005/35/KE dwar it-tniġġis ikkawżat minn vapuri u l-introduzzjoni ta' penali għal ksur (ĠU L 280, 27.10.2009, p. 52).

Emenda 38

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt n

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(n) il-faċilitazzjoni ta' dħul u residenza mhux awtorizzati, kif definit fid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/946/JHA[52], u fid-Direttiva tal-Kunsill 2002/90/KE***[53]***;	(n) il-faċilitazzjoni ta' dħul u residenza mhux awtorizzati, kif definit fid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/946/JHA[52], u fid-Direttiva tal-Kunsill 2002/90/KE;

52 Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/946/JHA dwar it-tisħiħ tal-qafas penali biex ikun impedut it-tħaffif tad-dħul, it-tranżitu u r-residenza mhux awtorizzati (ĠU L 328, 5.12.2002, p. 1).

53 ***Id-Direttiva 2002/90/KE li***

52 Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/946/JHA dwar it-tisħiħ tal-qafas penali biex ikun impedut it-tħaffif tad-dħul, it-tranżitu u r-residenza mhux awtorizzati (ĠU L 328, 5.12.2002, p. 1).

tiddefinixxi l-iffaċilitar ta' dħul, tranżitu u residenza mhux awtorizzati (ĠU L 328, 5.12.2002, p. 17).

Emenda 39

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt ja (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ja) it-traffikar illeċitu ta' materjali nukleari jew radjuattivi;

Emenda 40
141
Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt jb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(jb) ir-reati li jaqgħu fil-ġuriżdizzjoni tal-Qorti Kriminali Internazzjonali;

Emenda 41

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt jc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(jc) il-qbid illegali ta' inġenji tal-ajru jew bastimenti;

Emenda 42

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt jd (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(jd) is-sabotaġġ;

Emenda 43

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt je (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(je) it-traffikar illeċitu ta' sustanzi ormonali u promoturi tat-tkabbir oħra;

Emenda 44

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt jf (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(jf) il-ħruq doluż;

Emenda 45

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt jg (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(jg) l-istupru;

Emenda 46

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt jh (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(jh) il-frodi b'għemil qarrieqi;

Emenda 47

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt ji (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ji) ir-razziżmu u l-ksenofobija;

Emenda 48

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) "proprjetà" tfisser proprjetà ta' kwalunkwe deskrizzjoni, kemm jekk materjali kif ukoll jekk immaterjali, mobbli jew immobbli, u d-dokumenti jew l-istrumenti legali li jixhdu t-titolu jew l-interess f'tali proprjetà;	(2) "proprjetà" tfisser proprjetà ta' kwalunkwe deskrizzjoni, kemm jekk materjali kif ukoll jekk immaterjali, mobbli jew immobbli, ***inklużi l-kriptoassi*** u d-dokumenti jew l-istrumenti legali ***fi kwalunkwe forma,*** li jixhdu t-titolu jew l-interess f'tali proprjetà;

Emenda 49

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 9a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(9a) "pubbliku kkonċernat" tfisser il-persuni affettwati jew li x'aktarx jiġu affettwati mir-reati msemmija fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva; għall-finijiet ta' din id-definizzjoni, persuni li jkollhom biżżejjed interess jew li jsostnu t-telf ta' dritt jew li jissodisfaw kwalunkwe rekwiżit proporzjonat skont il-liġi nazzjonali għandhom jitqiesu li għandhom interess;

Emenda 50

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 10a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10a) "persuna affettwata" tfisser:
	(a) persuna fiżika jew ġuridika li kontriha tinħareġ ordni ta' ffriżar jew ta' konfiska;
	(b) persuna fiżika jew ġuridika li tkun is-sid ta' proprjetà li tkun l-oġġett ta' ordni ta' ffriżar jew ta' konfiska; jew
	(c) parti terza li d-drittijiet tagħha fir-rigward ta' proprjetà li tkun l-oġġett ta' ordni ta' ffriżar jew ordni ta' konfiska jkunu ppreġudikati b'mod dirett minn dik l-ordni;

Emenda 51

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 10b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10b) "parti relatata mill-qrib ma' persuna suspettata, akkużata jew ikkundannata" tfisser:
	(a) il-konjuġi jew is-sieħeb/sieħba tal-persuna suspettata, akkużata jew ikkundannata;
	(b) l-axxendenti, id-dixxendenti u l-aħwa tal-persuna suspettata, akkużata jew ikkundannata jew tal-konjuġi jew is-sieħeb/sieħba ta' dik il-persuna;
	(c) il-persuni li jgħixu fid-dar tal-persuna suspettata, akkużata jew ikkundannata;
	(d) il-persuni li jkunu qed jaħdmu għall-persuna suspettata, akkużata jew ikkundannata b'kuntratt ta' impjieg b'aċċess għal informazzjoni mhux pubblika dwar l-affarijiet personali tal-persuna suspettata, akkużata jew ikkundannata jew li b'xi mod ieħor iwettqu kompiti li permezz tagħhom ikollhom aċċess għal informazzjoni mhux

	pubblika dwar l-affarijiet personali tal-persuna suspettata, akkużata jew ikkundannata;
	(e) l-entitajiet ġuridiċi li fihom il-persuna suspettata, akkużata jew ikkundannata jew waħda mill-persuni msemmija fil-punti (a) sa (d) ta' dan il-punt ikunu membri tal-korpi amministrattivi, maniġerjali jew superviżorji jew iwettqu dmirijiet li jipprevedu aċċess għal informazzjoni mhux pubblika dwar il-kwistjonijiet personali tal-persuna suspettata, akkużata jew ikkundannata.

Emenda 52

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Biex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni transfruntiera, l-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jippermettu t-traċċar u l-identifikazzjoni rapidi tal-mezzi strumentali u tar-rikavati, jew tal-proprjetà li ***tista' ssir*** jew ***li tkun is-suġġett*** ta' ordni ta' ffriżar jew ta' konfiska matul proċedimenti kriminali.	1. Biex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni transfruntiera, l-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jippermettu t-traċċar u l-identifikazzjoni rapidi tal-mezzi strumentali u tar-rikavati, jew tal-proprjetà li ***jistgħu jsiru*** jew ***ikunu s-suġġett*** ta' ordni ta' ffriżar jew ta' konfiska matul proċedimenti ***f'materji*** kriminali.

Emenda 53

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-investigazzjonijiet tat-traċċar tal-assi skont il-paragrafu 1 għandhom jitwettqu wkoll għall-finijiet tar-restituzzjoni u l-kumpens lill-vittmi.

Emenda 54

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jittraċċaw u jidentifikaw ***l-mezzi*** strumentali, ir-rikavati, jew il-proprjetà kull meta jkun meħtieġ biex jappoġġaw awtoritajiet nazzjonali kompetenti oħra responsabbli għall-investigazzjonijiet għat-traċċar tal-assi skont l-Artikolu 4;	(a) jittraċċaw u jidentifikaw ***il-mezzi*** strumentali, ir-rikavati, jew il-proprjetà kull meta jkun meħtieġ biex jappoġġaw awtoritajiet nazzjonali kompetenti oħra responsabbli ***u l-UPPE*** għall-investigazzjonijiet għat-traċċar tal-assi skont l-Artikolu 4;

Emenda 55

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jittraċċaw u jidentifikaw ***l-mezzi*** strumentali, ir-rikavati, jew il-proprjetà li ***tista' ssir*** jew ***li tkun is-suġġett*** ta' ordni ta' ffriżar jew ta' konfiska maħruġa minn Stat Membru ieħor;	(b) jittraċċaw u jidentifikaw ***il-mezzi*** strumentali, ir-rikavati, jew il-proprjetà li ***jistgħu jsiru*** jew ***ikunu s-suġġett*** ta' ordni ta' ffriżar jew ta' konfiska maħruġa minn ***awtorità kompetenti fi*** Stat Membru ieħor;

Emenda 56

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jikkooperaw u jiskambjaw informazzjoni mal-uffiċċji għall-irkupru tal-assi ta' Stati Membri oħra fit-traċċar u l-identifikazzjoni ta' mezzi strumentali u ta' rikavati, jew ta' proprjetà li ***tista' ssir*** jew ***li tkun is-suġġett*** ta' ordni ta' ffriżar jew ta' konfiska;	(c) jikkooperaw u jiskambjaw informazzjoni mal-uffiċċji għall-irkupru tal-assi ta' Stati Membri oħra ***u mal-UPPE*** fit-traċċar u l-identifikazzjoni ta' mezzi strumentali u ta' rikavati, jew ta' proprjetà li ***jistgħu jsiru*** jew ***ikunu s-suġġett*** ta' ordni ta' ffriżar jew ta' konfiska;

Emenda 57

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Sabiex iwettqu l-kompiti previsti fil-paragrafu 2, il-punt (b), l-uffiċċji għall-irkupru tal-assi għandu jkollhom id-dritt li jitolbu lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti jieħdu l-miżuri meħtieġa għat-traċċar u l-identifikazzjoni tal-mezzi strumentali, tar-rikavati, jew tal-proprjetà.

Emenda 58

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-uffiċċji għall-irkupru tal-assi għandhom jingħataw is-setgħa li jittraċċaw u jidentifikaw il-proprjetà ta' persuni u entitajiet soġġetti għal ***sanzjonijiet finanzjarji mmirati tal-UE*** fejn ikun meħtieġ għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni jew l-investigazzjoni ta' reati kriminali. Għal dak il-għan, huma għandhom jikkooperaw mal-uffiċċji għall-irkupru tal-assi u ma' awtoritajiet kompetenti rilevanti oħra fi Stati Membri oħra u jiskambjaw informazzjoni rilevanti.	3. L-uffiċċji għall-irkupru tal-assi għandhom jingħataw is-setgħa li jittraċċaw u jidentifikaw il-proprjetà ***ta'*** persuni u entitajiet soġġetti għal ***miżuri restrittivi tal-Unjoni*** fejn ikun meħtieġ għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni jew l-investigazzjoni ta' reati kriminali. Għal dak il-għan, huma għandhom jikkooperaw mal-uffiċċji għall-irkupru tal-assi u ma' awtoritajiet kompetenti rilevanti oħra fi Stati Membri oħra u jiskambjaw informazzjoni rilevanti.

Emenda 59

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Għall-finijiet tat-twettiq tal-kompiti msemmija fl-Artikolu 5, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-uffiċċji għall-irkupru tal-assi jkollhom aċċess ***immedjat u dirett għall-informazzjoni li ġejja*** sa fejn dik l-informazzjoni tkun meħtieġa għat-traċċar u l-identifikazzjoni ***tar-rikavati, il-***	1. Għall-finijiet tat-twettiq tal-kompiti msemmija fl-Artikolu 5, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-uffiċċji għall-irkupru tal-assi jkollhom aċċess ***xieraq għal kwalunkwe informazzjoni*** sa fejn dik l-informazzjoni tkun meħtieġa għat-traċċar u l-identifikazzjoni ***tal-mezzi*** strumentali,

mezzi strumentali, u l-proprjetà:

ir-rikavati u l-proprjetà***. Dak l-aċċess għandu jinkludi***:

(1a) aċċess dirett jew immedjat għal:

(a) data fiskali, inkluża d-data miżmuma mill-awtoritajiet tat-taxxa u tad-dħul;

(i) data fiskali, inkluża d-data miżmuma mill-awtoritajiet tat-taxxa u tad-dħul;

(b) ir-reġistri nazzjonali tal-proprjetà immobbli jew is-sistemi elettroniċi għall-irkupru tad-data u r-reġistri tal-art u katastali;

(ii) ir-reġistri nazzjonali tal-proprjetà immobbli jew is-sistemi elettroniċi għall-irkupru tad-data u r-reġistri tal-art u katastali;

(c) ir-reġistri nazzjonali taċ-ċittadinanza u tal-popolazzjoni ta' persuni fiżiċi;

(iii) ir-reġistri nazzjonali taċ-ċittadinanza u tal-popolazzjoni ta' persuni fiżiċi;

(d) ir-reġistri nazzjonali tal-vetturi bil-mutur, tal-inġenji tal-ajru u tal-opri tal-baħar;

(iv) ir-reġistri nazzjonali tal-vetturi bil-mutur, tal-inġenji tal-ajru u tal-opri tal-baħar;

(e) il-bażijiet tad-data kummerċjali, inklużi r-reġistri tan-negozji u tal-kumpaniji;

(v) il-bażijiet tad-data kummerċjali, inklużi r-reġistri tan-negozji u tal-kumpaniji;

(vi) reġistri nazzjonali tas-sjieda benefiċjarja inklużi reġistri ta' sidien benefiċjarji ta' trusts u arranġamenti legali simili;

(vii) id-data disponibbli permezz tal-interkonnessjoni tar-reġistri tas-sjieda benefiċjarja f'konformità ma' [l-Artikolu 12 tal-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mekkaniżmi li għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri għall-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu u li tħassar id-Direttiva (UE) 2015/849 COM/2021/423];

(f) ir-reġistri nazzjonali tas-sigurtà soċjali;

(viii) ir-reġistri nazzjonali tas-sigurtà soċjali;

(ix) ir-reġistri tal-kontijiet bankarji, inkluża informazzjoni dwar trasferimenti elettroniċi u bilanċi tal-kontijiet.

(1b) aċċess dirett jew indirett għal:

(i) informazzjoni dwar ipoteki u self;

(ii) informazzjoni li tinsab fil-bażijiet

	tad-data dwar il-munita nazzjonali u dawk dwar il-kambju ta' muniti;
	(iii) informazzjoni dwar titoli;
	(iv) data doganali, inklużi t-trasferimenti fiżiċi transfruntiera ta' flus kontanti;
	(v) informazzjoni miżmuma mill-qrati kummerċjali;
	(vi) informazzjoni dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali tal-kumpaniji;
	(vii) informazzjoni dwar il-kriptoassi[1a];
	(viii) informazzjoni dwar reġistri rilevanti ta' oġġetti jew assi ta' valur għoli
	(ix) f'konformità mal-liġi tal-Unjoni, id-data maħżuna fis-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS), is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS II), is-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES), is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) u s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali għal Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi (ECRIS-TCN).
(g) informazzjoni rilevanti li tkun miżmuma mill-awtoritajiet kompetenti għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali.	***(x)*** informazzjoni rilevanti li tkun miżmuma mill-awtoritajiet kompetenti għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali.
	[1a] Kriptoassi fl-ambitu tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-Swieq fil-Kriptoassi u li jemenda d-Direttiva (UE) 2019/1937

Emenda 60

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta l-informazzjoni msemmija fil-	2. Meta l-informazzjoni msemmija fil-

paragrafu 1 ma tiġix maħżuna f'bażijiet tad-data jew f'reġistri, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-uffiċċji għall-irkupru tal-assi jkunu jistgħu jiksbu malajr dik l-informazzjoni b'mezzi oħra.	paragrafu 1 ma tiġix maħżuna f'bażijiet tad-data jew f'reġistri, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-uffiċċji għall-irkupru tal-assi jkunu jistgħu jiksbu malajr dik l-informazzjoni b'mezzi oħra ***b'mod simplifikat u armonizzat***. ***Meta uffiċċju għall-irkupru tal-assi jitlob aċċess għal informazzjoni li ma tkunx direttament disponibbli għalih, l-awtorità rikjesta għandha twieġeb għat-talba f'ħin utli.***

Emenda 61

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 30 biex jistabbilixxu l-ispeċifikazzjonijiet ta' mudell standardizzat għat-talbiet għal informazzjoni kif imsemmi fil-paragrafu 1, il-punt (b) ta' dan l-Artikolu.

Emenda 62

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-aċċess dirett u immedjat għall-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandu jkun mingħajr preġudizzju għas-salvagwardji proċedurali stabbiliti skont il-liġi nazzjonali.	3. L-aċċess dirett u immedjat ***u indirett*** għall-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandu jkun mingħajr preġudizzju għas-salvagwardji proċedurali stabbiliti skont il-liġi nazzjonali***, inkluż fejn meħtieġ ir-rekwiżit li tinkiseb deċiżjoni ġudizzjarja, jekk meħtieġa mil-liġi nazzjonali rilevanti u l-garanziji previsti fl-acquis tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data***.

Emenda 63

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-aċċess għall-informazzjoni skont l-Artikolu 6 għandu jitwettaq biss fejn ikun meħtieġ fuq bażi ta' każ b'każ mill-persunal speċifikament maħtur u awtorizzat biex jaċċessa l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 6.	1. L-aċċess għall-informazzjoni skont l-Artikolu 6 għandu jitwettaq biss fejn ikun meħtieġ fuq bażi ta' każ b'każ ***meta jkun adegwat, rilevanti u proporzjonat għall-finijiet tal-investigazzjoni għat-traċċar tal-assi*** mill-persunal speċifikament maħtur u awtorizzat biex jaċċessa l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 6***, b'mod konformi mad-Direttiva 2016/680 (LED). L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni miksuba mill-uffiċċji għall-irkupru tal-assi għandha tintuża biss għall-iskop li għalih tkun intalbet.***

Emenda 64

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persunal tal-uffiċċji għall-irkupru tal-assi jikkonforma mar-regoli dwar il-kunfidenzjalità u s-segretezza professjonali kif previst skont il-liġi nazzjonali applikabbli. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li l-persunal tal-uffiċċji għall-irkupru tal-assi jkollu l-ħiliet u l-kapaċitajiet speċjalizzati meħtieġa biex iwettaq ir-rwoli tiegħu b'mod effettiv.	2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persunal tal-uffiċċji għall-irkupru tal-assi jikkonforma mar-regoli dwar il-kunfidenzjalità u s-segretezza professjonali kif previst skont il-liġi nazzjonali applikabbli***, kif ukoll mal-acquis tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data***. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li l-persunal tal-uffiċċji għall-irkupru tal-assi jkollu l-ħiliet u l-kapaċitajiet speċjalizzati meħtieġa biex iwettaq ir-rwoli tiegħu b'mod effettiv.

Emenda 65

Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Mingħajr preġudizzju ***għall-Artikolu*** 25 tad-Direttiva 2016/680, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet li jkollhom l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 6 iżommu reġistri tal-attivitajiet kollha ta' aċċess u ta' tfittxija mill-uffiċċji għall-irkupru tal-assi f'konformità ma' din id-Direttiva. Ir-reġistri għandu jkun fihom dan li ġej:	1. Mingħajr preġudizzju ***għar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu*** 25 tad-Direttiva 2016/680, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet li jkollhom l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 6 iżommu reġistri tal-attivitajiet kollha ta' aċċess u ta' tfittxija mill-uffiċċji għall-irkupru tal-assi f'konformità ma' din id-Direttiva. Ir-reġistri għandu jkun fihom dan li ġej:

Emenda 66

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-uffiċċji għall-irkupru tal-assi tagħhom jipprovdu, fuq talba minn uffiċċju għall-irkupru tal-assi ta' Stat Membru ieħor, kwalunkwe informazzjoni li tkun meħtieġa għat-twettiq tal-kompiti tagħhom skont l-Artikolu 5. Il-kategoriji ta' data personali li jistgħu jiġu pprovduti huma dawk elenkati fit-Taqsima B, il-punt 2 tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2016/794.	L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-uffiċċji għall-irkupru tal-assi tagħhom jipprovdu, fuq talba minn uffiċċju għall-irkupru tal-assi ta' Stat Membru ieħor ***jew l-UPPE***, kwalunkwe informazzjoni li tkun meħtieġa għat-twettiq tal-kompiti tagħhom skont l-Artikolu 5. Il-kategoriji ta' data personali li jistgħu jiġu pprovduti huma dawk elenkati fit-Taqsima B, il-punt 2 tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2016/794***, bl-esklużjoni tal-kategoriji ta' data speċjali ta' data personali relatata ma' informazzjoni ta' identifikazzjoni forensika skont it-Taqsima B, il-punt 2(c)(v).***

Emenda 67

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta jagħmel talba skont il-paragrafu 1, l-uffiċċju għall-irkupru tal-assi	2. Meta jagħmel talba skont il-paragrafu 1, l-uffiċċju għall-irkupru tal-assi

rikjedenti għandu jispeċifika bl-aktar mod preċiż possibbli dan li ġej:	rikjedenti għandu***, f'konformità mal-prinċipju tal-minimizzazzjoni tad-data,*** jispeċifika bl-aktar mod preċiż possibbli dan li ġej:

Emenda 68

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 2 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) u/jew il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi preżunti li huma involuti, bħall-ismijiet, l-indirizzi, id-dati u l-postijiet tat-twelid, id-data tar-reġistrazzjoni, l-azzjonisti, il-kwartieri ġenerali;	(g) u/jew il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi preżunti li huma involuti, bħall-ismijiet, l-indirizzi, id-dati u l-postijiet tat-twelid, ***in-nazzjonalità u l-post tar-residenza,*** id-data tar-reġistrazzjoni, l-azzjonisti, ***il-pajjiż tal-istabbiliment,*** il-kwartieri ġenerali ***u s-sussidjarji***;

Emenda 69

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jippermettu li l-uffiċċji għall-irkupru tal-assi tagħhom jiskambjaw informazzjoni mal-uffiċċji għall-irkupru tal-assi ta' Stati Membri oħra, mingħajr talba għal dak il-għan, kull meta jkunu jafu b'informazzjoni dwar mezzi strumentali, rikavat, jew proprjetà li huma jqisu bħala meħtieġa għat-twettiq tal-kompiti tal-uffiċċji għall-irkupru tal-assi skont l-Artikolu 5. Meta jipprovdu tali informazzjoni, l-uffiċċji għall-irkupru tal-assi għandhom jispeċifikaw ir-raġunijiet għaliex l-informazzjoni skambjata tkun meqjusa bħala neċessarja.	3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jippermettu li l-uffiċċji għall-irkupru tal-assi tagħhom jiskambjaw informazzjoni mal-uffiċċji għall-irkupru tal-assi ta' Stati Membri oħra, mingħajr talba għal dak il-għan, kull meta jkunu jafu b'informazzjoni dwar mezzi strumentali, rikavat, jew proprjetà li huma jqisu bħala meħtieġa għat-twettiq tal-kompiti tal-uffiċċji għall-irkupru tal-assi ***ta' dak l-Istat Membru l-ieħor*** skont l-Artikolu 5. Meta jipprovdu tali informazzjoni, l-uffiċċji għall-irkupru tal-assi għandhom jispeċifikaw ir-raġunijiet għaliex l-informazzjoni skambjata tkun meqjusa bħala neċessarja.

Emenda 70

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni pprovduta mill-uffiċċji għall-irkupru tal-assi skont il-paragrafi 1, 2 u 3 tkun tista' tiġi ppreżentata bħala evidenza quddiem qorti nazzjonali ta' Stat Membru, ***f'konformità mal-proċeduri fil-liġi nazzjonali***.	4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni pprovduta mill-uffiċċji għall-irkupru tal-assi skont il-paragrafi 1, 2 u 3 tkun tista' tiġi ppreżentata bħala evidenza quddiem qorti nazzjonali ta' Stat Membru, ***meta l-għoti ta' dik l-informazzjoni bħala evidenza tkun kompatibbli mar-regoli proċedurali ta' dak l-Istat Membru dwar l-ammissibbiltà ta' evidenza f'materji kriminali, u f'konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u mal-obbligi tal-Istat Membru previsti fl-Artikolu 6 tat-TUE***.

Emenda 71

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-uffiċċji għall-irkupru tal-assi ***jkollhom*** aċċess dirett għas-SIENA ***u jużaw is-sistema SIENA għall-iskambju ta' informazzjoni skont dan l-Artikolu***.	5. ***L-informazzjoni msemmija f'dan l-Artikolu għandha tiġi skambjata permezz ta' SIENA jew, fejn meħtieġ fuq bażi eċċezzjonali, permezz ta' kanali siguri oħra.*** L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-uffiċċji għall-irkupru tal-assi ***tagħhom ikollhom*** aċċess dirett għas-SIENA.

Emenda 72

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 6 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) ma jkunx konformi mal-prinċipji fundamentali tal-liġi nazzjonali, mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-

Unjoni Ewropea jew mal-obbligi tal-Istat Membru previsti fl-Artikolu 6 tat-TUE.

Emenda 73

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li jingħataw ir-raġunijiet ***għar-rifjut*** li ***tiġi pprovduta l-informazzjoni***. Ir-rifjuti għandhom jaffettwaw biss il-parti tal-informazzjoni mitluba li magħha jkunu relatati r-raġunijiet stabbiliti fil-paragrafu 6 u għandhom, fejn applikabbli, iħallu l-obbligu li jiġu pprovduti l-partijiet l-oħra tal-informazzjoni f'konformità ma' din id-Direttiva mhux affettwat.	7. ***Għar-rifjuti li tiġi pprovduta l-informazzjoni,***l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li jingħataw ir-raġunijiet ***u*** li ***l-uffiċċju għall-irkupru tal-assi li jagħmel it-talba jiġi kkonsultat minn qabel***. Ir-rifjuti għandhom jaffettwaw biss il-parti tal-informazzjoni mitluba li magħha jkunu relatati r-raġunijiet stabbiliti fil-paragrafu 6 u għandhom, fejn applikabbli, iħallu l-obbligu li jiġu pprovduti l-partijiet l-oħra tal-informazzjoni f'konformità ma' din id-Direttiva mhux affettwat.

Emenda 74

Proposta għal direttiva
Artikolu 10 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta l-informazzjoni mitluba skont il-paragrafu 1(b) ma tkunx direttament disponibbli jew it-talba skont il-paragrafu 1(a) timponi piż sproporzjonat, l-uffiċċju għall-irkupru tal-assi li jirċievi t-talba jista' jipposponi l-għoti tal-informazzjoni. F'dak il-każ, l-uffiċċju għall-irkupru tal-assi rikjest għandu jinforma minnufih lill-uffiċċju għall-irkupru tal-assi rikjedenti b'dan il-posponiment u għandu jipprovdi l-informazzjoni mitluba malajr kemm jista' jkun, u fi kwalunkwe każ fi żmien tlett ijiem mill-iskadenza inizjali stabbilita skont il-paragrafu 1.	2. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-wasla ta' talbiet għal informazzjoni skont din id-Direttiva tiġi rikonoxxuta immedjatament u sistematikament.*** Meta l-informazzjoni mitluba skont il-paragrafu 1(b) ma tkunx direttament disponibbli jew it-talba skont il-paragrafu 1(a) timponi piż sproporzjonat, l-uffiċċju għall-irkupru tal-assi li jirċievi t-talba jista' jipposponi l-għoti tal-informazzjoni. F'dak il-każ, l-uffiċċju għall-irkupru tal-assi rikjest għandu jinforma minnufih lill-uffiċċju għall-irkupru tal-assi rikjedenti b'dan il-posponiment u għandu jipprovdi l-

	informazzjoni mitluba malajr kemm jista' jkun, u fi kwalunkwe każ fi żmien tlett ijiem mill-iskadenza inizjali stabbilita skont il-paragrafu 1.

Emenda 75

Proposta għal direttiva
Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jippermettu l-iffriżar tal-proprjetà meħtieġ biex tiġi żgurata l-konfiska possibbli ta' dik il-proprjetà skont l-Artikolu 12.	1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jippermettu l-iffriżar tal-proprjetà meħtieġ biex tiġi żgurata l-konfiska possibbli ta' dik il-proprjetà skont ***l-Artikoli*** 12 ***sa 16, u biex jiġi żgurat id-dritt tal-vittmi għal restituzzjoni u kumpens b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva***.

Emenda 76

Proposta għal direttiva
Artikolu 11 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Il-miżuri ta' ffriżar għandhom jikkonsistu f'ordnijiet ta' ffriżar u azzjoni immedjata fil-forma ta' miżuri temporanji urġenti ta' ffriżar.

Emenda 77

Proposta għal direttiva
Artikolu 11 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Il-miżuri*** ta' ffriżar ***għandhom jinkludu azzjoni immedjata li għandha tittieħed*** meta jkun meħtieġ sabiex tiġi ppreservata l-proprjetà.	2. ***Għandha tittieħed azzjoni immedjata fil-forma ta' miżuri temporanji urġenti*** ta' ffriżar meta jkun meħtieġ sabiex tiġi ppreservata l-proprjetà ***kkonċernata***.

Emenda 78

Proposta għal direttiva
Artikolu 11 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom jippermettu lill-uffiċċji għall-irkupru tal-assi jieħdu azzjoni immedjata skont il-paragrafu 2 sakemm tinħareġ ordni ta' ffriżar skont il-paragrafu 1. Il-validità ta' tali miżuri ta' ffriżar urġenti temporanji ma għandhiex taqbeż is-sebat ijiem.	3. ***Mingħajr preġudizzju għas-setgħat ta' awtoritajiet kompetenti oħra,*** l-Istati Membri għandhom jippermettu lill-uffiċċji għall-irkupru tal-assi jieħdu azzjoni immedjata skont il-paragrafu 2 sakemm tinħareġ ordni ta' ffriżar skont il-paragrafu 1. Il-validità ta' tali miżuri ta' ffriżar urġenti temporanji ma għandhiex taqbeż is-sebat ijiem.

Emenda 79

Proposta għal direttiva
Artikolu 11 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-proprjetà fil-pussess ta' parti terza tista' tkun soġġetta għal miżuri ta' ffriżar skont il-paragrafi 1***, 2 u*** 3 fejn ikun meħtieġ biex tiġi żgurata konfiska possibbli ***skont l-Artikolu*** 13.	4. Il-proprjetà fil-pussess ta' parti terza tista' tkun soġġetta għal miżuri ta' ffriżar skont il-paragrafi 1 ***sa*** 3 fejn ikun meħtieġ biex tiġi żgurata konfiska possibbli ***fis-sens tal-Artikolu*** 13.

Emenda 80

Proposta għal direttiva
Artikolu 11 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ***l-ordnijiet*** ta' ffriżar skont il-paragrafi 1***, 2, 3 u*** 4 jinħarġu minn awtorità kompetenti u jkunu mmotivati adegwatament.	5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ***l-miżuri*** ta' ffriżar skont il-paragrafi 1 ***sa*** 4 jinħarġu minn awtorità kompetenti u jkunu mmotivati adegwatament. ***F'każ li l-ordni ta' ffriżar fis-sens ta' din id-Direttiva tkun inħarġet minn awtorità kompetenti li ma tkunx awtorità ġudizzjarja, l-Istat Membru***

	għandu jiżgura li tali ordni jew tiġi vvalidata jew annullata minn awtorità ġudizzjarja mingħajr dewmien żejjed.

Emenda 81

Proposta għal direttiva
Artikolu 11 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. ***L-ordni*** ta' ffriżar skont il-paragrafu 1 għandha tibqa' fis-seħħ biss sakemm ikun meħtieġ biex tiġi ppreservata l-proprjetà fid-dawl ta' konfiska possibbli sussegwenti. Il-proprjetà ffriżata li ma tiġix sussegwentement ikkonfiskata, għandha tiġi rritornata lis-sid tal-proprjetà ***mingħajr dewmien***. Il-kundizzjonijiet jew ir-regoli proċedurali li bihom tali proprjetà tiġi rritornata għandhom jiġu ddeterminati mil-liġi nazzjonali.	6. ***Ordni*** ta' ffriżar skont il-paragrafu 1 għandha tibqa' fis-seħħ biss sakemm ikun meħtieġ biex tiġi ppreservata l-proprjetà fid-dawl ta' konfiska possibbli sussegwenti. Il-proprjetà ffriżata li ma tiġix sussegwentement ikkonfiskata, għandha tiġi rritornata ***mingħajr dewmien*** lis-sid tal-proprjetà ***jew lill-persuna li mingħandha tkun inqabdet il-proprjetà***. Il-kundizzjonijiet jew ir-regoli proċedurali li bihom tali proprjetà tiġi rritornata għandhom jiġu ddeterminati mil-liġi nazzjonali.

Emenda 82

Proposta għal direttiva
Artikolu 12 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jippermettu l-konfiska ta' proprjetà li l-valur tagħha jikkorrispondi għal mezzi strumentali jew rikavati li jirriżultaw minn reat kriminali wara kundanna finali, li tista' tirriżulta wkoll minn proċedimenti in absentia.	2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jippermettu l-konfiska ta' proprjetà li l-valur tagħha jikkorrispondi għal mezzi strumentali jew rikavati li jirriżultaw minn reat kriminali wara kundanna finali, li tista' tirriżulta wkoll minn proċedimenti in absentia. ***Tali konfiska tista' tkun jew sussidjarja jew alternattiva għall-konfiska skont il-paragrafu 1.***

Emenda 83

Proposta għal direttiva
Artikolu 13 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jippermettu l-konfiska ta' rikavat, jew ta' proprjetà oħra li ***l-valur tagħhom jikkorrispondi għal rikavat***, li, direttament jew indirettament, ***ikun ġie ittrasferit*** minn persuna suspettata jew ***akkużata*** lil partijiet terzi, jew li ***kien akkwistat*** minn partijiet terzi mingħand persuna suspettata jew ***akkużata***.	L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jippermettu l-konfiska ta' ***mezzi strumentali u*** rikavat, jew ta' proprjetà oħra ***sal-valur*** li ***jikkorrispondi għal dawk il-mezzi strumentali u r-rikavat***, li, direttament jew indirettament, ***ikunu ġew ittrasferiti*** minn persuna suspettata***, akkużata*** jew ***kundannata*** lil partijiet terzi, jew li ***kienu akkwistati*** minn partijiet terzi mingħand persuna suspettata***, akkużata*** jew ***kundannata***.

Emenda 84

Proposta għal direttiva
Artikolu 13 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-konfiska ta' ***dan*** ir-rikavat jew ***ta'*** proprjetà oħra għandha tkun tista' ssir fejn ***ikun ġie*** stabbilit li dawk il-partijiet terzi kienu jafu jew ***kellhom ikunu*** jafu li l-għan tat-trasferiment jew tal-akkwist kien li tiġi evitata l-konfiska***, abbażi ta'*** fatti u ċirkostanzi ***konkreti, inkluż li*** t-trasferiment ***jew l-akkwist ikun twettaq*** mingħajr ħlas jew għal ***ammont ferm aktar baxx mill-valur*** tas-suq.	Il-konfiska ta' ***dawk il-mezzi strumentali,*** ir-rikavati jew proprjetà oħra għandha tkun tista' ssir fejn ***qorti nazzjonali tkun*** stabbilit***, abbażi tal-fatti u ċ-ċirkustanzi konkreti tal-każ, li l-mezzi strumentali, ir-rikavati jew il-proprjetà li se tiġi konfiskata huma derivati minn reat kriminali jew marbuta direttament jew indirettament ma' reat kriminali u*** li dawk il-partijiet terzi kienu jafu jew ***huwa mistenni li jkunu*** jafu li l-għan tat-trasferiment jew tal-akkwist kien li tiġi evitata l-konfiska ***jew li l-proprjetà trasferita kienet direttament jew indirettament marbuta nar-reat kriminali inkwistjoni. Tali*** fatti u ċirkostanzi ***jistgħu jinkludu*** t-trasferiment ***imwettaq*** mingħajr ħlas jew għal ***ħlas li l-ammont tiegħu huwa sproporzjonat għall-valur*** tas-suq ***tal-proprjetà***.

Emenda 85

Proposta għal direttiva
Artikolu 13 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-paragrafu 1 ma għandux jaffettwa d-drittijiet ta' persuni terzi in bona fide.	2. Il-paragrafu 1 ma għandux jaffettwa d-drittijiet ta' persuni terzi in bona fide. ***meta l-parti affettwata tkun relatata mill-qrib mal-persuna suspettata, akkużata jew ikkundanna, dik il-parti affettwata għandha ġġorr l-oneru tal-provi li l-akkwist tal-proprjetà ttrasferita sar in bona fide u bid-diliġenza dovuta.*** ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-drittijiet tal-persuna affettwata jiġu rispettati inkluż billi tingħata aċċess għal avukat, tingħata aċċess għall-fajl u billi tiġi żgurata d-dritt li tinstema' dwar kwistjonijiet ta' dritt u ta' fatt.***

Emenda 86

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-mard tal-persuna suspettata jew akkużata;	(a) il-mard tal-persuna suspettata jew akkużata***, fejn l-inabbiltà li jitkomplew il-proċedimenti minħabba dak il-mard jirriżulta fl-iskadenza tal-limiti stabbiliti fil-liġi nazzjonali għar-responsabbiltà kriminali***;

Emenda 87

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) l-immunità mill-prosekuzzjoni tal-persuna suspettata jew akkużata, kif prevista skont il-liġi nazzjonali;	(d) l-immunità mill-prosekuzzjoni tal-persuna suspettata jew akkużata, kif prevista skont il-liġi nazzjonali ***jew internazzjonali***;

Emenda 88

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) il-limiti ta' żmien stabbiliti mil-liġi nazzjonali jkunu skadew, meta tali limiti ma jkunux twal biżżejjed biex jippermettu l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni effettivi tar-reati kriminali rilevanti.	(f) il-limiti ta' żmien stabbiliti mil-liġi nazzjonali jkunu skadew, meta tali limiti ma jkunux twal biżżejjed ***u ma jaqbżux ħmistax-il sena*** biex jippermettu l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni effettivi tar-reati kriminali rilevanti.

Emenda 89

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-konfiska mingħajr kundanna minn qabel għandha tkun limitata għal reati kriminali li jistgħu jwasslu, direttament jew indirettament, għal benefiċċju ekonomiku sostanzjali u sa fejn biss il-qorti nazzjonali tkun sodisfatta li l-elementi kollha tar-reat ikunu preżenti.	2. Il-konfiska mingħajr kundanna minn qabel għandha tkun limitata għal reati kriminali li jistgħu jwasslu, direttament jew indirettament, għal benefiċċju ekonomiku sostanzjali u sa fejn biss il-qorti nazzjonali tkun sodisfatta***, abbażi tal-informazzjoni disponibbli,*** li l-elementi kollha tar-reat ikunu preżenti ***u tkun stabbilit li l-mezzi strumentali, ir-rikavati jew il-proprjetà li għandhom jiġu kkonfiskati huma derivati mill-imġiba kriminali inkwistjoni jew huma direttament jew indirettament marbuta mar-reat kriminali inkwistjoni***. ***L-oneru tal-prova għandu jkun fuq il-prosekuzzjoni.***

Emenda 90

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Qabel ma l-qorti toħroġ ordni ta' konfiska skont it-tifsira tal-paragrafi 1 u 2,	3. Qabel ma l-qorti toħroġ ordni ta' konfiska skont it-tifsira tal-paragrafi 1 u 2,

l-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-drittijiet tad-difiża tal-persuna affettwata jiġu rrispettati anki billi tingħata aċċess għall-fajl u d-dritt li tinstema' dwar kwistjonijiet ta' dritt u ta' fatt.	l-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-drittijiet tad-difiża tal-persuna affettwata jiġu rrispettati anki billi tingħata aċċess ***għal avukat u*** għall-fajl***,*** u d-dritt li tinstema' dwar kwistjonijiet ta' dritt u ta' fatt.

Emenda 91

Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jippermettu l-konfiska ta' proprjetà, meta l-konfiska ma tkunx possibbli skont l-Artikoli 12 sa 15 u ***jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet*** li ***ġejjin:***	1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jippermettu l-konfiska ta' proprjetà ***ffriżata fil-kuntest ta' investigazzjoni ta' reati kriminali***, meta l-konfiska ma tkunx possibbli skont l-Artikoli 12 sa 15 u ***meta l-qorti nazzjonali tkun sodisfatta*** li ***l-proprjetà ffriżata tkun ġejja minn reat kriminali li jista' jwassal, direttament jew indirettament, għal benefiċċju ekonomiku sostanzjali u li jkun twettaq fil-qafas ta' organizzazzjoni kriminali.***
(a) il-proprjetà tiġi ffriżata fil-kuntest ta' investigazzjoni dwar reati kriminali mwettqa fil-qafas ta' organizzazzjoni kriminali;	
(b) ir-reat kriminali skont il-punt (a) jista' jwassal, direttament jew indirettament, għal benefiċċju ekonomiku sostanzjali;	
(c) il-qorti nazzjonali tkun sodisfatta li l-proprjetà ffriżata tkun derivata minn reati kriminali mwettqa fil-qafas ta' organizzazzjoni kriminali.	
	Sabiex jiġi ddeterminat jekk il-proprjetà ffriżata tkunx derivata minn reat kriminali, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jitqiesu ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, inklużi l-fatti speċifiċi u l-evidenza disponibbli, bħall-fatt li l-valur tal-proprjetà jkun sostanzjalment

	sproporzjonat għall-introjtu legali tas-sid tal-proprjetà li ma jistax ikun iġġustifikat abbażi ta' attivitajiet leċiti. L-oneru tal-prova għandu jkun fuq il-prosekuzzjoni.

Emenda 92

Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta jkun qed jiġi ddeterminat jekk il-proprjetà ffriżata tkunx derivata minn reati kriminali, għandhom jitqiesu ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, inklużi l-fatti speċifiċi u l-evidenza disponibbli, bħal li l-valur tal-proprjetà jkun sostanzjalment sproporzjonat għall-introjtu legali tas-sid tal-proprjetà.	***imħassar***

Emenda 93

Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Qabel ma l-qorti toħroġ ordni ta' konfiska skont it-tifsira tal-paragrafi 1 u 2, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-drittijiet tad-difiża tal-persuna affettwata jiġu rrispettati anki billi tingħata aċċess għall-fajl u d-dritt li tinstema' dwar kwistjonijiet ta' dritt u ta' fatt.	4. Qabel ma l-qorti toħroġ ordni ta' konfiska skont it-tifsira tal-paragrafi 1 u 2, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-drittijiet tad-difiża tal-persuna affettwata jiġu rrispettati anki billi tingħata aċċess ***għal avukat u*** għall-fajl**,** u d-dritt li tinstema' dwar kwistjonijiet ta' dritt u ta' fatt.

Emenda 94

Proposta għal direttiva
Artikolu 17 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jieħdu	1. L-Istati Membri għandhom jieħdu

l-miżuri meħtieġa biex jippermettu t-traċċar u l-identifikazzjoni tal-proprjetà li għandha tiġi ffriżata u kkonfiskata anki wara kundanna finali għal reat kriminali, jew wara proċedimenti b'applikazzjoni tal-Artikoli 15 u 16.	l-miżuri meħtieġa biex jippermettu t-traċċar u l-identifikazzjoni tal-proprjetà li għandha tiġi ffriżata u kkonfiskata anki wara kundanna finali għal reat kriminali, jew wara proċedimenti b'applikazzjoni tal-Artikoli 15 u 16. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tali investigazzjonijiet ikunu possibbli wkoll bil-għan li l-vittmi jkunu jistgħu jiksbu kumpens.***

Emenda 95

Proposta għal direttiva
Artikolu 17 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jikkunsidraw li jieħdu miżuri li jippermettu li l-proprjetà kkonfiskata tintuża għal skopijiet ta' interess pubbliku jew soċjali.	***imħassar***

Emenda 96

Proposta għal direttiva
Artikolu 17 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Għall-fini tal-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jużaw l-istess setgħat investigattivi bħal dawk disponibbli għat-traċċar u l-iffriżar tal-assi skont il-Kapitolu II ta' din id-Direttiva.

Emenda 97

Proposta għal direttiva
Artikolu 17 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2b. L-Istati Membri jistgħu jikkonkludu ftehimiet ta' kondiviżjoni tal-kostijiet ma' xulxin għall-eżekuzzjoni ta' ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska.

Emenda 98

Proposta għal direttiva
Artikolu 18 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta, bħala riżultat ta' reat kriminali, il-vittmi jkollhom talbiet kontra l-persuna li tkun soġġetta għal miżura ta' konfiska prevista skont din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li ***l-miżura*** ta' konfiska ***ma taffettwax id-drittijiet tal-vittmi li jiksbu kumpens għat-talbiet tagħhom***.	1. Meta, bħala riżultat ta' reat kriminali, il-vittmi jkollhom talbiet kontra l-persuna li tkun soġġetta għal miżura ta' konfiska prevista skont din id-Direttiva, l-Istati Membri***, bħala kwistjoni ta' prijorità,*** għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li ***t-talbiet tal-vittmi għall-kumpens jitqiesu qabel il-miżura*** ta' konfiska ***finali. L-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lit-talbiet tal-vittma f'każijiet transfruntiera***.

Emenda 99

Proposta għal direttiva
Artikolu 18 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Fejn, bħala riżultat ta' reat kriminali, vittma tkun intitolata għar-restituzzjoni ta' proprjetà soġġetta għal konfiska, l-Istati Membri, fejn possibbli u bħala kwistjoni ta' prijorità, għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex iroddu lura l-proprjetà kkonċernata lill-vittma f'konformità mat-talba tiegħu f'każijiet transfruntiera.

Emenda 100

Proposta għal direttiva
Artikolu 18b – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1b. Fejn ma jkunx possibbli li l-proprjetà tiġi restitwita lill-vittma f'konformità mat-tieni paragrafu, u l-assi finanzjarji jkunu nkisbu bħala riżultat tal-eżekuzzjoni tal-konfiska jew il-bejgħ interlokutorju fir-rigward ta' dik il-proprjetà, tali assi għandhom jiġu ttrasferiti lill-vittma għall-finijiet ta' restituzzjoni.

Emenda 101

Proposta għal direttiva
Artikolu 18a – paragrafu 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 18a
	Użu ulterjuri tal-proprjetà kkonfiskata
	1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex il-proprjetà kkonfiskata tkun tista' tintuża għal skopijiet ta' interess pubbliku jew soċjali. Tali proprjetà tista' tinżamm bħala proprjetà pubblika għal finijiet ta' ġustizzja, ta' infurzar tal-liġi, ta' servizz pubbliku jew dawk ekonomiċi jew tiġi ttrasferita lill-awtoritajiet lokali jew reġjonali responsabbli għaż-żona li fiha tkun tinsab il-proprjetà, għal finijiet istituzzjonali, soċjali jew ekonomiċi, inkluż biex tiġi assenjata lil organizzazzjonijiet li jwettqu xogħol ta' interess soċjali.

Emenda 102

Proposta għal direttiva
Artikolu 18a – paragrafu 2 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2. Meta l-assi kkonfiskati jkunu oriġinaw minn pajjiż terz, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu3, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa kollha biex jibagħtuhom lura lejn il-pajjiż terz. Dak l-obbligu huwa mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li jinżamm porzjon tal-assi biex ikopri l-kostijiet assoċjati mat-traċċar u l-identifikazzjoni jew il-ġestjoni direttament relatati ma' tali assi.

Emenda 103

Proposta għal direttiva
Artikolu 18a – paragrafu 3 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3. F'każijiet fejn il-mezzi strumentali, ir-rikavat u l-proprjetà jkunu ġew ikkonfiskati b'rabta mal-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni u sabiex jiġu ffaċilitati l-kumpens, ir-restituzzjoni u r-riparazzjonijiet lejn Stati affettwati minn reati internazzjonali relatati ma' tali miżuri restrittivi, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiffaċilitaw il-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u ma' pajjiżi terzi. ***Il-Kummissjoni għandha toħroġ linji gwida dwar l-użu tal-mezzi strumentali, ir-rikavat u l-proprjetà kkonfiskati għall-kumpens, ir-restituzzjoni u r-riparazzjonijiet favur l-Istati, speċjalment fiċ-ċirkostanzi ta' gwerra ta' aggressjoni sa fejn l-interessi inkwistjoni jkunu affettwati direttament jew indirettament mill-attivitajiet kriminali koperti minn din id-Direttiva.***

Emenda 104

Proposta għal direttiva
Artikolu 18b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 18b
	Drittijiet għall-pubbliku kkonċernat li jipparteċipa fi proċedimenti
	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, f'konformità mas-sistema legali nazzjonali tagħhom, il-membri tal-pubbliku kkonċernat ikollhom id-drittijiet xierqa biex jipparteċipaw fil-proċedimenti koperti minn din id-Direttiva.

Emenda 105

Proposta għal direttiva
Artikolu 19 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, qabel ma joħorġu ordni ta' ffriżar skont it-tifsira tal-Artikolu 11(1), l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-ġestjoni tal-proprjetà ffriżata u kkonfiskata jwettqu valutazzjoni tal-kostijiet li jistgħu jiġġarrbu fil-ġestjoni tal-proprjetà li tista' tiġi ffriżata, għall-finijiet tal-preservazzjoni u l-ottimizzazzjoni tal-valur ta' tali proprjetà sad-disponiment tagħha.	2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, qabel ma joħorġu ordni ta' ffriżar skont it-tifsira tal-Artikolu 11(1), l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-ġestjoni tal-proprjetà ffriżata u kkonfiskata jwettqu valutazzjoni tal-kostijiet li jistgħu jiġġarrbu fil-ġestjoni tal-proprjetà li tista' tiġi ffriżata, għall-finijiet tal-preservazzjoni u l-ottimizzazzjoni tal-valur ta' tali proprjetà sad-disponiment tagħha***, sakemm iċ-ċirkustanzi speċifiċi ta' każ ma jkunux jeħtieġu li tali valutazzjoni tkun posposta. Kwalunkwe deċiżjoni tal-awtoritajiet kompetenti li jirrinunzjaw għal tali valutazzjoni għandha tkun debitament ġustifikata.***

Emenda 106

Proposta għal direttiva
Artikolu 19 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-Istati Membri jistgħu jirrikjedu li l-kostijiet għall-ġestjoni tal-proprjetà ffriżata jiġu fatturati, tal-anqas parzjalment, lis-sid benefiċjarju.

Emenda 107

Proposta għal direttiva
Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-proprjetà soġġetta għall-iffriżar titħassar jew tiġi deprezzata ***malajr***;	(a) il-proprjetà soġġetta għall-iffriżar titħassar jew tiġi deprezzata;

Emenda 108

Proposta għal direttiva
Artikolu 20 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-kostijiet tal-ħżin jew tal-manutenzjoni tal-proprjetà jkunu sproporzjonati għall-valur tagħha;	(b) il-kostijiet tal-ħżin jew tal-manutenzjoni tal-proprjetà jkunu sproporzjonati għall-valur ***tas-suq*** tagħha;

Emenda 109

Proposta għal direttiva
Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ***il-proprjetà tkun diffiċli wisq biex tiġi amministrata, jew*** il-ġestjoni ***tagħha*** tirrikjedi kundizzjonijiet speċjali u għarfien espert ***mhux*** faċilment disponibbli.	(c) il-ġestjoni ***tal-proprjetà*** tirrikjedi kundizzjonijiet speċjali u għarfien espert ***li mhuwiex*** faċilment disponibbli.

Emenda 110

Proposta għal direttiva
Artikolu 20 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-interessi tas-sid tal-proprjetà jiġu kkunsidrati meta tinħareġ ordni ta' bejgħ interlokutorju, inkluż jekk il-proprjetà li għandha tinbiegħ tkunx faċilment sostitwibbli. Bl-eċċezzjoni ta' każijiet ta' ħarba, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sid tal-proprjetà li tista' tkun soġġetta għal bejgħ interlokutorju jiġi nnotifikat u ***mismugħ*** qabel il-bejgħ. Is-sid għandu jingħata l-possibbiltà li jitlob il-bejgħ tal-proprjetà.	2. L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-interessi tas-sid tal-proprjetà jiġu kkunsidrati meta tinħareġ ordni ta' bejgħ interlokutorju, inkluż jekk il-proprjetà li għandha tinbiegħ tkunx faċilment sostitwibbli. Bl-eċċezzjoni ta' każijiet ta' ħarba ***u f'ċirkustanzi debitament ġġustifikati***, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sid tal-proprjetà li tista' tkun soġġetta għal bejgħ interlokutorju jiġi nnotifikat u ***mogħti l-opportunità li jinstema'*** qabel il-bejgħ. Is-sid għandu jingħata l-possibbiltà li jitlob il-bejgħ tal-proprjetà.

Emenda 111

Proposta għal direttiva
Artikolu 20 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-qligħ mill-bejgħ interlokutorju ***jenħtieġ li*** jiġi żgurat sakemm tintlaħaq deċiżjoni ġudizzjarja dwar il-konfiska. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex jipproteġu lix-xerrejja terzi ta' proprjetà mibjugħa minn miżuri ta' ritaljazzjoni, biex jiżguraw li l-proprjetà mibjugħa ma tiġix irritornata lil persuni kkundannati għar-reati kriminali msemmija fl-Artikolu 2.	3. Il-qligħ mill-bejgħ interlokutorju ***għandu*** jiġi żgurat sakemm tintlaħaq deċiżjoni ġudizzjarja dwar il-konfiska. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex jipproteġu lix-xerrejja terzi ta' proprjetà mibjugħa minn miżuri ta' ritaljazzjoni, biex jiżguraw li l-proprjetà mibjugħa ma tiġix irritornata lil persuni kkundannati għar-reati kriminali msemmija fl-Artikolu 2.

Emenda 112

Proposta għal direttiva
Artikolu 20 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri jistgħu jirrikjedu li l-kostijiet għall-ġestjoni tal-proprjetà ffriżata jiġu imposti fuq is-sid beneficjarju.	***imħassar***

Emenda 113

Proposta għal direttiva
Artikolu 21 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) li jikkooperaw ma' awtoritajiet kompetenti oħra responsabbli għat-traċċar u l-identifikazzjoni, l-iffriżar u l-konfiska ta' proprjetà, skont din id-Direttiva;	(c) li jikkooperaw ma' awtoritajiet kompetenti oħra responsabbli għat-traċċar u l-identifikazzjoni, l-iffriżar u l-konfiska ta' proprjetà, skont din id-Direttiva***, inklużi l-aġenziji u l-korpi tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 28, f'konformità mal-oqsma ta' kompetenza tagħhom***;

Emenda 114

Proposta għal direttiva
Artikolu 22 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ordnijiet ta' ffriżar skont l-Artikolu 11, l-ordnijiet ta' konfiska skont l-Artikoli 12 sa 16, u l-ordnijiet għall-bejgħ tal-proprjetà skont l-Artikolu 20 jiġu kkomunikati lill-persuna affettwata filwaqt li jiġu speċifikati r-raġunijiet għall-miżura.	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ordnijiet ta' ffriżar skont l-Artikolu 11, l-ordnijiet ta' konfiska skont l-Artikoli 12 sa 16, u l-ordnijiet għall-bejgħ tal-proprjetà skont l-Artikolu 20 jiġu kkomunikati lill-persuna affettwata filwaqt li jiġu speċifikati r-raġunijiet għall-miżura ***kif ukoll id-drittijiet u r-rimedji ġuridiċi disponibbli għall-persuna affettwata skont l-Artikolu 23. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu regoli li jippermettu l-posponiment temporanju tal-obbligu li l-persuni affettwati jiġu infurmati fejn meħtieġ u b'mod proporzjonat għall-protezzjoni ta' investigazzjonijiet kriminali li jkunu għaddejjin.***

Emenda 115

Proposta għal direttiva
Artikolu 23 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jipprevedu l-possibbiltà effettiva għall-persuna li l-proprjetà tagħha tkun ġiet affettwata li tikkontesta l-ordni ta' ffriżar skont l-Artikolu 11 quddiem qorti, f'konformità mal-proċeduri stipulati fil-liġi nazzjonali. Meta l-ordni ta' ffriżar tkun ittieħdet minn awtorità kompetenti għajr awtorità ġudizzjarja, il-liġi nazzjonali għandha tipprevedi li tali ordni l-ewwel għandha tiġi sottomessa għal validazzjoni jew rieżami lil awtorità ġudizzjarja qabel ma tkun tista' tiġi kkontestata quddiem qorti.	2. L-Istati Membri għandhom jipprevedu l-possibbiltà effettiva għall-persuna li l-proprjetà tagħha tkun ġiet affettwata li tikkontesta l-ordni ta' ffriżar skont l-Artikolu 11 quddiem qorti, f'konformità mal-proċeduri stipulati fil-liġi nazzjonali. Meta l-ordni ta' ffriżar tkun ittieħdet minn awtorità kompetenti għajr awtorità ġudizzjarja, il-liġi nazzjonali għandha tipprevedi li tali ordni l-ewwel għandha tiġi sottomessa għal validazzjoni jew rieżami***, fi żmien raġonevoli,*** lil awtorità ġudizzjarja qabel ma tkun tista' tiġi kkontestata quddiem qorti.

Emenda 116

Proposta għal direttiva
Artikolu 23 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fil-każ ta' ordnijiet ta' konfiska skont l-Artikolu 13, tali ċirkostanza għandha tinkludi fatti u ċirkostanzi li fuqhom kienet ibbażata s-sejba li l-parti terza kienet taf jew ***kellha tkun*** taf li l-iskop tat-trasferiment jew ***tal-akkwiżizzjoni*** kien li tiġi evitata l-konfiska.	Fil-każ ta' ordnijiet ta' konfiska skont l-Artikolu 13, tali ċirkostanza għandha tinkludi fatti u ċirkostanzi li fuqhom kienet ibbażata s-sejba li l-parti terza kienet taf jew ***seta' kien mistenni li kienet*** taf li l-iskop tat-trasferiment jew ***tal-akkwist*** kien li tiġi evitata l-konfiska ***jew li l-proprjetà ttrasferita kienet direttament jew indirettament marbuta ma' mġiba kriminali abbażi ta' fatti u ċirkostanzi konkreti bħall-fatt li t-trasferiment jew l-akkwist twettaq mingħajr ħlas jew għal ħlas li l-ammont tiegħu huwa sproporzjonat għall-valur tas-suq.***

Emenda 117

Proposta għal direttiva
Artikolu 23 – paragrafu 4 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fil-każ ta' ordnijiet ta' konfiska skont l-Artikoli 14 u 16, tali ċirkostanzi għandhom jinkludu fatti speċifiċi u evidenza disponibbli li abbażi tagħhom il-proprjetà kkonċernata titqies li tkun proprjetà derivata minn imġiba kriminali.	Fil-każ ta' ordnijiet ta' konfiska skont l-Artikoli 14 u 16, tali ċirkostanzi għandhom jinkludu fatti speċifiċi u evidenza disponibbli li abbażi tagħhom il-proprjetà kkonċernata titqies li tkun proprjetà derivata ***direttament jew indirettament*** minn imġiba kriminali.

Emenda 118

Proposta għal direttiva
Artikolu 23 – paragrafu 4 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fil-każ ta' ordnijiet ta' konfiska skont l-Artikolu 15, tali ċirkostanzi għandhom jinkludu fatti u evidenza li abbażi tagħhom il-qorti nazzjonali tkun ikkonkludiet li l-elementi kollha tar-reat huma preżenti.	Fil-każ ta' ordnijiet ta' konfiska skont l-Artikolu 15, tali ċirkostanzi għandhom jinkludu fatti u evidenza li abbażi tagħhom il-qorti nazzjonali tkun ikkonkludiet li l-elementi kollha tar-reat huma preżenti ***u li l-proprjetà kkonċernata hija direttament jew indirettament derivata minn imġiba kriminali***.

Emenda 119

Proposta għal direttiva
Artikolu 24 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jadottaw sa [sena wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] strateġija nazzjonali dwar l-irkupru tal-assi u jaġġornawha f'intervalli regolari ta' mhux aktar minn ***ħames*** snin.	1. L-Istati Membri għandhom jadottaw sa [sena wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] strateġija nazzjonali dwar l-irkupru tal-assi u jaġġornawha f'intervalli regolari ta' mhux aktar minn ***erba'*** snin.

Emenda 120

Proposta għal direttiva
Artikolu 24 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-objettivi strateġiċi, il-prijoritajiet u l-miżuri għall-finijiet tat-tisħiħ tal-isforzi mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti kollha involuti fl-irkupru ta' proprjetà kif stabbilit f'din id-Direttiva;	(a) l-objettivi strateġiċi, il-prijoritajiet u l-miżuri għall-finijiet tat-tisħiħ tal-isforzi mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti kollha involuti fl-irkupru ***u l-ġestjoni*** ta' proprjetà kif stabbilit f'din id-Direttiva;

Emenda 121

Proposta għal direttiva
Artikolu 24 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) qafas ta' governanza biex jintlaħqu l-objettivi u l-prijoritajiet strateġiċi, ***inkluża*** deskrizzjoni tar-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet kompetenti kollha u ***l-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni***;	(b) qafas ta' governanza biex jintlaħqu l-objettivi u l-prijoritajiet strateġiċi, ***inkluż qafas ta' kooperazzjoni effettiv bejn l-uffiċċji għall-irkupru tal-assi u l-uffiċċji għall-ġestjoni tal-assi, u*** deskrizzjoni ***ulterjuri*** tar-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet kompetenti kollha u ***l-kooperazzjoni bejn l-uffiċċji għall-irkupru tal-assi u l-unitajiet tal-intelligence finanzjarja***;

Emenda 122

Proposta għal direttiva
Artikolu 24 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) mekkaniżmi xierqa għall-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni fil-livelli strateġiċi u operazzjonali fost l-awtoritajiet kompetenti kollha;	(c) mekkaniżmi xierqa għall-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni fil-livelli strateġiċi u operazzjonali fost l-awtoritajiet kompetenti kollha ***inklużi l-aġenziji u l-korpi tal-Unjoni rilevanti***;

Emenda 123

Proposta għal direttiva
Artikolu 24 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ir-riżorsi ***magħmula disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti, inkluż it-taħriġ***;	(d) ir-riżorsi ***finanzjarji xierqa, it-taħriġ xieraq u l-kapaċitajiet legali xierqa mqiegħda għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet kompetenti***;

Emenda 124

Proposta għal direttiva
Artikolu 24 – paragrafu 2 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) rikors għall-possibbiltà li jintużaw assi ffriżati u kkonfiskati għal finijiet ta' interess pubbliku jew soċjali u għall-kumpens, ir-restituzzjoni u r-riparazzjonijiet lill-Istati f'konformità mal-Artikolu 18a;

Emenda 125

Proposta għal direttiva
Artikolu 24 – paragrafu 2 – punt eb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(eb) miżuri meħuda biex jiġi żgurat li l-proprjetà kkonfiskata tintuża biex tikkumpensa lill-vittmi;

Emenda 126

Proposta għal direttiva
Artikolu 25 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-uffiċċji għall-irkupru tal-assi u l-uffiċċji	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-uffiċċji għall-irkupru tal-assi u l-uffiċċji

għall-ġestjoni tal-assi li jwettqu kompiti skont din id-Direttiva, ikollhom persunal kwalifikat b'mod xieraq u riżorsi finanzjarji, tekniċi u teknoloġiċi xierqa meħtieġa għat-twettiq effettiv tal-funzjonijiet tagħhom relatati mal-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva.

għall-ġestjoni tal-assi li jwettqu kompiti skont din id-Direttiva, ikollhom persunal kwalifikat b'mod xieraq u riżorsi finanzjarji, tekniċi u teknoloġiċi xierqa meħtieġa għat-twettiq effettiv tal-funzjonijiet tagħhom relatati mal-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jingħata taħriġ speċjalizzat lill-personal u jkun hemm skambji tal-aħjar prattiki għall-persunal involut fl-identifikazzjoni, it-traċċar u l-irkupru u l-konfiska ta' assi f'intervalli regolari. Minbarra l-Artikolu 24(2)(c), l-Istati Membri għandhom jaġġornaw lill-Kummissjoni kull sena dwar ir-riżorsi allokati lill-uffiċċji għall-irkupru tal-assi u l-uffiċċji għall-ġestjoni tal-assi.***

Emenda 127

Proposta għal direttiva
Artikolu 26 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Għall-finijiet tal-ġestjoni tal-proprjetà ffriżata u konfiskata, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu reġistri ċentralizzati li jkun fihom informazzjoni relatata mal-iffriżar, il-konfiska u l-ġestjoni tal-mezzi strumentali u tar-rikavati, jew tal-proprjetà li tista' ssir is-suġġett ta' ordni ta' ffriżar jew ta' konfiska jew tkun is-suġġett ta' ordni ta' ffriżar jew ta' konfiska.	1. Għall-finijiet tal-ġestjoni tal-proprjetà ffriżata u konfiskata, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu reġistri ċentralizzati li jkun fihom informazzjoni relatata mal-iffriżar, il-konfiska u l-ġestjoni tal-mezzi strumentali u tar-rikavati, jew tal-proprjetà li tista' ssir is-suġġett ta' ordni ta' ffriżar jew ta' konfiska jew tkun is-suġġett ta' ordni ta' ffriżar jew ta' konfiska. ***L-Istat Membru għandu jiżgura li l-informazzjoni mdaħħla fir-reġistru tkun preċiża, kompluta u aġġornata.***

Emenda 128

Proposta għal direttiva
Artikolu 26 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-valur stmat jew reali tal-proprjetà fil-mument tal-iffriżar***, il-konfiska u d-disponiment***;	(b) il-valur stmat jew reali tal-proprjetà fil-mument tal-iffriżar;

Emenda 129

Proposta għal direttiva
Artikolu 26 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni maħżuna fir-reġistru tkun tista' tiġi aċċessata u użata biss għall-finijiet tal-iffriżar, il-konfiska u l-ġestjoni ta' mezzi strumentali u rikavati, jew proprjetà li jistgħu jsiru jew ikunu s-suġġett ta' ordni ta' konfiska.

Emenda 130

Proposta għal direttiva
Artikolu 26 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. L-Istati Membri għandhom jaħtru l-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti responsabbli mill-ġestjoni tar-reġistri ċentralizzati. Dawk l-awtoritajiet għandhom jitqiesu bħala l-kontrollur skont it-tifsira tal-Artikolu 3, il-punt (8), tad-Direttiva (UE) 2016/680.

Emenda 131

Proposta għal direttiva
Artikolu 26 – paragrafu 5b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5b. L-Istati Membri għandhom

	jiżguraw li r-reġistri ċentralizzati msemmija fil-paragrafu 1 ikunu kompatibbli mal-għodod użati għall-komunikazzjoni diġitali fi proċeduri ta' kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili, kummerċjali u kriminali, bħas-sistema tal-IT deċentralizzata u l-punt ta' aċċess elettroniku Ewropew regolat skont ir-Regolament XX/XXX u d-Direttiva XX/XXX dwar id-diġitalizzazzjoni tal-kooperazzjoni ġudizzjarja u l-aċċess għall-ġustizzja f'kwistjonijiet ċivili, kummerċjali u kriminali transfruntiera, u li temenda ċerti atti fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja.

Emenda 132

Proposta għal direttiva
Artikolu 27 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jiġbru u jżommu statistika komprensiva ***fil-livell ċentrali*** dwar il-miżuri meħuda skont din id-Direttiva.	1. L-Istati Membri għandhom jiġbru ***regolarment mingħand l-awtoritajiet rilevanti*** u jżommu ***fil-livell ċentrali*** statistika komprensiva dwar il-miżuri meħuda skont din id-Direttiva ***sabiex jirrevedu l-effettività tas-sistemi ta' konfiska tagħhom u f'konformità mal-metodoloġija żviluppata mill-Kummissjoni skont il-paragrafu 3***.

Emenda 133

Proposta għal direttiva
Artikolu 27 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istatistika msemmija fil-paragrafu 1 tingħabar fuq bażi kalendarja u tintbagħat lill-Kummissjoni fuq bażi annwali, sa [l-1 ta' Settembru] tas-sena ta'	2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istatistika msemmija fil-paragrafu 1 tingħabar fuq bażi kalendarja u tintbagħat lill-Kummissjoni fuq bażi annwali, sa [l-1 ta' Settembru] tas-sena ta'

wara.	wara. ***L-istatistika miġbura għandha tinkludi l-elementi li ġejjin:***

Emenda 134

Proposta għal direttiva
Artikolu 27 – paragrafu 2 – punt a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(a) in-numru ta' investigazzjonijiet imnedija għat-traċċar tal-assi, u n-numru ta' assi traċċati;

Emenda 135

Proposta għal direttiva
Artikolu 27 – paragrafu 2 – punt b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(b) in-numru ta' ordnijiet ta' ffriżar mibdija u n-numru ta' ordnijiet ta' ffriżar eżegwiti;

Emenda 136

Proposta għal direttiva
Artikolu 27 – paragrafu 2 – punt c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(c) in-numru ta' ordnijiet ta' konfiska eżegwiti mqassma skont it-tip ta' konfiska msemmija fl-Artikoli 12 sa 16;

Emenda 137

Proposta għal direttiva
Artikolu 27 – paragrafu 2 – punt d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(d) il-valur tal-proprjetà ffriżata;

Emenda 138

Proposta għal direttiva
Artikolu 27 – paragrafu 2 – punt e (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(e) għall-ordnijiet ta' konfiska inklużi f'rapport annwali rispettiv, il-valur tal-proprjetà kkonfiskata meta mqabbel mal-valur ta' dik il-proprjetà fil-mument tal-iffriżar;

Emenda 139

Proposta għal direttiva
Artikolu 27 – paragrafu 2 – punt f (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(f) in-numru ta' talbiet għal ordnijiet ta' ffriżar li għandhom jiġu eżegwiti fi Stat Membru ieħor;

Emenda 140

Proposta għal direttiva
Artikolu 27 – paragrafu 2 – punt g (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(g) in-numru ta' talbiet għal ordnijiet ta' konfiska li għandhom jiġu eżegwiti fi Stat Membru ieħor;

Emenda 141

Proposta għal direttiva
Artikolu 27 – paragrafu 2 – punt h (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(h) il-valur tal-proprjetà rkuprata

wara l-eżekuzzjoni ta' ordni ta' konfiska fi Stat Membru ieħor;

Emenda 142

Proposta għal direttiva
Artikolu 27 – paragrafu 2 – punt i (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(i) il-valur tal-proprjetà maħsuba biex tintuża mill-ġdid għal finijiet ta' infurzar, ta' prevenzjoni jew dawk soċjali msemmija fl-Artikolu 18a;

Emenda 143

Proposta għal direttiva
Artikolu 27 – paragrafu 2 – punt j (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(j) it-tip ta' użu li għalih tkun intużat il-proprjetà kkonfiskata. u

Emenda 144

Proposta għal direttiva
Artikolu 27 – paragrafu 2 – punt k (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(k) għall-ordnijiet ta' konfiska inklużi f'rapport annwali rispettiv, it-tul tal-proċedura mill-iffriżar sar-rimi finali.

Emenda 145

Proposta għal direttiva
Artikolu 27a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 27a

	In-network ta' kooperazzjoni fuq l-irkupru u l-konfiska tal-assi
	1. Għandu jiġi stabbilit network ta' kooperazzjoni fuq l-irkupru u l-konfiska tal-assi (in-"network") biex jappoġġa lill-Kummissjoni u jiffaċilita l-iskambju tal-aħjar prattiki, u l-kooperazzjoni operazzjonali fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva. In-network għandu jkun magħmul minn rappreżentanti mill-uffiċċji għall-irkupru tal-assi u mill-uffiċċji għall-ġestjoni tal-assi u għandu jkun kopresedut mill-Kummissjoni u, fejn xieraq, mill-Europol. In-network għandu jitlaqqa' f'intervalli regolari.
	In-network għandu:
	(a) jagħti pariri lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri previsti f'din id-Direttiva;
	(b) janalizza l-istrateġiji nazzjonali dwar l-irkupru tal-assi adottati mill-Istati Membri skont l-Artikolu 24 sabiex jidentifika l-aħjar prattiki.
	(c) jikkondividi l-aħjar prattiki biex itejjeb il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi;
	(d) jiffaċilita l-kooperazzjoni operazzjonali fost l-awtoritajiet nazzjonali rilevanti u l-Europol.
	2. Ir-rappreżentanti mill-Europol, mill-Eurojust, mill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew u, fejn xieraq, mill-Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus (AMLA) jistgħu jiġu mistiedna jipparteċipaw fil-laqgħat tan-network.

Emenda 146

Proposta għal direttiva
Artikolu 28 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Kooperazzjoni mal-korpi u l-aġenziji ***tal-UE***	Kooperazzjoni mal-korpi u l-aġenziji ***tal-Unjoni***

Emenda 147

Proposta għal direttiva
Artikolu 28 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-uffiċċji għall-irkupru tal-assi tal-Istati Membri għandhom jikkooperaw mill-qrib mal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew għall-finijiet tal-iffaċilitar tal-identifikazzjoni ta' mezzi strumentali u ta' rikavati, jew ta' proprjetà li ***tista' ssir*** jew ***li tkun is-suġġett*** ta' ordni ta' ffriżar jew ta' konfiska fi proċedimenti f'materji kriminali li jikkonċernaw reati kriminali li ***għalihom l-Uffiċċju*** tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ***jeżerċita l-kompetenza tiegħu***.	1. L-uffiċċji għall-irkupru tal-assi tal-Istati Membri***, fi ħdan il-kompetenzi rispettivi tagħhom u f'konformità mal-qafas ġuridiku applikabbli,*** għandhom jikkooperaw mill-qrib mal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew għall-finijiet tal-iffaċilitar tal-identifikazzjoni ta' mezzi strumentali u ta' rikavati, jew ta' proprjetà li ***jistgħu jsiru*** jew ***ikunu s-suġġett*** ta' ordni ta' ffriżar jew ta' konfiska fi proċedimenti f'materji kriminali li jikkonċernaw reati kriminali ***li jaqgħu taħt il-kompetenza*** li għalihom l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew jeżerċita l-kompetenza tiegħu. ***Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, meta l-kunċett ta' awtoritajiet kompetenti jirreferi għall-awtoritajiet ta' investigazzjoni u ta' prosekuzzjoni, dan għandu jiġi interpretat li jinkludi l-livelli ċentrali u deċentralizzati tal-UPPE fir-rigward tal-Istati Membri li jipparteċipaw fil-kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-UPPE. L-uffiċċji għall-irkupru tal-assi għandhom jissodisfaw l-obbligi previsti fir-Regolament (UE) 2017/1939, inkluż l-obbligu li jirrapportaw lill-UPPE skont l-Artikolu 24 ta' dak ir-Regolament, it-twettiq ta' miżuri jekk jingħataw istruzzjonijiet bħala awtorità kompetenti skont l-Artikolu 28(1) ta' dak ir-Regolament, u l-aċċess għall-informazzjoni skont l-Artikolu 43(1) ta' dak ir-Regolament.***

Emenda 148

Proposta għal direttiva
Artikolu 28 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-uffiċċji għall-irkupru tal-assi għandhom jikkooperaw mal-Europol ***u mal-Eurojust, f'konformità mal-oqsma ta' kompetenza tagħhom***, għall-finijiet tal-iffaċilitar tal-identifikazzjoni tal-mezzi strumentali u tar-rikavati, jew tal-proprjetà li ***tista' ssir*** jew li ***tkun is-suġġett*** ta' ordni ta' ffriżar jew ta' konfiska ***magħmula*** minn awtorità kompetenti matul proċedimenti kriminali, u fejn ikun meħtieġ għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni jew l-investigazzjoni ***ta'*** reati kriminali relatati mal-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni.	2. L-uffiċċji għall-irkupru tal-assi għandhom jikkooperaw mal-Europol, għall-finijiet tal-iffaċilitar tal-identifikazzjoni tal-mezzi strumentali u tar-rikavati, jew tal-proprjetà li ***jistgħu jsiru*** jew li ***jkunu s-suġġett*** ta' ordni ta' ffriżar jew ta' konfiska ***mogħtija*** minn awtorità kompetenti matul proċedimenti ***f'materji*** kriminali, u fejn ikun meħtieġ għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni jew l-investigazzjoni ***ta'*** reati kriminali relatati mal-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni.

Emenda 149

Proposta għal direttiva
Artikolu 28 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-uffiċċji għall-irkupru tal-assi u l-uffiċċji għall-ġestjoni tal-assi għandhom jikkooperaw mill-qrib mal-Eurojust għall-finijiet tal-faċilitazzjoni tal-proċess tal-irkupru tal-assi f'konformità mal-mandat tal-Eurojust, inklużi, iżda mhux biss, it-traċċar u l-identifikazzjoni tal-mezzi strumentali u r-rikavati, jew il-proprjetà li jistgħu jsiru jew ikunu s-suġġett ta' ordni ta' ffriżar jew ta' konfiska mogħtija minn awtorità kompetenti matul proċedimenti f'materji kriminali u r-rimi sussegwenti, inkluż matul l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati kriminali relatati mal-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni.

Emenda 150

Proposta għal direttiva
Artikolu 33 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni għandha, sa [id-data tad-dħul fis-seħħ + ***3*** snin], tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, li jivvaluta l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva.	1. Il-Kummissjoni għandha, sa [id-data tad-dħul fis-seħħ + ***tliet*** snin], tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, li jivvaluta l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva. ***Dak ir-rapport għandu jinkludi valutazzjoni dettaljata tal-possibbiltà u l-benefiċċji tal-interkonnessjoni tar-reġistri ċentralizzati msemmija fl-Artikolu 26 permezz ta' punt ta' aċċess uniku sabiex l-uffiċċji għall-irkupru tal-assi jkunu jistgħu jfittxu b'mod dirett u immedjat id-data li tinsab fihom, soġġett għas-salvagwardji rilevanti.***

Emenda 151

Proposta għal direttiva
Artikolu 33 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-Kummissjoni għandha, sa [id-data tad-dħul fis-seħħ + ***5*** snin], tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jevalwa din id-Direttiva. Il-Kummissjoni għandha tqis l-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri u kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra relatata mat-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva. Abbażi ta' din l-evalwazzjoni, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar l-azzjonijiet ta' segwitu xierqa, inkluża, jekk tkun meħtieġa, proposta leġiżlattiva.	2. Il-Kummissjoni għandha, sa [id-data tad-dħul fis-seħħ + ***erba'*** snin], tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jevalwa din id-Direttiva. Il-Kummissjoni għandha tqis l-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri u kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra relatata mat-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva. Abbażi ta' din l-evalwazzjoni, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar l-azzjonijiet ta' segwitu xierqa, inkluża, jekk tkun meħtieġa, proposta leġiżlattiva.

VOTAZZJONI DWAR ID-DEĊIŻJONI LI JINBDEW NEGOZJATI INTERISTITUZZJONALI

53	+
ECR	Patryk Jaki, Assita Kanko, Vincenzo Sofo
ID	Annika Bruna, Susanna Ceccardi, Tom Vandendriessche
NI	Laura Ferrara
PPE	Vasile Blaga, Karolin Braunsberger-Reinhold, Lena Düpont, Loucas Fourlas, Andrzej Halicki, Jeroen Lenaers, Nuno Melo, Alessandra Mussolini, Emil Radev, Paulo Rangel, Sara Skyttedal, Tomas Tobé, Loránt Vincze, Tomáš Zdechovský
Renew	Abir Al-Sahlani, Malik Azmani, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Vlad Gheorghe, Sophia in 't Veld, Fabienne Keller, Moritz Körner, Maite Pagazaurtundúa, Ramona Strugariu, Róża Thun und Hohenstein
S&D	Pietro Bartolo, Theresa Bielowski, Sylvie Guillaume, Marina Kaljurand, Juan Fernando López Aguilar, Javier Moreno Sánchez, Matjaž Nemec, Carina Ohlsson, Thijs Reuten, Isabel Santos, Birgit Sippel, Paul Tang, Elena Yoncheva
The Left	Malin Björk, Clare Daly, José Gusmão
Verts/ALE	Patrick Breyer, Saskia Bricmont, Damien Carême, Gwendoline Delbos-Corfield, Alice Kuhnke, Tineke Strik

0	-

2	0
ID	Nicolaus Fest
NI	Milan Uhrík

Key to symbols:
+ : in favour
- : against
0 : astensjoni

24.3.2023

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJIET LEGALI

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar il proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-irkupru u l-konfiska tal-assi
(COM(2022)0245 – C9-0186/2022 – 2022/0167(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Sergey Lagodinsky

EMENDI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Legali jistieden lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni dan li ġej:

Emenda 1

Proposta għal direttiva
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Sistema effettiva għall-irkupru tal-assi tirrikjedi t-traċċar u l-identifikazzjoni rapidi tal-mezzi strumentali u ***tar-rikavat*** mill-kriminalità, u tal-proprjetà suspettata li tkun ta' oriġini kriminali. Tali rikavati, mezzi strumentali, u proprjetà jenħtieġ li jiġu ffriżati sabiex jiġi evitat l-għajbien tagħhom, u wara dan jenħtieġ li jiġu kkonfiskati mal-konklużjoni tal-proċedimenti kriminali. Sistema effettiva għall-irkupru tal-assi tirrikjedi wkoll il-ġestjoni effettiva tal-proprjetà ffriżata u kkonfiskata biex iżżomm il-valur tagħha għall-Istat jew għar-restituzzjoni għall-vittmi.	(3) Sistema effettiva għall-irkupru tal-assi tirrikjedi t-traċċar u l-identifikazzjoni rapidi tal-mezzi strumentali u ***tar-rikavati*** mill-kriminalità, u tal-proprjetà suspettata li tkun ta' oriġini kriminali. Tali rikavati, mezzi strumentali, u proprjetà jenħtieġ li jiġu ffriżati sabiex jiġi evitat l-għajbien tagħhom, u wara dan jenħtieġ li jiġu kkonfiskati mal-konklużjoni tal-proċedimenti kriminali. Sistema effettiva għall-irkupru tal-assi tirrikjedi wkoll il-ġestjoni effettiva tal-proprjetà ffriżata u kkonfiskata biex iżżomm il-valur tagħha għall-Istat jew għar-restituzzjoni għall-vittmi. ***Sakemm deċiżjoni ġudizzjarja tiddetermina l-kumpens u/jew ir-***

restituzzjoni, jenħtieġ li s-somma miksuba bħala riżultat tal-eżekuzzjoni tal-ordni ta' konfiska jew permezz tad-disponiment tal-proprjetà kkonfiskata tiġi ttrasferita fil-kont bankarju tal-vittma fejn applikabbli.

Emenda 2

Proposta għal direttiva
Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) Skont iċ-ċirkostanzi u b'rispett sħiħ tad-dritt għall-kumpens tal-vittmi, l-Istati Membri jenħtieġ li jadottaw miżuri li jippermettu l-użu ta' proprjetà kkonfiskata għal finijiet ta' interess pubbliku jew soċjali. Fejn diġà teżisti leġiżlazzjoni nazzjonali speċifika, li tipprevedi l-użu mill-ġdid dirett jew indirett ta' proprjetà kkonfiskata għal finijiet ta' interess pubbliku jew soċjali, kif ukoll tipprevedi miżuri adottati għall-ġestjoni tagħha, bl-għan li ssaħħaħ l-istat tad-dritt u l-involviment tas-soċjetà ċivili fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, l-Istati Membri kkonċernati jistgħu jirreferu għalihom fl-istrateġiji nazzjonali tagħhom dwar l-irkupru tal-assi.

Emenda 3

Proposta għal direttiva
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Reati oħra mwettqa fil-qafas ta' organizzazzjoni kriminali għandhom rwol ċentrali fil-ġenerazzjoni tad-dħul u fl-iffaċilitar ta' aktar reati, inklużi reati serji ta' natura transfruntiera. Tali reati jenħtieġ li jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva sa fejn dawn jitwettqu fil-qafas ta' organizzazzjoni kriminali. Il-	(10) Reati oħra mwettqa fil-qafas ta' organizzazzjoni kriminali għandhom rwol ċentrali fil-ġenerazzjoni tad-dħul u fl-iffaċilitar ta' aktar reati, inklużi reati serji ta' natura transfruntiera. Tali reati jenħtieġ li jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva sa fejn dawn jitwettqu fil-qafas ta' organizzazzjoni kriminali. Il-

falsifikazzjoni u l-piraterija tal-prodotti ***hija*** marbuta mal-ħasil tal-flus u mal-falsifikazzjoni tad-dokumenti, u ***thedded il-funzjonament*** tas-suq uniku u l-kompetizzjoni ġusta. It-traffikar illeċitu ta' beni kulturali, inklużi oġġetti antiki u opri tal-arti, spiss huwa marbut mal-ħasil tal-flus u jikkostitwixxi sors importanti ta' finanzjament għall-gruppi kriminali organizzati. Il-falsifikazzjoni ta' dokumenti amministrattivi u t-traffikar tagħhom, inklużi dokumenti bankarji jew dokumenti ta' identifikazzjoni, ***hija*** għodda abilitanti ewlenija għall-ħasil tal-flus, it-traffikar tal-bnedmin, jew il-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali, u bħala tali jenħtieġ li ***tkun koperta*** fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Reati oħra li spiss jitwettqu fil-qafas ta' grupp tal-kriminalità organizzata jinkludu l-omiċidju jew l-offiża gravi fuq il-persuna, kif ukoll il-kummerċ illeċitu ta' organi u tessuti tal-bniedem, li huma sors ta' dħul għall-gruppi tal-kriminalità organizzata fil-kuntest ta' qtil b'kuntratt, intimidazzjoni u traffikar tal-bnedmin. Bl-istess mod, il-ħtif ta' persuni, iż-żamma illegali jew it-teħid ta' ostaġġi, kif ukoll ir-rikattar organizzat u l-estorsjoni, jintużaw jew bħala sors ta' dħul permezz tal-ġbir ta' flus għall-ħelsien jew bħala tattiċi ta' intimidazzjoni kontra l-avversarji. Ir-reat tas-serq organizzat jew armat huwa waħda mill-aktar forom komuni biex jiġu ġġenerati l-profitti għall-gruppi kriminali organizzati, u spiss jitwettaq flimkien ma' reati oħra, b'mod partikolari t-traffikar ta' armi tan-nar. Bl-istess mod, it-traffikar ta' vetturi misruqa mhux biss jista' jiġġenera profitti iżda jirrappreżenta wkoll reat abilitanti li jipprovdi l-mezzi strumentali meħtieġa biex jitwettqu aktar reati. Barra minn hekk, huwa essenzjali li jiġu inklużi r-reati fiskali sa fejn dawn jitwettqu bħala parti minn organizzazzjoni kriminali fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva, billi dan ir-reat speċifiku huwa sors abilitanti ta' profitti, speċjalment meta joperaw f'kuntest transfruntier. It-tekniki tipiċi użati biex

falsifikazzjoni u l-piraterija tal-prodotti ***huma*** marbuta mal-ħasil tal-flus u mal-falsifikazzjoni tad-dokumenti, u ***jheddu l-funzjonament*** tas-suq uniku u l-kompetizzjoni ġusta. It-traffikar illeċitu ta' beni kulturali, inklużi oġġetti antiki u opri tal-arti, spiss huwa marbut mal-ħasil tal-flus u jikkostitwixxi sors importanti ta' finanzjament għall-gruppi kriminali organizzati. ***L-istess japplika għall-kummerċ illegali u t-traffikar ta' speċijiet ta' annimali u pjanti fil-periklu, inklużi l-partijiet tal-ġisem tagħhom jew il-prodotti derivati minnhom.*** Il-falsifikazzjoni ta' dokumenti amministrattivi u t-traffikar tagħhom, inklużi dokumenti bankarji jew dokumenti ta' identifikazzjoni, ***huma*** għodda abilitanti ewlenija għall-ħasil tal-flus, it-traffikar tal-bnedmin, jew il-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali, u bħala tali jenħtieġ li ***jkunu koperti*** fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Reati oħra li spiss jitwettqu fil-qafas ta' grupp tal-kriminalità organizzata jinkludu l-omiċidju jew l-offiża gravi fuq il-persuna, kif ukoll il-kummerċ illeċitu ta' organi u tessuti tal-bniedem, li huma sors ta' dħul għall-gruppi tal-kriminalità organizzata fil-kuntest ta' qtil b'kuntratt, intimidazzjoni u traffikar tal-bnedmin. Bl-istess mod, il-ħtif ta' persuni, iż-żamma illegali jew it-teħid ta' ostaġġi, kif ukoll ir-rikattar organizzat u l-estorsjoni, jintużaw jew bħala sors ta' dħul permezz tal-ġbir ta' flus għall-ħelsien jew bħala tattiċi ta' intimidazzjoni kontra l-avversarji. Ir-reat tas-serq organizzat jew armat huwa waħda mill-aktar forom komuni biex jiġu ġġenerati l-profitti għall-gruppi kriminali organizzati, u spiss jitwettaq flimkien ma' reati oħra, b'mod partikolari t-traffikar ta' armi tan-nar. Bl-istess mod, it-traffikar ta' vetturi misruqa mhux biss jista' jiġġenera profitti iżda jirrappreżenta wkoll reat abilitanti li jipprovdi l-mezzi strumentali meħtieġa biex jitwettqu aktar reati. Barra minn hekk, huwa essenzjali li jiġu inklużi r-reati fiskali sa fejn dawn jitwettqu bħala parti minn organizzazzjoni kriminali fil-kamp ta'

jitwettqu l-frodi jew l-evażjoni fiskali jikkonsistu fl-użu ta' strutturi korporattivi transfruntieri jew arranġamenti simili biex jinkisbu benefiċċji u rifużjonijiet tat-taxxa b'mod frodulenti, jinħbew l-assi jew il-profitti, jiġu amalgamati l-profitti u l-assi legali ma' oħrajn illeċiti jew jiġu trasferiti lil entitajiet oħra barra mill-pajjiż biex jinħbew l-oriġini jew is-sjieda (benefiċjarja) tagħhom.	applikazzjoni tad-Direttiva, billi dan ir-reat speċifiku huwa sors abilitanti ta' profitti, speċjalment meta joperaw f'kuntest transfruntier. It-tekniki tipiċi użati biex jitwettqu l-frodi jew l-evażjoni fiskali jikkonsistu fl-użu ta' strutturi korporattivi transfruntieri jew arranġamenti simili biex jinkisbu benefiċċji u rifużjonijiet tat-taxxa b'mod frodulenti, jinħbew l-assi jew il-profitti, jiġu amalgamati l-profitti u l-assi legali ma' oħrajn illeċiti jew jiġu trasferiti lil entitajiet oħra barra mill-pajjiż biex jinħbew l-oriġini jew is-sjieda (benefiċjarja) tagħhom.

Emenda 4

Proposta għal direttiva
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Sabiex tiġi koperta l-proprjetà li tista' tiġi ttrasformata u ttrasferita sabiex tinħeba l-oriġini tagħha, u sabiex jiġu żgurati l-armonizzazzjoni u ċ-ċarezza tad-definizzjonijiet madwar l-Unjoni, il-proprjetà li tista' tkun soġġetta għal iffriżar u konfiska jenħtieġ li tiġi ddefinita b'mod wiesa'. Jenħtieġ li hija tkopri d-dokumenti jew l-istrumenti legali li jagħtu prova tat-titolu jew tal-interess fi proprjetà soġġetta għal iffriżar u konfiska inklużi, pereżempju, strumenti finanzjarji, jew dokumenti li jistgħu jwasslu għal pretensjonijiet tal-krediturи u li normalment jinstabu fil-pussess tal-persuna affettwata mill-proċeduri rilevanti, kif ukoll trusts. Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għall-proċeduri nazzjonali eżistenti għaż-żamma ta' dokumenti jew strumenti legali li jagħtu evidenza tat-titolu jew tal-interess fi proprjetà, kif inhuma applikati mill-awtoritajiet nazzjonali jew mill-korpi pubbliċi kompetenti f'konformità mal-liġi nazzjonali. Jenħtieġ li d-definizzjoni tkopri l-forom kollha ta' proprjetà, inklużi l-	(12) Sabiex tiġi koperta l-proprjetà li tista' tiġi ttrasformata u ttrasferita sabiex tinħeba l-oriġini tagħha, u sabiex jiġu żgurati l-armonizzazzjoni u ċ-ċarezza tad-definizzjonijiet madwar l-Unjoni, il-proprjetà li tista' tkun soġġetta għal iffriżar u konfiska jenħtieġ li tiġi ddefinita b'mod wiesa'. Jenħtieġ li hija tkopri d-dokumenti jew l-istrumenti legali***, fi kwalunkwe forma, inkluża dik elettronika jew diġitali,*** li jagħtu prova tat-titolu jew tal-interess fi proprjetà soġġetta għal iffriżar u konfiska inklużi, pereżempju, strumenti finanzjarji, jew dokumenti li jistgħu jwasslu għal pretensjonijiet tal-krediturи u li normalment jinstabu fil-pussess tal-persuna affettwata mill-proċeduri rilevanti, kif ukoll trusts. Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għall-proċeduri nazzjonali eżistenti għaż-żamma ta' dokumenti jew strumenti legali li jagħtu evidenza tat-titolu jew tal-interess fi proprjetà, kif inhuma applikati mill-awtoritajiet nazzjonali jew mill-korpi pubbliċi kompetenti f'konformità mal-liġi nazzjonali. Jenħtieġ li d-definizzjoni tkopri l-forom kollha ta' proprjetà, inklużi l-

kriptoassi.

kriptoassi.

Emenda 5

Proposta għal direttiva
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Sabiex iwettqu investigazzjonijiet effettivi għat-traċċar tal-assi, u biex jirrispondu malajr għat-talbiet transfruntieri, l-uffiċċji għall-irkupru tal-assi jenħtieġ li jkollhom aċċess għall-informazzjoni li tippermettilhom jistabbilixxu l-eżistenza, is-sjieda jew il-kontroll ta' proprjetà li tista' ssir is-suġġett ta' ordni ta' ffriżar jew ta' konfiska. Għalhekk, jenħtieġ li l-uffiċċji għall-irkupru tal-assi jkollhom aċċess għad-data rilevanti bħad-data fiskali, ir-reġistri nazzjonali taċ-ċittadinanza u tal-popolazzjoni, il-bażijiet tad-data kummerċjali u l-informazzjoni dwar is-sigurtà soċjali. Jenħtieġ li dan jinkludi informazzjoni dwar l-infurzar tal-liġi sa fejn data bħal rekords kriminali, waqfiet ta' vetturi, tfittxijiet ta' proprjetà u azzjonijiet legali preċedenti bħal ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska jew sekwestri ta' flus kontanti tista' tkun ta' valur biex tiġi identifikata l-proprjetà rilevanti. Jenħtieġ li l-aċċess għall-informazzjoni jkun soġġett għal salvagwardji speċifiċi li jipprevjenu l-użu ħażin tad-drittijiet ta' aċċess. Jenħtieġ li dawn is-salvagwardji jkunu mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 25 tad-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[23]. L-aċċess dirett ***u immedjat*** għal din l-informazzjoni ma jimpedixxix lill-Istati Membri milli jagħmlu l-aċċess soġġett għal salvagwardji proċedurali kif stabbilit skont il-liġi nazzjonali filwaqt li jittieħed kont xieraq tal-ħtieġa li l-uffiċċji għall-irkupru tal-assi jkunu jistgħu jwieġbu malajr għat-talbiet transfruntieri***. L-implimentazzjoni tas-salvagwardji proċedurali għall-aċċess għall-bażijiet***	(17) Sabiex iwettqu investigazzjonijiet effettivi għat-traċċar tal-assi, u biex jirrispondu malajr għat-talbiet transfruntieri, l-uffiċċji għall-irkupru tal-assi jenħtieġ li jkollhom aċċess għall-informazzjoni li tippermettilhom jistabbilixxu l-eżistenza, is-sjieda jew il-kontroll ta' proprjetà li tista' ssir is-suġġett ta' ordni ta' ffriżar jew ta' konfiska. Għalhekk, jenħtieġ li l-uffiċċji għall-irkupru tal-assi jkollhom aċċess għad-data rilevanti bħad-data fiskali, ir-reġistri nazzjonali taċ-ċittadinanza u tal-popolazzjoni, il-bażijiet tad-data kummerċjali u l-informazzjoni dwar is-sigurtà soċjali. Jenħtieġ li dan jinkludi informazzjoni dwar l-infurzar tal-liġi sa fejn data bħal rekords kriminali, waqfiet ta' vetturi, tfittxijiet ta' proprjetà u azzjonijiet legali preċedenti bħal ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska jew sekwestri ta' flus kontanti tista' tkun ta' valur biex tiġi identifikata l-proprjetà rilevanti. Jenħtieġ li l-aċċess għall-informazzjoni jkun soġġett għal salvagwardji speċifiċi li jipprevjenu l-użu ħażin tad-drittijiet ta' aċċess***, inkluża awtorizzazzjoni tal-qorti fejn ikun meħtieġ mil-liġi nazzjonali***. Jenħtieġ li dawn is-salvagwardji jkunu mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 25 tad-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[23]. L-aċċess ***għall-informazzjoni mill-uffiċċji għall-irkupru tal-assi jenħtieġ li jkun*** dirett ***kemm jista' jkun, filwaqt li jiġu rispettati r-rekwiżiti kostituzzjonali nazzjonali. L-aċċess mingħajr dewmien*** għal din l-informazzjoni ma jimpedixxix lill-Istati Membri milli jagħmlu l-aċċess soġġett għal

tad-data jenħtieġ li ma taffettwax il-kapaċità tal-uffiċċji għall-irkupru tal-assi li jwieġbu għat-talbiet minn Stati Membri oħra, speċjalment f'każ ta' talbiet urġenti. L-aċċess għall-bażijiet tad-data u r-reġistri rilevanti skont din id-Direttiva jenħtieġ li jikkomplementa l-aċċess għall-informazzjoni dwar il-kontijiet bankarji skont id-Direttiva (UE) 2019/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[24] u għall-informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja skont id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[25].

salvagwardji proċedurali kif stabbilit skont il-liġi nazzjonali***, bħal awtorizzazzjoni tal-qorti,*** filwaqt li jittieħed kont xieraq tal-ħtieġa li l-uffiċċji għall-irkupru tal-assi jkunu jistgħu jwieġbu malajr għat-talbiet transfruntieri. L-aċċess għall-bażijiet tad-data u r-reġistri rilevanti skont din id-Direttiva jenħtieġ li jikkomplementa l-aċċess għall-informazzjoni dwar il-kontijiet bankarji skont id-Direttiva (UE) 2019/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[24] u għall-informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja skont id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[25].

---

[23] Id-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 89).

[24] Id-Direttiva (UE) 2019/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li tistabbilixxi regoli li jiffaċilitaw l-użu ta' informazzjoni finanzjarja u informazzjoni oħra għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' ċerti reati kriminali, u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/642/ĠAI (ĠU L 186, 11.7.2019, p. 122).

[25] Id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, kif emendata bid-Direttiva (UE) 2018/843 (ĠU L 141 5.6.2015, p. 73).

---

[23] Id-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 89).

[24] Id-Direttiva (UE) 2019/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li tistabbilixxi regoli li jiffaċilitaw l-użu ta' informazzjoni finanzjarja u informazzjoni oħra għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' ċerti reati kriminali, u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/642/ĠAI (ĠU L 186, 11.7.2019, p. 122).

[25] Id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, kif emendata bid-Direttiva (UE) 2018/843 (ĠU L 141 5.6.2015, p. 73).

Emenda 6

Proposta għal direttiva
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Il-konfiska twassal għaċ-ċaħda definittiva minn proprjetà. Madankollu, il-preservazzjoni tal-proprjetà tista' tkun prerekwiżit għall-konfiska u ħafna drabi hija essenzjali għall-eżekuzzjoni effettiva ta' ordni ta' konfiska. Il-proprjetà tiġi ppreservata permezz ta' ffriżar. Sabiex tiġi evitata d-dissipazzjoni tal-proprjetà qabel ma tkun tista' tinħareġ ordni ta' ffriżar, l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri, inklużi l-uffiċċji għall-irkupru tal-assi, jenħtieġ li jingħataw is-setgħa li jieħdu azzjoni immedjata sabiex jiksbu tali proprjetà.	(20) Il-konfiska twassal għaċ-ċaħda definittiva minn proprjetà. Madankollu, il-preservazzjoni tal-proprjetà tista' tkun prerekwiżit għall-konfiska u ħafna drabi hija essenzjali ***għat-traċċar xieraq ta' rikavati u proprjetà oħra derivati direttament jew indirettament minn imġiba kriminali, u*** għall-eżekuzzjoni effettiva ta' ordni ta' konfiska. Il-proprjetà tiġi ppreservata permezz ta' ffriżar. Sabiex tiġi evitata d-dissipazzjoni tal-proprjetà qabel ma tkun tista' tinħareġ ordni ta' ffriżar, l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri, inklużi l-uffiċċji għall-irkupru tal-assi, jenħtieġ li jingħataw is-setgħa li jieħdu azzjoni immedjata sabiex jiksbu tali proprjetà. ***Sabiex tittieħed tali azzjoni bid-diliġenza dovuta, b'mod proporzjonat u xieraq u mingħajr dewmien żejjed, dawk l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jkollhom persunal suffiċjenti u kkwalifikat u l-kapaċità għall-kooperazzjoni kemm fil-livell nazzjonali, bejn l-awtoritajiet rilevanti, kif ukoll fil-livell transfruntier.***

Emenda 7

Proposta għal direttiva
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Minħabba l-limitazzjoni fuq id-dritt għall-proprjetà imposta mill-ordnijiet ta' ffriżar, jenħtieġ li tali miżuri provviżorji ma jinżammux għal aktar żmien milli meħtieġ biex tiġi ppreservata d-disponibbiltà tal-proprjetà bil-ħsieb ta' konfiska sussegwenti possibbli. ***Dan jista' jkun jeħtieġ*** rieżami mill-qorti nazzjonali	(21) Minħabba l-limitazzjoni fuq id-dritt għall-proprjetà imposta mill-ordnijiet ta' ffriżar, jenħtieġ li tali miżuri provviżorji ma jinżammux għal aktar żmien milli meħtieġ biex tiġi ppreservata d-disponibbiltà tal-proprjetà bil-ħsieb ta' konfiska sussegwenti possibbli. ***F'każ li awtorità kompetenti li ma tkunx awtorità***

sabiex jiġi żgurat li l-għan tal-prevenzjoni tad-dissipazzjoni tal-proprjetà jibqa' validu.	***ġudizzjarja tkun ħarġet ordni ta' ffriżar, jenħtieġ li jiġi żgurat*** rieżami mill-qorti nazzjonali sabiex jiġi żgurat li l-għan tal-prevenzjoni tad-dissipazzjoni tal-proprjetà jibqa' validu.

Emenda 8

Proposta għal direttiva
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Il-miżuri ta' ffriżar jenħtieġ li jkunu mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li proprjetà speċifika titqies bħala evidenza matul il-proċedimenti, dment li fl-aħħar mill-aħħar din issir disponibbli għal eżekuzzjoni effettiva tal-ordni ta' konfiska. Fil-kuntest ta' proċedimenti kriminali, il-proprjetà tista' tiġi ffriżata wkoll bil-ħsieb tar-restituzzjoni sussegwenti possibbli tagħha jew sabiex ***jiġi ssalvagwardjat il-kumpens*** għad-dannu kkawżat minn reat kriminali.	(22) Il-miżuri ta' ffriżar jenħtieġ li ***jinkludu miżuri mmirati lejn il-preservazzjoni u l-ottimizzazzjoni tal-valur tal-proprjetà kkonċernata sad-disponiment tagħha u jenħtieġ li*** jkunu mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li proprjetà speċifika titqies bħala evidenza matul il-proċedimenti, dment li fl-aħħar mill-aħħar din issir disponibbli għal eżekuzzjoni effettiva tal-ordni ta' konfiska. Fil-kuntest ta' proċedimenti kriminali, il-proprjetà tista' tiġi ffriżata wkoll bil-ħsieb tar-restituzzjoni sussegwenti possibbli tagħha jew sabiex ***jiġu salvagwardjati d-drittijiet tal-vittmi għal kumpens u restituzzjoni*** għad-dannu kkawżat minn reat kriminali.

Emenda 9

Proposta għal direttiva
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) Il-prattika minn persuna suspettata jew akkużata li tittrasferixxi l-proprjetà jew ***ir-rikavat*** lil parti terza kompliċi bil-ħsieb li tiġi evitata l-konfiska hija komuni u mifruxa. L-akkwist minn parti terza jirreferi għal sitwazzjonijiet fejn, pereżempju, il-proprjetà tkun ġiet akkwistata, direttament jew indirettament,	(24) Il-prattika minn persuna suspettata jew akkużata li tittrasferixxi l-proprjetà jew ***ir-rikavati*** lil parti terza kompliċi bil-ħsieb li tiġi evitata l-konfiska hija komuni u mifruxa. L-akkwist minn parti terza jirreferi għal sitwazzjonijiet fejn, pereżempju, il-proprjetà tkun ġiet akkwistata, direttament jew indirettament,

pereżempju permezz ta' intermedjarju, mill-parti terza mingħand persuna suspettata jew ***akkużata***, ***anki*** meta r-reat kriminali jkun twettaq f'isimha jew għall-benefiċċju tagħha, u meta persuna akkużata ma jkollhiex proprjetà li tista' tiġi kkonfiskata. Tali konfiska jenħtieġ li tkun possibbli f'każijiet fejn ***ikun ġie stabbilit*** li ***partijiet*** terzi kienu jafu jew kellhom ikunu jafu li l-għan tat-trasferiment jew tal-akkwist kien li tiġi evitata l-konfiska, abbażi ta' fatti u ċirkostanzi konkreti, inkluż li t-trasferiment twettaq mingħajr ħlas jew għal ammont ferm ***aktar baxx mill-valur*** tas-suq. Ir-regoli dwar il-konfiska ta' parti terza jenħtieġ li jestendu kemm għall-persuni fiżiċi kif ukoll għal dawk ġuridiċi, mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-partijiet terzi li jinstemgħu, inkluż id-dritt li jitolbu s-sjieda tal-proprjetà kkonċernata. ***Fi kwalunkwe każ,*** jenħtieġ li d-drittijiet ta' partijiet terzi in bona fide ma jkunux affettwati.

pereżempju permezz ta' intermedjarju, mill-parti terza mingħand persuna suspettata***, akkużata*** jew ***kundannata***, ***inkluż*** meta r-reat kriminali jkun twettaq f'isimha jew għall-benefiċċju tagħha, u meta persuna akkużata ma jkollhiex proprjetà li tista' tiġi kkonfiskata. Tali konfiska jenħtieġ li tkun possibbli f'każijiet fejn ***qorti nazzjonali tkun stabbiliet*** li ***l-partijiet*** terzi kienu jafu jew kellhom ikunu jafu li ***l-proprjetà hija direttament jew indirettament marbuta ma' mġiba kriminali jew kienu jafu jew kellhom ikunu jafu li*** l-għan tat-trasferiment jew tal-akkwist kien li tiġi evitata l-konfiska, abbażi ta' fatti u ċirkostanzi konkreti, inkluż li t-trasferiment twettaq mingħajr ħlas jew għal ammont ferm ***spoporzjonat għall-valur*** tas-suq. Ir-regoli dwar il-konfiska ta' parti terza jenħtieġ li jestendu kemm għall-persuni fiżiċi kif ukoll għal dawk ġuridiċi, mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-partijiet terzi li jinstemgħu, inkluż id-dritt li jitolbu s-sjieda tal-proprjetà kkonċernata. Jenħtieġ li d-drittijiet ta' partijiet terzi in bona fide ma jkunux affettwati. ***Barra minn hekk, f'każ ta' rikavati tanġibbli ttrasferiti jew proprjetà tanġibbli direttament derivata minn imġiba kriminali, il-parti affettwata li jkollha affiljazzjoni mill-qrib, ta' natura jew familjari jew kummerċjali, ma' persuna suspettata jew akkużata jenħtieġ li ġġorr l-oneru tal-provi li x-xiri tal-proprjetà kkonfiskata jkun sar in bona fide u bid-diliġenza dovuta.***

Emenda 10

Proposta għal direttiva
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) Il-konfiska jenħtieġ li tkun possibbli wkoll meta qorti tkun sodisfatta li l-mezzi strumentali, ***ir-rikavat***, jew il-proprjetà inkwistjoni jkunu derivati minn	(26) Il-konfiska jenħtieġ li tkun possibbli wkoll meta qorti tkun sodisfatta***, abbażi tal-evidenza kollha ppreżentata,*** li l-mezzi strumentali, ***ir-rikavati***, jew il-

kondotta kriminali iżda fejn ma tkunx possibbli kundanna finali minħabba mard, il-ħarba jew il-mewt tal-persuna suspettata jew akkużata, jew minħabba li l-persuna suspettata jew akkużata ma tkunx tista' tinżamm responsabbli minħabba immunità jew amnestija kif previst skont il-liġi nazzjonali. ***L-istess jenħtieġ li jkun possibbli meta l-limiti ta' żmien stabbiliti mil-liġi*** nazzjonali ***jkunu skadew, meta tali limiti ta' żmien ma jkunux twal biżżejjed biex jippermettu l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni effettivi tar-reati kriminali rilevanti. F'każijiet bħal dawn il-konfiska jenħtieġ*** li ***tkun permessa biss meta l-qorti nazzjonali tkun sodisfatta*** li ***l-elementi kollha tar-reat ikunu preżenti***. Għal raġunijiet ta' proporzjonalità, il-konfiska ta' proprjetà mingħajr kundanna minn qabel jenħtieġ li tkun limitata għal każijiet ta' reati serji. Id-dritt tal-konvenut li jsir jaf bil-proċediment u li jkun rappreżentat minn avukat jenħtieġ li ma jiġix affettwat.

proprjetà inkwistjoni jkunu derivati minn kondotta kriminali iżda fejn ma tkunx possibbli kundanna finali minħabba mard, il-ħarba jew il-mewt tal-persuna suspettata jew akkużata, jew minħabba li l-persuna suspettata jew akkużata ma tkunx tista' tinżamm responsabbli minħabba immunità jew amnestija kif previst skont il-liġi nazzjonali ***jew internazzjonali***. ***Il-konfiska f'każijiet bħal dawn jenħtieġ li tkun permessa biss meta l-qorti*** nazzjonali ***tkun sodisfatta li l-elementi ewlenin tar-reat ikunu preżenti, u li l-proprjetà li għandha tiġi kkonfiskata jkollha oriġini illegali. Jekk il-verifiki mmirati lejn l-istabbiliment tal-oriġini illegali tal-proprjetà*** li ***għandha tiġi kkonfiskata jseħħu fi proċedimenti kriminali, jenħtieġ*** li ***l-oneru tal-provi jitwettaq mill-prosekuzzjoni***. Għal raġunijiet ta' proporzjonalità, il-konfiska ta' proprjetà mingħajr kundanna minn qabel jenħtieġ li tkun limitata għal każijiet ta' reati serji***, u biss meta l-mezzi strumentali, ir-rikavati jew il-proprjetà jkunu marbuta mar-reat kriminali. Fid-determinazzjoni ta' dik ir-rabta, għandhom jitqiesu ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ***. Id-dritt tal-konvenut li jsir jaf bil-proċediment u li jkun rappreżentat minn avukat jenħtieġ li ma jiġix affettwat.

Emenda 11

Proposta għal direttiva
Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, il-mard għandu jinftiehem bħala l-inkapaċità tal-persuna suspettata jew akkużata li tattendi l-proċedimenti kriminali għal perjodu estiż, u li minħabba f'hekk il-proċedimenti ma jkunux jistgħu jitkomplew.	(27) Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, il-mard għandu jinftiehem bħala l-inkapaċità tal-persuna suspettata jew akkużata***, korroborata b'rapport mediku aċċertabbli,*** li tattendi l-proċedimenti kriminali***, anke b'mod remot,*** għal perjodu estiż, u li minħabba f'hekk il-proċedimenti ma jkunux jistgħu jitkomplew ***wara ċertu dewmien***.

Emenda 12

Proposta għal direttiva
Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(28) Minħabba n-natura intrinsikament mhux ċara tal-kriminalità organizzata, mhux dejjem ikun possibbli li l-proprjetà derivata minn attivitajiet kriminali tiġi marbuta ma' reat kriminali speċifiku u tiġi kkonfiskata dik il-proprjetà. F'sitwazzjonijiet bħal dawn, il-konfiska jenħtieġ li tkun possibbli taħt ċerti kundizzjonijiet inkluż b'mod partikolari: il-proprjetà tiġi ffriżata abbażi ta' suspett ta' reati mwettqa fil-qafas ta' organizzazzjoni kriminali, dawn ir-reati kriminali jistgħu jwasslu għal benefiċċji ekonomiċi sostanzjali u l-qorti tkun ***sodisfatta*** li l-proprjetà ffriżata tkun derivata minn attivitajiet kriminali mwettqa fil-qafas ta' organizzazzjoni kriminali. Dawn il-kundizzjonijiet jenħtieġ li jiżguraw li l-konfiska ta' proprjetà mhux marbuta ma' reat speċifiku li għalih is-sid ikun instab ħati tkun limitata għal attivitajiet kriminali ta' organizzazzjonijiet kriminali li huma ta' natura serja u li jistgħu jiġġeneraw benefiċċji sostanzjali. Meta jkunu qegħdin jiddeterminaw jekk ***ir-reati*** jistgħux iwasslu għal benefiċċji sinifikanti, l-Istati Membri jenħtieġ li jqisu ċ-ċirkostanzi rilevanti kollha ***tar-reat***, inkluż jekk ***l-attivitajiet kriminali jkunux*** twettqu bl-intenzjoni li jiġġeneraw profitti sostanzjali regolari***. Filwaqt*** li ***din jenħtieġ li ma tkunx prekundizzjoni biex*** il-qorti ***nazzjonali*** tkun sodisfatta li ***twettaq*** reat kriminali***, il-qorti trid tkun sodisfatta*** li ***l-proprjetà inkwistjoni tkun derivata*** minn ***reati kriminali***. Meta jkunu qegħdin jiddeterminaw jekk il-proprjetà inkwistjoni tkunx idderivat minn attivitajiet kriminali, il-qrati nazzjonali jenħtieġ li jqisu ċ-ċirkostanzi rilevanti kollha tal-każ, inkluż	(28) Minħabba n-natura intrinsikament mhux ċara tal-kriminalità organizzata, mhux dejjem ikun possibbli li l-proprjetà derivata minn attivitajiet kriminali tiġi marbuta ma' reat kriminali speċifiku u tiġi kkonfiskata dik il-proprjetà. F'sitwazzjonijiet bħal dawn, il-konfiska jenħtieġ li tkun possibbli taħt ċerti kundizzjonijiet inkluż b'mod partikolari: il-proprjetà tiġi ffriżata abbażi ta' suspett ta' reati mwettqa fil-qafas ta' organizzazzjoni kriminali, ***jew b'rabta magħha, u*** dawn ir-reati kriminali jistgħu jwasslu għal benefiċċji ekonomiċi sostanzjali***,*** u l-qorti tkun ***konvinta*** li l-proprjetà ffriżata tkun derivata minn attivitajiet kriminali mwettqa fil-qafas ta' organizzazzjoni kriminali***, jew b'rabta magħha***. Dawn il-kundizzjonijiet jenħtieġ li jiżguraw li l-konfiska ta' proprjetà mhux marbuta ma' reat speċifiku li għalih is-sid ikun instab ħati tkun limitata għal attivitajiet kriminali ta' organizzazzjonijiet kriminali***, jew imwettqa b'rabta magħhom,*** li huma ta' natura serja u li jistgħu jiġġeneraw benefiċċji sostanzjali. Meta jkunu qegħdin jiddeterminaw jekk ***l-attivitajiet kriminali*** jistgħux iwasslu għal benefiċċji sinifikanti, l-Istati Membri jenħtieġ li jqisu ċ-ċirkostanzi rilevanti kollha ***tal-imġiba kriminali***, inkluż jekk ***ikunux*** twettqu bl-intenzjoni li jiġġeneraw profitti sostanzjali regolari ***jew*** li ***jiċħdu lill-partijiet terzi minn parti sostanzjali mid-drittijiet tagħhom.*** Il-qorti ***trid*** tkun sodisfatta li ***l-proprjetà inkwistjoni tkun derivata minn*** reat kriminali***. F'dan il-kuntest speċifikament, jenħtieġ*** li ***jiġi kkunsidrat ir-rwol ta' persuni politikament esposti fl-eżerċizzju tal-funzjoni pubblika tagħhom,***

il-fatt li l-proprjetà tkun sostanzjalment sproporzjonata għall-introjtu legali tas-sid. L-Istati Membri mbagħad jenħtieġ li jirrikjedu u jagħtu possibbiltà effettiva lis-sid tal-proprjetà biex jagħti prova li l-proprjetà inkwistjoni tkun ġejja minn attivitajiet legali.

billi jgħinu lil dik il-persuna jew ikunu kompliċi magħha, b'mod partikolari meta jagħmlu parti mill-istrutturi li jkunu ffinanzjati, tal-anqas parzjalment, minn ***awtoritajiet pubbliċi tal-Unjoni jew mhux tal-Unjoni***. Meta jkunu qegħdin jiddeterminaw jekk il-proprjetà inkwistjoni tkunx idderivat minn attivitajiet kriminali, il-qrati nazzjonali jenħtieġ li jqisu ċ-ċirkostanzi rilevanti kollha tal-każ, inkluż il-fatt li l-proprjetà tkun sostanzjalment sproporzjonata għall-introjtu legali tas-sid. L-Istati Membri mbagħad jenħtieġ li jirrikjedu u jagħtu possibbiltà effettiva lis-sid tal-proprjetà biex jagħti prova***, fi żmien raġonevoli,*** li l-proprjetà inkwistjoni tkun ġejja minn attivitajiet legali.

Emenda 13

Proposta għal direttiva
Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(29) Biex jiġi żgurat li l-proprjetà li tkun jew tista' ssir soġġetta għal ordni ta' ffriżar jew ta' konfiska żżomm il-valur ekonomiku tagħha, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu miżuri ta' ġestjoni effettivi. ***Tali miżuri*** jenħtieġ li jinkludu valutazzjoni sistematika ta' kif l-aħjar li jiġi ppreservat u ottimizzat il-valur tal-proprjetà qabel l-adozzjoni ta' miżuri ta' ffriżar, magħrufa wkoll bħala l-ippjanar ta' qabel il-qbid.	(29) Biex jiġi żgurat li l-proprjetà li tkun jew tista' ssir soġġetta għal ordni ta' ffriżar jew ta' konfiska żżomm il-valur ekonomiku tagħha, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu miżuri ta' ġestjoni effettivi***, sakemm l-urġenza ta' każ ma tkunx tirrikjedi li jiġu miċħuda dawn il-miżuri***. ***Dawk il-miżuri*** jenħtieġ li jinkludu valutazzjoni sistematika ta' kif l-aħjar li jiġi ppreservat u ottimizzat il-valur tal-proprjetà qabel l-adozzjoni ta' miżuri ta' ffriżar, magħrufa wkoll bħala l-ippjanar ta' qabel il-qbid. ***Kwalunkwe deċiżjoni tal-awtoritajiet kompetenti biex jirrinunzjaw għal tali valutazzjoni tal-kostijiet għandha tkun debitament ġustifikata.***

Emenda 14

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt m

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(m) il-kriminalità ambjentali, inkluż ***it-traffikar*** illeċitu ***fi*** speċijiet ta' annimali ***fil-periklu*** u ***fi speċijiet u varjetajiet ta' pjanti fil-periklu*** kif iddefinit fid-Direttiva 2008/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[50], kif ukoll reati relatati mat-tniġġis mill-bastimenti kif definiti fid-Direttiva 2005/35/KE kif emendata bid-Direttiva 2009/123/KE[51];	(m) il-kriminalità ambjentali, inkluż ***il-kummerċ u t-traffikar*** illeċitu ***ta'*** speċijiet ta' annimali u ***pjanti fil-periklu, inklużi partijiet jew prodotti derivati minnhom,*** kif iddefinit fid-Direttiva 2008/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[50], kif ukoll reati relatati mat-tniġġis mill-bastimenti kif definiti fid-Direttiva 2005/35/KE kif emendata bid-Direttiva 2009/123/KE[51];
[50] Id-Direttiva 2008/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 328, 6.12.2008, p. 28).	[50] Id-Direttiva 2008/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 328, 6.12.2008, p. 28).
[51] Direttiva 2009/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li temenda d-Direttiva 2005/35/KE dwar it-tniġġis ikkawżat minn vapuri u l-introduzzjoni ta' penali għal ksur (ĠU L 280, 27.10.2009, p. 52).	[51] Direttiva 2009/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li temenda d-Direttiva 2005/35/KE dwar it-tniġġis ikkawżat minn vapuri u l-introduzzjoni ta' penali għal ksur (ĠU L 280, 27.10.2009, p. 52).

Emenda 15

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) "proprjetà" tfisser proprjetà ta' kwalunkwe deskrizzjoni, kemm jekk materjali kif ukoll jekk immaterjali, mobbli jew immobbli, u d-dokumenti jew l-istrumenti legali li jixhdu t-titolu jew l-interess f'tali proprjetà;	(2) "proprjetà" tfisser proprjetà ta' kwalunkwe deskrizzjoni, kemm jekk materjali kif ukoll jekk immaterjali, mobbli jew immobbli, u d-dokumenti jew l-istrumenti legali***, fi kwalunkwe forma, inkluża dik elettronika jew diġitali,*** li jixhdu t-titolu jew l-interess f'tali proprjetà;

Emenda 16

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 9a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(9a) "pubbliku kkonċernat" tfisser il-persuni affettwati jew li x'aktarx jiġu affettwati mir-reati msemmija fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva; għall-finijiet ta' din id-definizzjoni, persuni li jkollhom biżżejjed interess jew li jsostnu t-telf ta' dritt jew li jissodisfaw kwalunkwe rekwiżit proporzjonat skont il-liġi nazzjonali għandhom jitqiesu li għandhom interess;

Emenda 17

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) "sid benefiċjarju" tfisser sid benefiċjarju kif iddefinit ***fl-Artikolu 3(6) tad-Direttiva*** 2015/849/UE[55];	(10) "sid benefiċjarju" tfisser sid benefiċjarju kif iddefinit ***fid-Direttiva*** 2015/849/UE[55];
[55] Id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, kif emendata bid-Direttiva (UE) 2018/843 (ĠU L 141 5.6.2015, p. 73).	[55] Id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, kif emendata bid-Direttiva (UE) 2018/843 (ĠU L 141 5.6.2015, p. 73).

Emenda 18

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Biex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni transfruntiera, l-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jippermettu t-traċċar u l-identifikazzjoni rapidi tal-mezzi	1. Biex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni transfruntiera, l-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jippermettu t-traċċar u l-identifikazzjoni rapidi tal-mezzi

strumentali u tar-rikavati, jew tal-proprjetà ***li tista' ssir jew li tkun is-suġġett*** ta' ordni ta' ffriżar jew ta' konfiska matul proċedimenti kriminali.	strumentali u tar-rikavati, jew tal-proprjetà ***fir-rigward*** ta' ordni ta' ffriżar jew ta' konfiska matul proċedimenti kriminali.

Emenda 19

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Għandhom jitwettqu investigazzjonijiet ta' traċċar tal-assi skont il-paragrafu 1 sabiex jiġu żgurati r-restituzzjoni u l-kumpens, speċjalment tal-vittmi f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva.

Emenda 20

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Għall-finijiet tat-twettiq tal-kompiti msemmija fl-Artikolu 5, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-uffiċċji għall-irkupru tal-assi jkollhom aċċess ***immedjat u dirett*** għall-informazzjoni li ġejja sa fejn dik l-informazzjoni tkun meħtieġa għat-traċċar u l-identifikazzjoni tar-rikavati, il-mezzi strumentali, u l-proprjetà:	1. Għall-finijiet tat-twettiq tal-kompiti msemmija fl-Artikolu 5, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-uffiċċji għall-irkupru tal-assi jkollhom aċċess ***mingħajr dewmien, f'konformità mal-liġi nazzjonali, inkluż fejn neċessarju minn ordni tal-qorti jekk tkun meħtieġa mil-liġi nazzjonali,*** għall-informazzjoni li ġejja sa fejn dik l-informazzjoni tkun meħtieġa għat-traċċar u l-identifikazzjoni tar-rikavati, il-mezzi strumentali, u l-proprjetà:

Emenda 21

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ma tiġix maħżuna f'bażijiet tad-data jew f'reġistri, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-uffiċċji għall-irkupru tal-assi jkunu jistgħu jiksbu malajr dik l-informazzjoni b'mezzi oħra.	2. Meta l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ma tiġix maħżuna f'bażijiet tad-data jew f'reġistri, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-uffiċċji għall-irkupru tal-assi jkunu jistgħu jiksbu malajr dik l-informazzjoni b'mezzi oħra***, f'konformità mal-liġi nazzjonali, inkluż fejn neċessarju minn ordni tal-qorti jekk tkun meħtieġa mil-liġi nazzjonali***.

Emenda 22

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-aċċess ***dirett u immedjat*** għall-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandu jkun mingħajr preġudizzju għas-salvagwardji proċedurali stabbiliti skont il-liġi nazzjonali.	3. L-aċċess ***mingħajr dewmien*** għall-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandu jkun mingħajr preġudizzju għas-salvagwardji proċedurali stabbiliti skont il-liġi ***nazzjonali, inkluż fejn neċessarju minn ordni tal-qorti jekk tkun meħtieġa mil-liġi*** nazzjonali.

Emenda 23

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni pprovduta mill-uffiċċji għall-irkupru tal-assi skont il-paragrafi 1, 2 u 3 tkun tista' tiġi ppreżentata bħala evidenza quddiem qorti nazzjonali ta' Stat Membru, f'konformità ***mal-proċeduri fil-liġi nazzjonali***.	4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni pprovduta mill-uffiċċji għall-irkupru tal-assi skont il-paragrafi 1, 2 u 3 tkun tista' tiġi ppreżentata bħala evidenza quddiem qorti nazzjonali ta' Stat Membru, f'konformità ***mar-regoli u l-obbligi proċedurali tal-Istati Membri skont l-Artikolu 6 tat-TUE***.

Emenda 24

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 6 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) jew inkella ma jkunx konformi mal-prinċipji fundamentali tal-liġi nazzjonali, inklużi l-obbligi tal-Istati Membri skont l-Artikolu 6 tat-TUE.

Emenda 25

Proposta għal direttiva
Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jippermettu l-iffriżar tal-proprjetà meħtieġ biex ***tiġi żgurata*** l-konfiska possibbli ta' dik il-proprjetà skont ***l-Artikolu*** 12.	1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa ***u proporzjonati*** biex jippermettu l-iffriżar tal-proprjetà meħtieġ biex ***jiġu żgurati*** l-konfiska ***u l-preservazzjoni*** possibbli ta' dik il-proprjetà skont ***l-Artikoli*** 12***, 13, 14, 15 u 16, u biex jiġi żgurat id-dritt għal restituzzjoni u kumpens għall-vittmi skont id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva***.

Emenda 26

Proposta għal direttiva
Artikolu 11 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-miżuri ta' ffriżar għandhom jinkludu azzjoni immedjata li għandha tittieħed meta jkun meħtieġ sabiex tiġi ppreservata l-proprjetà.	***imħassar***

Emenda 27

Proposta għal direttiva
Artikolu 11 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom jippermettu lill-uffiċċji għall-irkupru tal-assi ***jieħdu azzjoni immedjata skont il-paragrafu 2*** sakemm tinħareġ ordni ta' ffriżar skont il-paragrafu 1. Il-validità ta' tali miżuri ta' ffriżar urġenti temporanji ma għandhiex taqbeż is-sebat ijiem.	3. ***Meta jkun meħtieġ biex tiġi ppreservata l-proprjetà,*** l-Istati Membri għandhom jippermettu lill-uffiċċji għall-irkupru tal-assi***, jew awtoritajiet kompetenti oħra f'konformità mal-liġi nazzjonali, jieħdu azzjoni immedjata*** sakemm tinħareġ ordni ta' ffriżar skont il-paragrafu 1. Il-validità ta' tali miżuri ta' ffriżar urġenti temporanji ma għandhiex taqbeż is-sebat ijiem.

Emenda 28

Proposta għal direttiva
Artikolu 11 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-proprjetà fil-pussess ta' parti terza tista' tkun soġġetta għal miżuri ta' ffriżar skont il-paragrafi 1***, 2*** u 3 fejn ikun meħtieġ biex tiġi żgurata konfiska possibbli skont l-Artikolu 13.	4. Il-proprjetà fil-pussess ta' parti terza tista' tkun soġġetta għal miżuri ta' ffriżar skont il-paragrafi 1 u 3 fejn ikun meħtieġ biex tiġi żgurata konfiska possibbli skont l-Artikolu 13.

Emenda 29

Proposta għal direttiva
Artikolu 11 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ordnijiet ta' ffriżar skont il-paragrafi 1, ***2,*** 3 u 4 jinħarġu minn awtorità kompetenti u jkunu mmotivati adegwatament.	5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ordnijiet ta' ffriżar skont il-paragrafi 1, 3 u 4 jinħarġu minn awtorità kompetenti u jkunu mmotivati adegwatament. ***F'każ li l-ordni ta' ffriżar skont din id-Direttiva tkun inħarġet minn awtorità kompetenti li ma tkunx awtorità ġudizzjarja, il-liġi nazzjonali għandha tipprevedi li tali ordni tiġi jew ivvalidata jew annullata minn awtorità ġudizzjarja mingħajr dewmien żejjed.***

Emenda 30

Proposta għal direttiva
Artikolu 11 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-ordni ta' ffriżar skont il-paragrafu 1 għandha tibqa' fis-seħħ biss sakemm ikun meħtieġ biex tiġi ppreservata l-proprjetà fid-dawl ta' konfiska possibbli sussegwenti. Il-proprjetà ffriżata li ma tiġix sussegwentement ikkonfiskata, għandha tiġi rritornata lis-sid tal-proprjetà ***mingħajr dewmien***. Il-kundizzjonijiet jew ir-regoli proċedurali li bihom tali proprjetà tiġi rritornata għandhom jiġu ddeterminati mil-liġi nazzjonali.	6. L-ordni ta' ffriżar skont il-paragrafu 1 għandha tibqa' fis-seħħ biss sakemm ikun meħtieġ biex tiġi ppreservata l-proprjetà fid-dawl ta' konfiska possibbli sussegwenti. Il-proprjetà ffriżata li ma tiġix sussegwentement ikkonfiskata, għandha tiġi rritornata ***mingħajr dewmien*** lis-sid tal-proprjetà ***jew lill-persuna li mingħandha tkun ittieħdet il-proprjetà***. Il-kundizzjonijiet jew ir-regoli proċedurali li bihom tali proprjetà tiġi rritornata għandhom jiġu ddeterminati mil-liġi nazzjonali.

Emenda 31

Proposta għal direttiva
Artikolu 11 – paragrafu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7a. Id-dispożizzjonijiet skont dan l-Artikolu ma għandhomx jipprekludu l-possibbiltà ta' ffriżar minħabba raġunijiet legali oħra.

Emenda 32

Proposta għal direttiva
Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jippermettu l-konfiska, kompletament jew parzjalment, tal-mezzi strumentali ***u*** tar-rikavati li jirriżultaw minn reat kriminali wara kundanna finali, li tista' tirriżulta wkoll	1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jippermettu l-konfiska, ***jew*** kompletament jew parzjalment, tal-mezzi strumentali***,*** tar-rikavati ***jew tal-proprjetà*** li jirriżultaw minn reat kriminali wara kundanna finali, li

minn proċedimenti in absentia.	tista' tirriżulta wkoll minn proċedimenti in absentia.

Emenda 33

Proposta għal direttiva
Artikolu 13 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jippermettu l-konfiska ***ta' rikavat, jew ta' proprjetà oħra*** li ***l-valur tagħhom jikkorrispondi għal rikavat, li***, direttament jew indirettament***, ikun ġie ittrasferit minn persuna suspettata jew akkużata lil partijiet terzi***, ***jew*** li ***kien akkwistat minn partijiet terzi mingħand*** persuna suspettata jew ***akkużata***.	L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jippermettu l-konfiska ***ta' rikavati u mezzi strumentali*** li ***ġew akkwistati minn parti terza mingħand persuna suspettata***, ***akkużata jew kundannata jew trasferiti b'mod ieħor*** direttament jew indirettament ***lil din il-parti terza. L-Istati Membri għandhom jieħdu wkoll il-miżuri meħtieġa biex jippermettu l-konfiska ta' proprjetà, minbarra r-rikavati u l-mezzi strumentali u fil-valur li jikkorrispondi għal dawk ir-rikavati u l-mezzi strumentali trasferiti minn persuna suspettata, akkużata jew kundannata lil parti terza.***

Emenda 34

Proposta għal direttiva
Artikolu 13 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-paragrafu 1 ma għandux jaffettwa d-drittijiet ta' persuni terzi in bona fide.	2. Il-paragrafu 1 ma għandux jaffettwa d-drittijiet ta' persuni terzi in bona fide. ***F'każ ta' rikavati tanġibbli trasferiti jew proprjetà tanġibbli direttament derivata minn imġiba kriminali, il-parti affettwata li jkollha affiljazzjoni mill-qrib ma' persuna suspettata jew akkużata għandha ġġorr l-oneru tal-provi li x-xiri tal-proprjetà kkonfiskata jkun sar in bona fide u bid-diliġenza dovuta.*** ***Fil-każijiet l-oħra kollha, il-qorti għandha tistabbilixxi abbażi tać-ċirkostanzi murija***

	kollha tal-każ li l-partijiet terzi benefiċjarji kienu jafu jew kellhom ikunu jafu li l-mezzi strumentali, ir-rikavati jew il-proprjetà trasferiti huma direttament jew indirettament marbuta ma' mġiba kriminali jew li l-għan tat-trasferiment jew tal-akkwist kien li tiġi evitata l-konfiska. Tali fatti u ċirkostanzi li minnhom jista' jiġi konkluż li l-għan tat-trasferiment jew tal-akkwist kien li tiġi evitata l-konfiska jinkludu li t-trasferiment jew l-akkwist twettaq mingħajr ħlas jew għal ammont li huwa sproporzjonat b'mod sinifikanti għall-valur tas-suq.

Emenda 35

Proposta għal direttiva
Artikolu 13 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-drittijiet tal-persuna affettwata jiġu rispettati inkluż billi tingħata aċċess għal avukat, tingħata aċċess għall-fajl u billi tiġi żgurata d-dritt li tinstema' dwar kwistjonijiet ta' dritt u ta' fatt.

Emenda 36

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-mard tal-persuna suspettata jew akkużata;	(a) il-mard tal-persuna suspettata jew akkużata ***jekk dan jirriżulta fl-iskadenza tal-limiti ta' żmien stabbiliti fil-liġi nazzjonali għar-responsabbiltà kriminali***;

Emenda 37

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) l-immunità mill-prosekuzzjoni tal-persuna suspettata jew akkużata, kif previst skont il-liġi nazzjonali;	(d) l-immunità mill-prosekuzzjoni tal-persuna suspettata jew akkużata, kif previst skont il-liġi nazzjonali ***jew internazzjonali***;

Emenda 38

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) il-limiti ta' żmien stabbiliti mil-liġi nazzjonali jkunu skadew, meta tali limiti ma jkunux twal biżżejjed biex jippermettu l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni effettivi tar-reati kriminali rilevanti.	***imħassar***

Emenda 39

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-konfiska mingħajr kundanna minn qabel għandha tkun limitata għal reati kriminali li jistgħu jwasslu, direttament jew indirettament, għal benefiċċju ekonomiku sostanzjali u sa fejn biss il-qorti nazzjonali tkun sodisfatta li l-elementi kollha tar-reat ikunu preżenti.	2. Il-konfiska mingħajr kundanna minn qabel għandha tkun limitata għal reati kriminali li jistgħu jwasslu, direttament jew indirettament, għal benefiċċju ekonomiku sostanzjali u sa fejn biss il-qorti nazzjonali tkun sodisfatta li l-elementi kollha tar-reat ikunu preżenti. ***Il-mezzi strumentali, ir-rikavati jew il-proprjetà li għandhom jiġu kkonfiskati jridu jkunu marbuta direttament jew indirettament mar-reat kriminali. Fid-determinazzjoni tar-rabta, għandhom jitqiesu ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u l-evidenza kollha ppreżentata fil-każ. L-oneru tal-provi għandu jaqa' f'idejn il-prosekuzzjoni.***

Emenda 40

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Qabel ma l-qorti toħroġ ordni ta' konfiska skont it-tifsira tal-paragrafi 1 u 2, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-drittijiet tad-difiża tal-persuna affettwata jiġu rrispettati ***anki*** billi tingħata aċċess għall-fajl u d-dritt li tinstema' dwar kwistjonijiet ta' dritt u ta' fatt.	3. Qabel ma l-qorti toħroġ ordni ta' konfiska skont it-tifsira tal-paragrafi 1 u 2, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-drittijiet tad-difiża tal-persuna affettwata jiġu rrispettati ***inkluż*** billi ***din tingħata aċċess għal avukat, u*** tingħata aċċess għall-fajl***,*** u ***jkollha*** d-dritt li tinstema' dwar kwistjonijiet ta' dritt u ta' fatt.

Emenda 41

Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-proprjetà tiġi ffriżata fil-kuntest ta' investigazzjoni dwar reati kriminali mwettqa fil-qafas ta' organizzazzjoni kriminali;	(a) il-proprjetà tiġi ffriżata fil-kuntest ta' investigazzjoni dwar reati kriminali mwettqa fil-qafas ta' organizzazzjoni kriminali ***jew b'rabta magħha***;

Emenda 42

Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-qorti nazzjonali tkun sodisfatta li l-proprjetà ffriżata tkun derivata minn reati kriminali mwettqa fil-qafas ta' organizzazzjoni kriminali.	(c) il-qorti nazzjonali tkun sodisfatta***, abbażi tal-evidenza ppreżentata kollha,*** li l-proprjetà ffriżata tkun derivata minn reati kriminali mwettqa fil-qafas ta' organizzazzjoni kriminali ***jew b'rabta magħha***.

Emenda 43

Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta jkun qed jiġi ddeterminat jekk il-proprjetà ffriżata tkunx derivata minn reati kriminali, għandhom jitqiesu ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, inklużi l-fatti speċifiċi u l-evidenza disponibbli, bħal li l-valur tal-proprjetà jkun sostanzjalment sproporzjonat għall-introjtu legali tas-sid tal-proprjetà.	2. Meta jkun qed jiġi ddeterminat jekk il-proprjetà ffriżata tkunx derivata minn reati kriminali, għandhom jitqiesu ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, inklużi l-fatti speċifiċi u l-evidenza disponibbli, bħal li l-valur tal-proprjetà jkun sostanzjalment sproporzjonat għall-introjtu legali tas-sid tal-proprjetà. ***L-oneru tal-provi għandu jaqa' f'idejn il-prosekuzzjoni.***

Emenda 44

Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Qabel ma l-qorti toħroġ ordni ta' konfiska skont it-tifsira tal-paragrafi 1 u 2, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-drittijiet tad-difiża tal-persuna affettwata jiġu rrispettati ***anki*** billi tingħata aċċess għall-fajl u d-dritt li tinstema' dwar kwistjonijiet ta' dritt u ta' fatt.	4. Qabel ma l-qorti toħroġ ordni ta' konfiska skont it-tifsira tal-paragrafi 1 u 2, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-drittijiet tad-difiża tal-persuna affettwata jiġu rrispettati ***inkluż*** billi ***din tingħata aċċess għal avukat,*** tingħata aċċess għall-fajl***,*** u ***jkollha*** d-dritt li tinstema' dwar kwistjonijiet ta' dritt u ta' fatt.

Emenda 45

Proposta għal direttiva
Artikolu 17 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom ***jikkunsidraw li*** jieħdu ***miżuri*** li jippermettu li l-proprjetà kkonfiskata tintuża għal skopijiet ta' interess pubbliku jew soċjali.	2. L-Istati Membri għandhom jieħdu ***l-miżuri meħtieġa*** li jippermettu li l-proprjetà kkonfiskata tintuża għal skopijiet ta' interess pubbliku jew soċjali***, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 18 ta' din id-Direttiva***.

Emenda 46

Proposta għal direttiva
Artikolu 18 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta, bħala riżultat ta' reat kriminali, il-vittmi jkollhom talbiet kontra l-persuna li tkun soġġetta għal miżura ta' konfiska prevista skont din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-miżura ta' konfiska ma taffettwax id-drittijiet tal-vittmi li jiksbu kumpens għat-talbiet tagħhom.	Meta, bħala riżultat ta' reat kriminali, il-vittmi jkollhom talbiet kontra l-persuna li tkun soġġetta għal miżura ta' konfiska prevista skont din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom***, bħala kwistjoni ta' prijorità,*** jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-miżura ta' konfiska ma taffettwax id-drittijiet tal-vittmi li jiksbu kumpens għat-talbiet tagħhom ***li jirriżultaw minn dannu materjali jew immaterjali, f'ordni ta' prijorità determinata mil-liġi nazzjonali***.

Emenda 47

Proposta għal direttiva
Artikolu 18 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiffaċilitaw il-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u ma' pajjiżi terzi fejn il-mezzi strumentali, ir-rikavati u l-proprjetà jkunu ġew ikkonfiskati wara l-ksur ta' miżuri restrittivi.
	Il-Kummissjoni għandha toħroġ linji gwida dwar l-użu tal-mezzi strumentali, ir-rikavati u l-proprjetà kkonfiskati għall-kumpens, ir-restituzzjoni u r-riparazzjonijiet favur l-Istati, speċjalment fiċ-ċirkostanzi ta' gwerra ta' aggressjoni sa fejn l-interessi inkwistjoni jkunu affettwati direttament jew indirettament mill-attivitajiet kriminali koperti minn din id-Direttiva.

Emenda 48

Proposta għal direttiva
Artikolu 18a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 18a
	Drittijiet għall-pubbliku kkonċernat li jipparteċipa fi proċedimenti
	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, b'riżultat ta' reat kriminali u f'konformità mas-sistema legali nazzjonali tagħhom, il-pubbliku kkonċernat ikollu d-drittijiet xierqa li jipparteċipa fil-proċedimenti koperti minn din id-Direttiva, pereżempju bħala parti ċivili.

Emenda 49

Proposta għal direttiva
Artikolu 19 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-ġestjoni effiċjenti tal-proprjetà ffriżata u kkonfiskata sad-disponiment tagħha.	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-ġestjoni effiċjenti tal-proprjetà ffriżata u kkonfiskata sad-disponiment tagħha***, inkluż permezz tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 17(2)***.

Emenda 50

Proposta għal direttiva
Artikolu 19 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, qabel ma joħorġu ordni ta' ffriżar skont it-tifsira tal-Artikolu 11(1), l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-ġestjoni tal-proprjetà ffriżata u kkonfiskata jwettqu valutazzjoni tal-kostijiet li jistgħu jiġġarrbu fil-ġestjoni tal-proprjetà li tista' tiġi ffriżata, għall-finijiet tal-preservazzjoni u l-ottimizzazzjoni tal-valur ta' tali	2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, qabel ma joħorġu ordni ta' ffriżar skont it-tifsira tal-Artikolu 11(1), l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-ġestjoni tal-proprjetà ffriżata u kkonfiskata jwettqu valutazzjoni tal-kostijiet li jistgħu jiġġarrbu fil-ġestjoni tal-proprjetà li tista' tiġi ffriżata, għall-finijiet tal-preservazzjoni u l-ottimizzazzjoni tal-valur ta' tali

proprjetà sad-disponiment tagħha.	proprjetà sad-disponiment tagħha***, sakemm l-urġenza ta' każ ma tkunx tirrikjedi r-rinunzja għal tali miżura. Kwalunkwe deċiżjoni tal-awtoritajiet kompetenti biex jirrinunzjaw għal tali valutazzjoni tal-kostijiet għandha tkun debitament ġustifikata.***

Emenda 51

Proposta għal direttiva
Artikolu 20 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-proprjetà ffriżata skont l-Artikolu 11(1) ***tkun*** tista' tiġi ttrasferita jew mibjugħa qabel ma tinħareġ ordni ta' konfiska f'waħda jew aktar miċ-ċirkostanzi li ġejjin:	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-proprjetà ffriżata skont l-Artikolu 11(1) ***ma tkunx*** tista' tiġi ttrasferita jew mibjugħa qabel ma tinħareġ ordni ta' konfiska***, ħlief*** f'waħda jew aktar miċ-ċirkostanzi li ġejjin:

Emenda 52

Proposta għal direttiva
Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-proprjetà soġġetta għall-iffriżar titħassar jew tiġi deprezzata malajr;	(a) il-proprjetà soġġetta għall-iffriżar ***tkun tista'*** titħassar jew tiġi deprezzata malajr ***b'veloċità li taqbeż il-perjodu ta' żmien tal-proċediment***;

Emenda 53

Proposta għal direttiva
Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-kostijiet tal-ħżin jew tal-manutenzjoni tal-proprjetà jkunu sproporzjonati għall-valur tagħha;	(b) il-kostijiet tal-ħżin jew tal-manutenzjoni tal-proprjetà jkunu sproporzjonati għall-valur ***tas-suq*** tagħha;

Emenda 54

Proposta għal direttiva
Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ***il-proprjetà tkun diffiċli wisq biex tiġi amministrata, jew*** il-ġestjoni ***tagħha*** tirrikjedi kundizzjonijiet speċjali u għarfien espert ***mhux*** faċilment disponibbli.	(c) il-ġestjoni ***tal-proprjetà*** tirrikjedi kundizzjonijiet speċjali u għarfien espert ***li mhumiex*** faċilment disponibbli.

Emenda 55

Proposta għal direttiva
Artikolu 20 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-interessi tas-sid tal-proprjetà jiġu kkunsidrati meta tinħareġ ordni ta' bejgħ interlokutorju, inkluż jekk il-proprjetà li għandha tinbiegħ tkunx faċilment sostitwibbli. Bl-eċċezzjoni ta' każijiet ta' ħarba, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sid tal-proprjetà li tista' tkun soġġetta għal bejgħ interlokutorju jiġi nnotifikat u mismugħ qabel il-bejgħ. Is-sid għandu jingħata l-possibbiltà li jitlob il-bejgħ tal-proprjetà.	2. L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa***, xierqa u proporzjonati*** biex jiżguraw li l-interessi tas-sid tal-proprjetà jiġu kkunsidrati meta tinħareġ ordni ta' bejgħ interlokutorju, inkluż jekk il-proprjetà li għandha tinbiegħ tkunx faċilment sostitwibbli. Bl-eċċezzjoni ta' każijiet ta' ħarba, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sid tal-proprjetà li tista' tkun soġġetta għal bejgħ interlokutorju jiġi nnotifikat u***, jekk ikun meħtieġ,*** mismugħ qabel il-bejgħ***, billi tingħata kull garanzija li, jekk is-sid jirriżulta li jkun innoċenti, jingħata kumpens f'konformità mal-liġi nazzjonali***. Is-sid għandu jingħata l-possibbiltà li jitlob il-bejgħ tal-proprjetà.

Emenda 56

Proposta għal direttiva
Artikolu 20 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-qligħ mill-bejgħ interlokutorju ***jenħtieġ li*** jiġi żgurat sakemm tintlaħaq	3. Il-qligħ mill-bejgħ interlokutorju ***għandu*** jiġi żgurat sakemm tintlaħaq

deċiżjoni ġudizzjarja dwar il-konfiska. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex jipproteġu lix-xerrejja terzi ta' proprjetà mibjugħa minn miżuri ta' ritaljazzjoni, biex jiżguraw li l-proprjetà mibjugħa ma tiġix irritornata lil persuni kkundannati għar-reati kriminali msemmija fl-Artikolu 2.	deċiżjoni ġudizzjarja ***finali*** dwar il-konfiska. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex jipproteġu lix-xerrejja terzi ta' proprjetà mibjugħa minn miżuri ta' ritaljazzjoni ***jew theddida***, biex jiżguraw li l-proprjetà mibjugħa ma tiġix irritornata lil persuni kkundannati għar-reati kriminali msemmija fl-Artikolu 2.

Emenda 57

Proposta għal direttiva
Artikolu 20 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri ***jistgħu*** jirrikjedu li l-kostijiet għall-ġestjoni tal-proprjetà ffriżata jiġu imposti fuq is-sid benefiċjarju.	4. ***Meta previst fil-liġi nazzjonali,*** l-Istati Membri ***għandhom*** jirrikjedu li l-kostijiet għall-ġestjoni tal-proprjetà ffriżata jiġu imposti***, tal-inqas parzjalment,*** fuq is-sid benefiċjarju.

Emenda 58

Proposta għal direttiva
Artikolu 22 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ordnijiet ta' ffriżar skont l-Artikolu 11, l-ordnijiet ta' konfiska skont l-Artikoli 12 sa 16, u l-ordnijiet għall-bejgħ tal-proprjetà skont l-Artikolu 20 jiġu kkomunikati lill-persuna affettwata filwaqt li jiġu speċifikati r-raġunijiet għall-miżura.	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ordnijiet ta' ffriżar skont l-Artikolu 11, l-ordnijiet ta' konfiska skont l-Artikoli 12 sa 16, u l-ordnijiet għall-bejgħ tal-proprjetà skont l-Artikolu 20 jiġu kkomunikati lill-persuna affettwata filwaqt li jiġu speċifikati r-raġunijiet għall-miżura. ***Il-persuni affettwati għandhom jiġu infurmati wkoll dwar id-drittijiet tagħhom u r-rimedji legali disponibbli skont l-Artikolu 23.***

Emenda 59

Proposta għal direttiva
Artikolu 23 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jipprevedu l-possibbiltà effettiva għall-persuna li l-proprjetà tagħha tkun ġiet affettwata li tikkontesta l-ordni ta' ffriżar skont l-Artikolu 11 quddiem qorti, f'konformità mal-proċeduri stipulati fil-liġi nazzjonali. Meta l-ordni ta' ffriżar tkun ittieħdet minn awtorità kompetenti għajr awtorità ġudizzjarja, il-liġi nazzjonali għandha tipprevedi li tali ordni l-ewwel għandha tiġi sottomessa għal validazzjoni jew rieżami lil awtorità ġudizzjarja qabel ma tkun tista' tiġi kkontestata quddiem qorti.	2. L-Istati Membri għandhom jipprevedu l-possibbiltà effettiva għall-persuna li l-proprjetà tagħha tkun ġiet affettwata li tikkontesta l-ordni ta' ffriżar skont l-Artikolu 11 quddiem qorti, f'konformità mal-proċeduri stipulati fil-liġi nazzjonali. Meta l-ordni ta' ffriżar tkun ittieħdet minn awtorità kompetenti għajr awtorità ġudizzjarja, il-liġi nazzjonali għandha tipprevedi li tali ordni l-ewwel għandha tiġi sottomessa għal validazzjoni jew rieżami***, fi żmien raġonevoli,*** lil awtorità ġudizzjarja qabel ma tkun tista' tiġi kkontestata quddiem qorti.

Emenda 60

Proposta għal direttiva
Artikolu 23 – paragrafu 4 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fil-każ ta' ordnijiet ta' konfiska skont ***l-Artikoli 14*** u ***16, tali ċirkostanzi għandhom jinkludu fatti speċifiċi u evidenza disponibbli*** li ***abbażi tagħhom il-proprjetà kkonċernata titqies*** li ***tkun proprjetà derivata minn imġiba*** kriminali.	Fil-każ ta' ordnijiet ta' konfiska skont ***l-Artikolu 13, tali ċirkostanza għandha tinkludi fatti*** u ***ċirkostanzi li fuqhom kienet ibbażata s-sejba li l-parti terza kienet taf jew kellha tkun taf*** li ***l-iskop tat-trasferiment jew tal-akkwiżizzjoni kien*** li ***tiġi evitata l-konfiska, jew li l-mezzi strumentali, ir-rikavati jew il-proprjetà trasferiti kienu direttament jew indirettament marbuta ma' mġiba*** kriminali***, jew derivati minnha. Tali fatti u ċirkostanzi jistgħu jkunu li t-trasferiment jew l-akkwist kien twettaq mingħajr ħlas jew għal ammont li kien sproporzjonat għall-valur tas-suq.***

Emenda 61

Proposta għal direttiva
Artikolu 23 – paragrafu 4 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fil-każ ta' ordnijiet ta' konfiska skont l-Artikolu 15, tali ċirkostanzi għandhom jinkludu fatti u evidenza li abbażi tagħhom il-qorti nazzjonali tkun ikkonkludiet li l-elementi kollha tar-reat huma preżenti.	Fil-każ ta' ordnijiet ta' konfiska skont l-Artikolu 15, tali ċirkostanzi għandhom jinkludu fatti u evidenza li abbażi tagħhom il-qorti nazzjonali tkun ikkonkludiet li l-elementi kollha tar-reat huma preżenti***, u li l-proprjetà kkonċernata tkun ikkunsidrata bħala proprjetà derivata minn imġiba kriminali, jew marbuta direttament jew indirettament magħha***.

Emenda 62

Proposta għal direttiva
Artikolu 24 – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) miżuri meħuda biex jiżguraw kumpens u restituzzjoni skont din id-Direttiva;

Emenda 63

Proposta għal direttiva
Artikolu 24 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw l-istrateġiji tagħhom, u kwalunkwe aġġornament tal-istrateġiji tagħhom, lill-Kummissjoni fi żmien tliet xhur mill-adozzjoni tagħhom.	3. ***L-uffiċċji tal-irkupru tal-assi, l-uffiċċji tal-ġestjoni tal-assi, u awtoritajiet kompetenti oħrajn għandhom jikkooperaw mill-qrib mal-Kummissjoni biex jimmonitorjaw, fuq bażi regolari, l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva u biex jiskambjaw l-esperjenzi u l-aħjar prattiki dwar kif jiġi żgurat il-kumpens tal-vittmi u dwar l-użu ta' proprjetajiet ikkonfiskati għal skopijiet pubbliċi jew soċjali.*** L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw l-istrateġiji tagħhom, u kwalunkwe aġġornament tal-istrateġiji tagħhom, lill-Kummissjoni fi żmien tliet xhur mill-adozzjoni tagħhom.

Emenda 64

Proposta għal direttiva
Artikolu 25 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Riżorsi	Riżorsi ***u taħriġ***

Emenda 65

Proposta għal direttiva
Artikolu 25 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-uffiċċji għall-irkupru tal-assi ***u*** l-uffiċċji għall-ġestjoni tal-assi li jwettqu kompiti skont din id-Direttiva, ikollhom persunal kwalifikat b'mod xieraq u riżorsi finanzjarji, tekniċi u teknoloġiċi xierqa meħtieġa għat-twettiq effettiv tal-funzjonijiet tagħhom relatati mal-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva.	***1.*** L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-uffiċċji għall-irkupru tal-assi**,** l-uffiċċji għall-ġestjoni tal-assi ***u awtoritajiet kompetenti oħra*** li jwettqu kompiti skont din id-Direttiva, ikollhom ***għadd suffiċjenti ta'*** persunal kwalifikat b'mod xieraq u riżorsi finanzjarji, tekniċi u teknoloġiċi xierqa meħtieġa għat-twettiq effettiv tal-funzjonijiet tagħhom relatati mal-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva.

Emenda 66

Proposta għal direttiva
Artikolu 25 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	***Mingħajr preġudizzju għall-indipendenza ġudizzjarja u l-ispeċifiċitajiet fl-organizzazzjoni tal-ġudikatura madwar l-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jitolbu lil dawk responsabbli għat-taħriġ tal-imħallfin, il-prosekuturi, il-pulizija, il-persunal ġudizzjarju u l-awtoritajiet kompetenti involuti fl-identifikazzjoni tal-assi, fit-traċċar tal-assi, fl-irkupru tal-assi u fi proċeduri ta' konfiska biex jipprovdu f'intervalli regolari taħriġ speċjalizzat u**

skambji tal-aħjar prattiki fil-livell tal-Unjoni biex tiġi żgurata l-kisba effettiva tal-objettivi ta' din id-Direttiva. It-taħriġ speċjalizzat għandu jkopri l-użu prattiku tal-għodod disponibbli għall-identifikazzjoni, it-traċċar u l-irkupru tal-assi, kif ukoll għall-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet differenti, u għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-persuni affettwati.

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	L-irkupru u l-konfiska tal-assi
Referenzi	COM(2022)0245 – C9-0186/2022 – 2022/0167(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	LIBE 22.6.2022
Opinjoni(jiet) mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	JURI 15.9.2022
Kumitati assoċjati - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	15.12.2022
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Sergey Lagodinsky 26.10.2022
Eżami fil-kumitat	24.1.2023
Data tal-adozzjoni	21.3.2023
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 20 –: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Pascal Arimont, Manon Aubry, Ilana Cicurel, Sergey Lagodinsky, Gilles Lebreton, Karen Melchior, Raffaele Stancanelli, Marie Toussaint, Adrián Vázquez Lázara, Axel Voss, Marion Walsmann, Tiemo Wölken, Lara Wolters
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Daniel Buda, Pascal Durand, Virginie Joron, Maria-Manuel Leitão-Marques, Antonius Manders, Emil Radev, René Repasi
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Frances Fitzgerald, Fabienne Keller

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

20	+
ECR	Raffaele Stancanelli
ID	Gilles Lebreton
PPE	Pascal Arimont, Daniel Buda, Frances Fitzgerald, Antonius Manders, Emil Radev, Axel Voss, Marion Walsmann
Renew	Ilana Cicurel, Fabienne Keller, Adrián Vázquez Lázara
S&D	Pascal Durand, Maria-Manuel Leitão-Marques, René Repasi, Tiemo Wölken, Lara Wolters
The Left	Manon Aubry
Verts/ALE	Sergey Lagodinsky, Marie Toussaint

0	-

0	0

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni

30.3.2023

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-BAĠITS

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar il proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-irkupru u l-konfiska tal-assi
(COM(2022)0245 – C9-0186/2022 – 2022/0167(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Vlad Gheorghe

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata fil-livell tal-Unjoni Ewropea (UE) u l-konfiska effettiva tal-assi kriminali hija waħda mill-prijoritajiet tal-leġiżlatura attwali. Madankollu, is-sejbiet tal-Europol juru li s-sistemi ta' rkupru tal-assi tal-Istati Membri mhumiex mgħammra tajjeb biex jindirizzaw b'mod effettiv il-modus operandi kumpless tal-organizzazzjonijiet kriminali.
Għalhekk, aħna nilqgħu l-miżuri l-ġodda li għandhom l-għan li jsaħħu l-kapaċitajiet tal-uffiċċji nazzjonali għall-irkupru tal-assi, li jappoġġaw l-investigazzjonijiet dwar it-traċċar tal-assi, li jiggarantixxu skambju rapidu ta' informazzjoni fost l-awtoritajiet kompetenti, li jiffaċilitaw it-trattament tal-assi kriminali, li jiġġieldu l-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni u li jimminimizzaw l-ispejjeż imġarrba mill-awtoritajiet kompetenti għall-ġestjoni tal-assi kriminali u miżuri oħra.

Sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' din id-Direttiva, il-konfiska tal-assi kriminali trid tkun ibbażata fuq l-evidenza u l-istat tad-dritt u sseħħ malajr, bl-aħjar kooperazzjoni u skambju ta' informazzjoni possibbli fost l-Istati Membri u bi spejjeż minimi għall-baġits nazzjonali tagħhom. Fl-istess ħin, id-Direttiva għandha tkun aktar sfumata dwar l-allokazzjoni tal-assi kkonfiskati. Peress li l-introduzzjoni mill-ġdid tal-assi kriminali fl-ekonomija legali hija l-għan aħħari tal-konfiska, trid tiġi speċifikata d-destinazzjoni tal-assi rkuprati. Sabiex tiġi mmassimizzata l-effiċjenza tal-konfiska u l-użu mill-ġdid tal-assi, din l-opinjoni tal-Kumitat tal-Baġit tintroduċi sensiela ta' proposti:

- Fid-dawl tal-kuntest ġeopolitiku attwali, il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva jeħtieġ li jiġi kkumplimentat b'aktar tipi ta' kriminalità, bħar-reat ta' aggressjoni jew il-faċilitazzjoni ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna soġġett għall-adozzjoni tad-Deċiżjonijiet rilevanti tal-Kunsill li jidentifikaw u jiddefinixxu dawk ir-reati skont l-Artikolu 83 tat-TFUE.

- Filwaqt li huwa preferibbli li jittaffa l-piż finanzjarju għall-Istati Membri billi l-ispejjeż tal-

ġestjoni jitqiegħdu fuq is-sid benefiċjarju jew billi jsir bejgħ interlokutorju, xorta jeħtieġ li l-Istati Membri jiggarantixxu biżżejjed riżorsi baġitarji biex tiġi ġestita b'mod xieraq il-proprjetà ffriżata fid-dawl tal-konfiska finali, sabiex jiġu llimitati l-każijiet ta' responsabbiltà tal-Istat għad-deterjorament fil-valur tal-proprjetà maqbuda.

- Sabiex l-uffiċċji għall-irkupru tal-assi u l-uffiċċji għall-ġestjoni tal-assi jibdew azzjonijiet u jwettqu l-kompiti tagħhom, huwa essenzjali li jkunu mgħammra b'biżżejjed persunal, riżorsi baġitarji, tekniċi u teknoloġiċi. Barra minn hekk, jeħtieġ li l-Istati Membri jiggarantixxu taħriġ regolari għall-persunal rilevanti, b'mod partikolari dwar l-etika u l-miżuri kontra l-korruzzjoni.

- Ir-reati kkunsidrati skont din id-Direttiva ħafna drabi għandhom l-għan tal-ksib illeċitu ta' qligħ u huma marbuta mal-interessi finanzjarji tal-UE, għalhekk l-UPPE għandu jkollu l-istess livell ta' aċċess għall-informazzjoni, kif għandhom l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, anke fid-dawl ta' estensjoni potenzjali tal-kompetenza tal-UPPE għall-ġlieda kontra l-evażjoni tas-sanzjonijiet.

- L-assi kkonfiskati jirriżultaw minn attivitajiet kriminali, li jvarjaw fin-natura u fil-firxa madwar l-Istati Membri tal-UE. Din il-varjabbiltà tagħmilha diffiċli li jiġu antiċipati ammonti konkreti ta' spejjeż u dħul li jirriżultaw mill-konfiska. Il-fatt li dawn isiru Riżorsi Proprji ġodda għall-Baġit tal-UE jagħmel tajjeb għar-riskji u l-benefiċċji u jġib l-aħjar valur miżjud Ewropew. Għal dan l-għan, nistennew li l-Kummissjoni tagħmel valutazzjoni ddettaljata tal-użu tar-riżorsi li jirriżultaw minn reati kriminali.

Meta l-assi kkonfiskati huma relatati mal-aggressjoni kontra l-Ukrajna u minn reati assoċjati oħra, inkluż il-ksur tal-miżuri restrittivi tal-UE, il-valur monetarju ta' dawn l-assi għandu jikkontribwixxi għall-għan li tinbena jew tinbena mill-ġdid l-infrastruttura fl-Ukrajna, kif ukoll għall-kumpens tal-popolazzjoni li sfat vittma. L-opinjoni tissuġġerixxi li l-kumpens iseħħ bl-użu ta' reġistru ddedikat tat-talbiet tal-vittmi u kummissjoni tat-talbiet. Fir-rigward tal-bini mill-ġdid tal-infrastruttura, tali appoġġ finanzjarju għandu jkun ibbażat fuq proġetti u jiġi implimentat abbażi tal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba b'mod partikolari bl-inklużjoni ta' miżuri kontra l-korruzzjoni. Tali proġetti għandhom ikunu soġġetti għall-iskrutinju tal-awtorità baġitarja tal-UE.

Fis-7 ta' April, il-Parlament Ewropew appella għall-konfiska ta' assi Russi li jappartjenu għal individwi u entitajiet Russi, iffriżati bħala riżultat ta' miżuri restrittivi tal-UE, sabiex tiġi ffinanzjata r-rikostruzzjoni tal-Ukrajna. Din l-opinjoni ssegwi dan l-appell u tissuġġerixxi li r-rikavat jiġi mgħoddi permezz tal-baġit tal-UE bħala Dħul Assenjat Estern li jikkontribwixxi għall-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali. Wara l-valutazzjoni tal-Kummissjoni, il-valur monetarju tal-assi kkonfiskati jista' jiġi mgħoddi permezz ta' strument baġitarju speċjali ddedikat ieħor, bħall-Faċilità RebuildUkraine, sakemm dan l-istrument jimplika deċiżjoni u setgħa superviżorja simili għall-awtorità baġitarja bħall-programm NDICI.

Tali użu ta' assi kkonfiskati jikkostitwixxi azzjoni konkreta ta' solidarjetà u ġustizzja. Dan se jgħin ukoll biex jiġi indirizzat l-impatt finanzjarju globali tal-aggressjoni tar-Russja, inklużi l-konsegwenzi indiretti tagħha għall-UE.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Baġits jistieden lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

Emenda 1

Proposta għal direttiva
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Il-motiv ewlieni għall-kriminalità transfruntiera organizzata, inklużi n-networks kriminali b'riskju għoli, huwa l-gwadann finanzjarju. Għalhekk, biex tiġi indirizzata t-theddida serja maħluqa mill-kriminalità organizzata, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jingħataw il-mezzi biex jittraċċaw u jidentifikaw, jiffriżaw, jikkonfiskaw u jimmaniġġjaw b'mod effettiv il-mezzi strumentali u r-rikavati mill-kriminalità u l-proprjetà li tirriżulta minn attivitajiet kriminali.	(2) Il-motiv ewlieni għall-kriminalità transfruntiera organizzata, inklużi n-networks kriminali b'riskju għoli, huwa l-gwadann finanzjarju. Għalhekk, biex tiġi indirizzata t-theddida serja maħluqa mill-kriminalità organizzata, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jingħataw il-mezzi biex jittraċċaw u jidentifikaw, jiffriżaw, jikkonfiskaw u jimmaniġġjaw b'mod effettiv il-mezzi strumentali u r-rikavati mill-kriminalità u l-proprjetà li tirriżulta minn attivitajiet kriminali. ***Id-dħul nett li jirriżulta mil-likwidazzjoni ta' assi kkonfiskati jenħtieġ li jiġi introdott mill-ġdid fl-ekonomija legali. Fejn l-assi kkonfiskati jirriżultaw mir-reati kriminali elenkati fl-Artikolu 2(1), (2) u (3) u jkunu relatati mal-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna jew fl-Artikolu 2(3a), id-dħul nett li jirriżulta mil-likwidazzjoni tagħhom għandu jservi għall- għan li tinbena u tinbena mill-ġdid aħjar l-infrastruttura fl-Ukrajna bħall-enerġija u s-sigurtà tal-ikel, l-infrastruttura u s-servizzi pubbliċi, inkluż permezz tal-użu tal-istrumenti finanzjarji, kif ukoll il-kumpens għall-popolazzjoni tal-vittmi.***

Emenda 2

Proposta għal direttiva
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(3) Sistema effettiva għall-irkupru tal-assi tirrikjedi t-traċċar u l-identifikazzjoni rapidi tal-mezzi strumentali u tar-rikavat mill-kriminalità, u tal-proprjetà suspettata li tkun ta' oriġini kriminali. Tali rikavati, mezzi strumentali, u proprjetà jenħtieġ li jiġu ffriżati sabiex jiġi evitat l-għajbien tagħhom, u wara dan jenħtieġ li jiġu kkonfiskati mal-konklużjoni tal-proċedimenti kriminali. Sistema effettiva għall-irkupru tal-assi tirrikjedi wkoll il-ġestjoni effettiva tal-proprjetà ffriżata u kkonfiskata biex iżżomm il-valur tagħha għall-Istat jew għar-restituzzjoni għall-vittmi.	(3) Sistema effettiva għall-irkupru tal-assi tirrikjedi t-traċċar u l-identifikazzjoni rapidi tal-mezzi strumentali u tar-rikavat mill-kriminalità, u tal-proprjetà suspettata li tkun ta' oriġini kriminali. Tali rikavati, mezzi strumentali, u proprjetà jenħtieġ li jiġu ffriżati sabiex jiġi evitat l-għajbien tagħhom, u wara dan jenħtieġ li jiġu kkonfiskati mal-konklużjoni tal-proċedimenti kriminali. Sistema effettiva għall-irkupru tal-assi tirrikjedi wkoll il-ġestjoni effettiva tal-proprjetà ffriżata u kkonfiskata biex iżżomm il-valur tagħha għall-Istat jew għar-restituzzjoni għall-vittmi. ***Għaldaqstant, l-użu mill-ġdid tal-assi kkonfiskati għall-kumpens u l-appoġġ tal-vittmi tal-kriminalità u għall-komunitajiet affettwati għandu l-potenzjal li jibni r-reżiljenza u b'hekk jipprevjeni aktar kriminalità organizzata.***

Emenda 3

Proposta għal direttiva
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Għalhekk, jenħtieġ li l-qafas legali eżistenti jiġi aġġornat, sabiex jiġu ffaċilitati u żgurati sforzi effettivi għall-irkupru u l-konfiska tal-assi madwar l-Unjoni. Għal dak il-għan, jenħtieġ li d-Direttiva tistabbilixxi regoli minimi dwar it-traċċar u l-identifikazzjoni, l-iffriżar, il-konfiska u l-ġestjoni ta' proprjetà fil-qafas ta' prosekuzzjoni ta' reat kriminali. F'dan il-kuntest, il-prosekuzzjoni ta' reat kriminali huwa kunċett awtonomu tad-dritt tal-Unjoni interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, minkejja l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. It-terminu jkopri t-tipi kollha ta' ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska maħruġa wara proċedimenti fir-rigward ta' reat kriminali. Huwa jkopri wkoll tipi oħra ta' ordnijiet maħruġa mingħajr kundanna finali. Il-prosekuzzjoni	(5) Għalhekk, jenħtieġ li l-qafas legali eżistenti jiġi aġġornat, sabiex jiġu ffaċilitati u żgurati sforzi effettivi għall-irkupru u l-konfiska tal-assi madwar l-Unjoni. Għal dak il-għan, jenħtieġ li d-Direttiva tistabbilixxi regoli minimi dwar it-traċċar u l-identifikazzjoni, l-iffriżar, il-konfiska u l-ġestjoni ta' proprjetà fil-qafas ta' prosekuzzjoni ta' reat kriminali. F'dan il-kuntest, il-prosekuzzjoni ta' reat kriminali huwa kunċett awtonomu tad-dritt tal-Unjoni interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, minkejja l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. It-terminu jkopri t-tipi kollha ta' ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska maħruġa wara proċedimenti fir-rigward ta' reat kriminali. Huwa jkopri wkoll tipi oħra ta' ordnijiet maħruġa mingħajr kundanna finali. Il-prosekuzzjoni

ta' reat kriminali jistgħu jinkludu wkoll investigazzjonijiet kriminali mill-pulizija u awtoritajiet oħra tal-infurzar tal-liġi. Jeħtieġ li tissaħħaħ il-kapaċità tal-awtoritajiet kompetenti li jċaħħdu lill-kriminali mir-rikavat minn attivitajiet kriminali. Għal dan il-għan, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli biex jissaħħu t-traċċar u l-identifikazzjoni tal-assi, kif ukoll il-kapaċitajiet ta' ffriżar, biex tittejjeb il-ġestjoni tal-proprjetà ffriżata u kkonfiskata, biex jissaħħu l-istrumenti għall-konfiska tal-mezzi strumentali u tar-rikavati mill-kriminalità u l-proprjetà derivata minn attivitajiet kriminali tal-organizzazzjonijiet kriminali, u biex tittejjeb l-effiċjenza ġenerali tas-sistema tal-irkupru tal-assi.	ta' reat kriminali jistgħu jinkludu wkoll investigazzjonijiet kriminali mill-pulizija u awtoritajiet oħra tal-infurzar tal-liġi. Jeħtieġ li tissaħħaħ il-kapaċità tal-awtoritajiet kompetenti li jċaħħdu lill-kriminali mir-rikavat minn attivitajiet kriminali. Għal dan il-għan, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli biex jissaħħu t-traċċar u l-identifikazzjoni tal-assi, kif ukoll il-kapaċitajiet ta' ffriżar, biex tittejjeb il-ġestjoni tal-proprjetà ffriżata u kkonfiskata, biex jissaħħu l-istrumenti għall-konfiska tal-mezzi strumentali u tar-rikavati mill-kriminalità u l-proprjetà derivata minn attivitajiet kriminali tal-organizzazzjonijiet kriminali, u biex tittejjeb l-effiċjenza ġenerali tas-sistema tal-irkupru tal-assi. ***Bl-istess mod, it-tisħiħ tal-kapaċità tal-awtoritajiet kompetenti jeħtieġ li l-Istati Membri jiggarantixxu riżorsi umani u finanzjarji suffiċjenti għat-twettiq tal-kompiti stabbiliti f'din id-Direttiva. Id-dħul addizzjonali ġġenerat minn miżuri li jtejbu s-sistema ta' rkupru tal-assi jista' jservi bħala mezz biex ikopri l-ispejjeż imġarrba b'rabta mal-obbligi taħt id-Direttiva, u b'hekk jappoġġa l-implimentazzjoni effettiva tiegħu madwar l-Unjoni.***

Emenda 4

Proposta għal direttiva
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Barra minn hekk, l-adozzjoni ta' miżuri restrittivi bla preċedent u estensivi tal-Unjoni kkawżati mill-invażjoni Russa fl-Ukrajna żvelat il-ħtieġa li jiżdiedu l-isforzi biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva kemm ta' miżuri restrittivi settorjali kif ukoll ta' miżuri restrittivi individwali tal-Unjoni madwar l-Unjoni. Filwaqt li ma humiex ta' natura kriminali, u lanqas ma jirrikjedu mġiba kriminali bħala prekundizzjoni għall-impożizzjoni	(6) Barra minn hekk, l-adozzjoni ta' miżuri restrittivi bla preċedent u estensivi tal-Unjoni kkawżati mill-invażjoni Russa fl-Ukrajna żvelat il-ħtieġa li jiżdiedu l-isforzi biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva kemm ta' miżuri restrittivi settorjali kif ukoll ta' miżuri restrittivi individwali tal-Unjoni madwar l-Unjoni. Filwaqt li ma humiex ta' natura kriminali, u lanqas ma jirrikjedu mġiba kriminali bħala prekundizzjoni għall-impożizzjoni

tagħhom, il-miżuri restrittivi tal-Unjoni jiddependu wkoll fuq l-iffriżar tal-fondi (jiġifieri sanzjonijiet finanzjarji mmirati) u miżuri settorjali, u għalhekk jenħtieġ li jibbenefikaw minn kapaċitajiet imsaħħa fil-kuntest tal-identifikazzjoni u t-traċċar tal-proprjetà. Għal dan il-għan, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli biex jissaħħu l-identifikazzjoni u t-traċċar effettivi tal-proprjetà li tkun ta' persuni u entitajiet soġġetti għal tali miżuri restrittivi jew ikkontrollata minnhom, u biex tiġi promossa kooperazzjoni internazzjonali akbar tal-uffiċċji għall-irkupru tal-assi mal-kontropartijiet tagħhom f'pajjiżi terzi. Il-miżuri relatati mal-iffriżar u l-konfiska skont din id-Direttiva, b'mod partikolari dawk skont il-Kapitoli III u IV, jibqgħu madankollu limitati għal sitwazzjonijiet fejn il-proprjetà tkun ġejja minn attivitajiet kriminali, bħall-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni. Din id-Direttiva ma tirregolax l-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi fl-ambitu tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni.	tagħhom, il-miżuri restrittivi tal-Unjoni jiddependu wkoll fuq l-iffriżar tal-fondi (jiġifieri sanzjonijiet finanzjarji mmirati) u miżuri settorjali, u għalhekk jenħtieġ li jibbenefikaw minn kapaċitajiet imsaħħa fil-kuntest tal-identifikazzjoni u t-traċċar tal-proprjetà. Għal dan il-għan, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli biex jissaħħu l-identifikazzjoni u t-traċċar effettivi tal-proprjetà li tkun ta' persuni u entitajiet soġġetti għal tali miżuri restrittivi jew ikkontrollata minnhom, u biex tiġi promossa kooperazzjoni internazzjonali akbar tal-uffiċċji għall-irkupru tal-assi mal-kontropartijiet tagħhom f'pajjiżi terzi. Il-miżuri relatati mal-iffriżar u l-konfiska skont din id-Direttiva, b'mod partikolari dawk skont il-Kapitoli III u IV, jibqgħu madankollu limitati għal sitwazzjonijiet fejn il-proprjetà tkun ġejja minn attivitajiet kriminali, bħall-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni. Din id-Direttiva ma tirregolax l-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi fl-ambitu tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni. ***F'dak ir-rigward, jenħtieġ li jiġi stabbilit reġim legali sabiex jippermetti l-konfiska ta' assi Russi privati u tal-istat iffriżati mill-Unjoni b'rispons għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-użu sussegwenti ta' dawk l-assi għar-rikostruzzjoni tal-Ukrajna.***

Emenda 5

Proposta għal direttiva
Premessa 6a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6a) Il-qafas legali eżistenti għandu wkoll jiġi aġġornat biex jippermetti t-twassil tad-dħul nett li jirriżulta mil-likwidazzjoni tal-assi kkonfiskati fil-baġit tal-Unjoni fil-forma ta' riżorsa proprja ġdida skont l-Artikolu 311 tat-TFUE, wara valutazzjoni tal-impatt preliminari tal-Kummissjoni u mingħajr preġudizzju għar-restituzzjoni u l-kumpens lill-vittmi

u lill-pubbliku kkonċernat. Il-valutazzjoni tal-impatt għandu jelabora dwar kif ir-rikavati netti li jirriżultaw mil-likwidazzjoni tal-assi kkonfiskati jew irkuprati mill-Istati Membri skont din id-Direttiva jistgħu jsiru disponibbli għall-baġit tal-Unjoni bħala riżorsa proprja, f'konformità mal-Artikolu 311 tat-TFUE, filwaqt li fl-istess ħin jissalvagwardjaw il-kapaċità tal-Istati Membri sabiex jimplimentaw b'mod effettiv id-Direttiva u miżuri mmirati lejn il-kumpens u l-appoġġ għall-vittmi tar-reat. Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni għandha wkoll tagħti prova tal-valur miżjud Ewropew ta' tali approċċ inkluż billi tesplora kif riżorsa proprja tippermetti li jiġu mutwalizzati r-riskji u l-benefiċċji li joħorġu mill-imprevedibbiltà u l-volatilità ta' tali dħul. Il-konfiska tal-assi tista' sseħħ aktar ta' spiss f'xi Stati Membri milli f'oħrajn u l-possibbiltà ta' qligħ mhux previst, l-investimenti u l-isforzi li jeħtieġ li jittieħdu biex jitrażżnu r-reati kriminali u biex finalment jiġu kkonfiskati l-assi huma bħalissa inseparabbli u imprevedibbli. Fl-aħħar nett, jenħtieġ li l-valutazzjoni tal-Kummissjoni tiddettalja kif tali riżorsa proprja ġdida tista' tappoġġa l-prijoritajiet tal-Unjoni u l-finanzjament adegwat tal-infiq tal-Unjoni, filwaqt li jonqos is-sehem ta' kontribuzzjonijiet ibbażati fuq l-ING fil-finanzjament tal-baġit tal-Unjoni u jiġi ffaċilitat it-titjib fl-effiċjenza kkumparat mal-infiq nazzjonali.

Emenda 6

Proposta għal direttiva
Premessa 6b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6b) Fejn l-assi jirriżultaw mir-reati kriminali elenkati fl-Artikolu 2(1), (2) u (3) u għandhom x'jaqsmu mal-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna jew l-

	Artikolu 2(3a), dan id-dħul għandu jkun disponibbli fil-forma ta' dħul estern assenjat sakemm id-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji rilevanti tidħol fis-seħħ u mingħajr preġudizzju għar-restituzzjoni u l-kumpens lill-vittmi u lill-pubbliku kkonċernat. Tali dħul għandu jiġi assenjat l-aktar lill-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta'' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali fuq il-linja tal-Viċinat tal-Lvant (14 02 01 11) jew, fejn xieraq, lill-NDICI - Ewropa Globali - forniment tal-linja tal-fond ta' provvediment komuni (14 02 01 70) u l-linji tal-baġit suċċessuri fl-MFF li jmiss jekk ikun meħtieġ. Dan ir-rikavat jenħtieġ li jintuża biex jappoġġja proġetti ħalli tinbena u tinbena mill-ġdid l-infrastruttura fl-Ukrajna u jipprovdi kumpens lill-popolazzjoni Ukrena li sfat vittma. Il-Kummissjoni tista' tivvaluta l-fattibbiltà u r-rilevanza li d-dħul assenjat estern relatat mal-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna tgħaddi lejn il-[Faċilità RebuildUkraine], jekk it-twaqqif tal-Faċilità jaqdi l-għanijiet ta' appoġġ għal proġetti biex tinbena u tinbena mill-ġdid l-infrastruttura fl-Ukrajna u li jipprovdi kumpens lill-popolazzjoni tal-vittmi Ukreni u jipprovdi deċiżjoni u setgħa superviżorja simili lill-awtorità baġitarja bħall-programm NDICI.

Emenda 7

Proposta għal direttiva
Premessa 6c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6c) Il-proposti għal proġetti li għandhom jiġu ffinanzjati minn dħul estern assenjat relatat mal-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna għandhom jiġu sottomessi lill-Kummissjoni mill-awtoritajiet Ukreni wara konsultazzjoni ma' organizzazzjonijiet domestiċi tas-soċjetà ċivili u partijiet ikkonċernati

	rilevanti oħra. Il-proġetti jenħtieġ li jinkludu riżultati tanġibbli u linji gwida għall-infiq li jippermettu l-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tagħhom. Il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni għandhom ikunu jistgħu jimmonitorjaw l-impatt tal-proġetti u jiskrutinizzaw, bl-involviment tas-soċjetà ċivili u permezz ta' rapportar regolari u tal-proċedura ta' kwittanza, l-implimentazzjoni tal-proġetti biex jiżguraw li s-sħab responsabbli għall-implimentazzjoni jirrispettaw il-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba b'mod partikolari miżuri kontra l-korruzzjoni. Kumpens lill-popolazzjoni tal-vittmi Ukreni jista' jiġi pprovdut permezz ta' mekkaniżmu dedikat għall-kumpens tal-vittmi Ukreni implimentat taħt il-linja tal-Viċinat tal-Lvant (14 02 01 11) u li jimmira lejn it-titjib tal-kundizzjonijiet tal-ħajja tal-vittmi. Dan jista' jkun ibbażat fuq reġistru tal-pretensjonijiet tal-vittmi Ukreni u kummissjoni ddedikata għat-talbiet.

Emenda 8

Proposta għal direttiva
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Il-miżuri li għandhom l-għan li jżidu l-kapaċitajiet ta' traċċar u identifikazzjoni tal-proprjetà rilevanti fir-rigward ta' persuni jew entitajiet soġġetti għall-miżuri restrittivi tal-UE, kif ukoll il-miżuri komplementari biex jiġi żgurat li tali proprjetà ma tiġix ittrasferita jew moħbija biex jiġu evitati l-miżuri restrittivi tal-Unjoni, jikkontribwixxu għall-prevenzjoni u l-identifikazzjoni ta' ksur possibbli tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni u għal kooperazzjoni transfruntiera msaħħa fl-investigazzjonijiet dwar reati kriminali possibbli.	(7) Il-miżuri li għandhom l-għan li jżidu l-kapaċitajiet ta' traċċar u identifikazzjoni tal-proprjetà rilevanti fir-rigward ta' persuni jew entitajiet soġġetti għall-miżuri restrittivi tal-UE, kif ukoll il-miżuri komplementari biex jiġi żgurat li tali proprjetà ma tiġix ittrasferita jew moħbija biex jiġu evitati l-miżuri restrittivi tal-Unjoni, jikkontribwixxu għall-prevenzjoni u l-identifikazzjoni ta' ksur possibbli tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni u għal kooperazzjoni transfruntiera msaħħa fl-investigazzjonijiet dwar reati kriminali possibbli. ***Għal tali skopijiet, jenħtieġ li jiġu esplorati sforzi miżjuda għall-prevenzjoni tal-evażjoni ta' miżuri***

restrittivi tal-Unjoni, inkluż permezz tal-istabbiliment ta' strutturi konġunti ta' infurzar ta' sanzjonijiet, bil-ħsieb li jiġu appoġġati l-Istati Membri fl-implimentazzjoni ta' miżuri restrittivi tal-Unjoni.

Emenda 9

Proposta għal direttiva
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) ***[***Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni, ***jeħtieġ li l-***kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva ***jiġi estiż għall-***ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni].	***(11) B'mod simili, il-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni huwa motivat l-aktar b'mod partikolari mill-kunsiderazzjonijiet tal-gwadann finanzjarju. Filwaqt li tiġġenera l-profitti, iċ-ċirkumvenzjoni ta' miżuri restrittivi tippermetti l-użu kontinwu ta' assi ffriżati b'modi li jimminaw l-objettivi ta' dawk il-miżuri restrittivi.*** Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni, ***jeħtieġ li l-ksur tagħhom jiġi inkluż fil-***kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva ***sa fejn dawn jikkostitwixxu reati kriminali skont it-tifsira tad-Direttiva (UE) [.../...] [Direttiva dwar id-definizzjoni ta' reati kriminali u ta' pieni għall-ksur*** ta' miżuri restrittivi tal-Unjoni]. ***Il-miżuri tal-liġi kriminali adottati fl-Unjoni, u l-iffriżar u l-konfiska li jirriżultaw minnhom, jirrappreżentaw mod kif tiġi appoġġata r-rikostruzzjoni tal-Ukrajna.***

Emenda 10

Proposta għal direttiva
Premessa 11a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(11a) Il-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna għamlet il-mobilizzazzjoni urġenti ta' riżorsi

sostanzjali kruċjali għar-rikostruzzjoni tal-Ukrajna. Ir-regoli riveduti dwar l-irkupru u l-konfiska tal-assi għandhom ikunu prova futuri u jippermettu l-possibbiltà li d-dħul nett tal-assi kkonfiskati jiġi ċċarat fil-qafas ta' reati kriminali relatati mal-gwerra fl-Ukrajna lil hinn mill-evażjoni tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni hekk kif dawk ir-reati jiġu identifikati u definiti bħala reati tal-Unjoni skont l-Artikolu 83 tat-TFUE.

Emenda 11

Proposta għal direttiva
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Sabiex iwettqu investigazzjonijiet effettivi għat-traċċar tal-assi, u biex jirrispondu malajr għat-talbiet transfruntieri, l-uffiċċji għall-irkupru tal-assi jenħtieġ li jkollhom aċċess għall-informazzjoni li tippermettilhom jistabbilixxu l-eżistenza, is-sjieda jew il-kontroll ta' proprjetà li tista' ssir is-suġġett ta' ordni ta' ffriżar jew ta' konfiska. Għalhekk, jenħtieġ li l-uffiċċji għall-irkupru tal-assi jkollhom aċċess għad-data rilevanti bħad-data fiskali, ir-reġistri nazzjonali taċ-ċittadinanza u tal-popolazzjoni, il-bażijiet tad-data kummerċjali u l-informazzjoni dwar is-sigurtà soċjali. Jenħtieġ li dan jinkludi informazzjoni dwar l-infurzar tal-liġi sa fejn data bħal rekords kriminali, waqfiet ta' vetturi, tfittxijiet ta' proprjetà u azzjonijiet legali preċedenti bħal ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska jew sekwestri ta' flus kontanti tista' tkun ta' valur biex tiġi identifikata l-proprjetà rilevanti. Jenħtieġ li l-aċċess għall-informazzjoni jkun soġġett għal salvagwardji speċifiċi li jipprevjenu l-użu ħażin tad-drittijiet ta' aċċess. Jenħtieġ li dawn is-salvagwardji jkunu mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 25 tad-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u	(17) Sabiex iwettqu investigazzjonijiet effettivi għat-traċċar tal-assi, u biex jirrispondu malajr għat-talbiet transfruntieri, l-uffiċċji għall-irkupru tal-assi jenħtieġ li jkollhom aċċess għall-informazzjoni li tippermettilhom jistabbilixxu l-eżistenza, is-sjieda jew il-kontroll ta' proprjetà li tista' ssir is-suġġett ta' ordni ta' ffriżar jew ta' konfiska. Għalhekk, jenħtieġ li l-uffiċċji għall-irkupru tal-assi jkollhom aċċess għad-data rilevanti bħad-***data tal-kontijiet bankarji,*** id-datafiskali, ir-reġistri nazzjonali taċ-ċittadinanza u tal-popolazzjoni, il-bażijiet tad-data kummerċjali u l-informazzjoni dwar is-sigurtà soċjali. Jenħtieġ li dan jinkludi informazzjoni dwar l-infurzar tal-liġi sa fejn data bħal rekords kriminali, waqfiet ta' vetturi, tfittxijiet ta' proprjetà u azzjonijiet legali preċedenti bħal ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska jew sekwestri ta' flus kontanti tista' tkun ta' valur biex tiġi identifikata l-proprjetà rilevanti. Jenħtieġ li l-aċċess għall-informazzjoni jkun soġġett għal salvagwardji speċifiċi li jipprevjenu l-użu ħażin tad-drittijiet ta' aċċess. Jenħtieġ li dawn is-salvagwardji jkunu mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 25 tad-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u

tal-Kunsill[23]. L-aċċess dirett u immedjat għal din l-informazzjoni ma jimpedixxix lill-Istati Membri milli jagħmlu l-aċċess soġġett għal salvagwardji proċedurali kif stabbilit skont il-liġi nazzjonali filwaqt li jittieħed kont xieraq tal-ħtieġa li l-uffiċċji għall-irkupru tal-assi jkunu jistgħu jwieġbu malajr għat-talbiet transfruntieri. L-implimentazzjoni tas-salvagwardji proċedurali għall-aċċess għall-bażijiet tad-data jenħtieġ li ma taffettwax il-kapaċità tal-uffiċċji għall-irkupru tal-assi li jwieġbu għat-talbiet minn Stati Membri oħra, speċjalment f'każ ta' talbiet urġenti. L-aċċess għall-bażijiet tad-data u r-reġistri rilevanti skont din id-Direttiva jenħtieġ li jikkomplementa l-aċċess għall-informazzjoni dwar il-kontijiet bankarji skont id-Direttiva (UE) 2019/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[24] u għall-informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja skont id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[25].

tal-Kunsill[23]. L-aċċess dirett u immedjat għal din l-informazzjoni ma jimpedixxix lill-Istati Membri milli jagħmlu l-aċċess soġġett għal salvagwardji proċedurali kif stabbilit skont il-liġi nazzjonali filwaqt li jittieħed kont xieraq tal-ħtieġa li l-uffiċċji għall-irkupru tal-assi jkunu jistgħu jwieġbu malajr għat-talbiet transfruntieri. L-implimentazzjoni tas-salvagwardji proċedurali għall-aċċess għall-bażijiet tad-data jenħtieġ li ma taffettwax il-kapaċità tal-uffiċċji għall-irkupru tal-assi li jwieġbu għat-talbiet minn Stati Membri oħra, speċjalment f'każ ta' talbiet urġenti. L-aċċess għall-bażijiet tad-data u r-reġistri rilevanti skont din id-Direttiva jenħtieġ li jikkomplementa l-aċċess għall-informazzjoni dwar il-kontijiet bankarji skont id-Direttiva (UE) 2019/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[24] u għall-informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja skont id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[25].

---

[23] Id-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet ta' prevenzjoni, investigazzjoni, sejbien jew prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-esekuzzjoni ta' pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar Deċiżjoni Kwadra tal-Kunsill 2008/977/ĠAI (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 89).

[24] Id-Direttiva (UE) 2019/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li tistabbilixxi regoli li jiffaċilitaw l-użu ta' informazzjoni finanzjarja u informazzjoni oħra għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' ċerti reati kriminali, u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/642/ĠAI (ĠU L 186, 11.7.2019, p. 122).

[25] Id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-

[23] Id-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet ta' prevenzjoni, investigazzjoni, sejbien jew prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-esekuzzjoni ta' pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar Deċiżjoni Kwadra tal-Kunsill 2008/977/ĠAI (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 89).

[24] Id-Direttiva (UE) 2019/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li tistabbilixxi regoli li jiffaċilitaw l-użu ta' informazzjoni finanzjarja u informazzjoni oħra għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' ċerti reati kriminali, u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/642/ĠAI (ĠU L 186, 11.7.2019, p. 122).

[25] Id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-

Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, kif emendata bid-Direttiva (UE) 2018/843 (ĠU L 141 5.6.2015, p. 73).	Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, kif emendata bid-Direttiva (UE) 2018/843 (ĠU L 141 5.6.2015, p. 73).

Emenda 12

Proposta għal direttiva
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-informazzjoni kondiviża bejn l-uffiċċji għall-irkupru tal-assi, jenħtieġ li l-użu tal-Applikazzjoni ta' Network għall-Iskambju Sikur ta' Informazzjoni (Secure Information Exchange Network Application, SIENA), ġestita mill-Europol f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[26], ikun obbligatorju għall-komunikazzjonijiet kollha fost l-uffiċċji għall-irkupru tal-assi skont din id-Direttiva. Għalhekk, sabiex ikunu jistgħu jwettqu l-kompiti kollha assenjati minn din id-Direttiva, l-uffiċċji kollha għall-irkupru tal-assi jenħtieġ li jkunu jistgħu jaċċessaw direttament is-SIENA.	(18) Biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-informazzjoni kondiviża bejn l-uffiċċji għall-irkupru tal-assi, jenħtieġ li l-użu tal-Applikazzjoni ta' Network għall-Iskambju Sikur ta' Informazzjoni (Secure Information Exchange Network Application, SIENA), ġestita mill-Europol f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[26], ikun obbligatorju għall-komunikazzjonijiet kollha fost l-uffiċċji għall-irkupru tal-assi skont din id-Direttiva. Għalhekk, sabiex ikunu jistgħu jwettqu l-kompiti kollha assenjati minn din id-Direttiva, l-uffiċċji kollha għall-irkupru tal-assi***, kif ukoll l-UPPE,*** jenħtieġ li jkunu jistgħu jaċċessaw direttament is-SIENA.
[26] Ir-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2009/371/ĠAI, 2009/934/ĠAI, 2009/935/ĠAI, 2009/936/ĠAI u 2009/968/ĠAI (ĠU L 135, 24.5.2016, p. 53).	[26] Ir-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2009/371/ĠAI, 2009/934/ĠAI, 2009/935/ĠAI, 2009/936/ĠAI u 2009/968/ĠAI (ĠU L 135, 24.5.2016, p. 53).

Emenda 13

Proposta għal direttiva

Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Il-miżuri ta' ffriżar jenħtieġ li jkunu mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li proprjetà speċifika titqies bħala evidenza matul il-proċedimenti, dment li fl-aħħar mill-aħħar din issir disponibbli għal eżekuzzjoni effettiva tal-ordni ta' konfiska. Fil-kuntest ta' proċedimenti kriminali, il-proprjetà tista' tiġi ffriżata wkoll bil-ħsieb tar-restituzzjoni sussegwenti possibbli tagħha jew sabiex jiġi ssalvagwardjat il-kumpens għad-dannu kkawżat minn reat kriminali.	(22) Il-miżuri ta' ffriżar jenħtieġ li ***jinkludu miżuri mmirati lejn il-preservazzjoni u l-ottimizzazzjoni tal-valur tal-proprjetà kkonċernata sad-disponiment tagħha u*** li jkunu mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li proprjetà speċifika titqies bħala evidenza matul il-proċedimenti, dment li fl-aħħar mill-aħħar din issir disponibbli għal eżekuzzjoni effettiva tal-ordni ta' konfiska. Fil-kuntest ta' proċedimenti kriminali, il-proprjetà tista' tiġi ffriżata wkoll bil-ħsieb tar-restituzzjoni sussegwenti possibbli tagħha jew sabiex jiġi ssalvagwardjat il-kumpens għad-dannu kkawżat minn reat kriminali.

Emenda 14

Proposta għal direttiva
Premessa 39

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(39) Sistema ta' rkupru effettiva tirrikjedi l-isforzi maqbula ta' firxa wiesgħa ta' awtoritajiet, mill-infurzar tal-liġi, inklużi l-awtoritajiet doganali, l-awtoritajiet tat-taxxa u l-awtoritajiet tal-irkupru tat-taxxa sa fejn dawn ikunu kompetenti għall-irkupru tal-assi, l-uffiċċji għall-irkupru tal-assi, l-awtoritajiet ġudizzjarji u l-awtoritajiet għall-ġestjoni tal-assi, inklużi l-uffiċċji għall-ġestjoni tal-assi. Sabiex tiġi żgurata azzjoni koordinata mill-awtoritajiet kompetenti kollha, jeħtieġ li jiġi stabbilit approċċ aktar strateġiku għall-irkupru tal-assi u li tiġi promossa kooperazzjoni akbar bejn l-awtoritajiet rilevanti, u li tinkiseb ħarsa ġenerali ċara tar-riżultati tal-irkupru tal-assi. Għal dan il-għan, l-Istati Membri jenħtieġ li jadottaw u jirrieżaminaw b'mod regolari strateġija nazzjonali dwar l-irkupru tal-assi biex tiggwida l-azzjonijiet fir-rigward tal-	(39) Sistema effettiva ***tat-traċċar,*** l-irkupru ***u l-użu mill-ġdid tal-assi kif ukoll il-manteniment tal-valur ta' assi ffriżati*** tirrikjedi l-isforzi maqbula ta' firxa wiesgħa ta' awtoritajiet, mill-infurzar tal-liġi, inklużi l-awtoritajiet doganali, l-awtoritajiet tat-taxxa u l-awtoritajiet tal-irkupru tat-taxxa sa fejn dawn ikunu kompetenti għall-irkupru tal-assi, l-uffiċċji għall-irkupru tal-assi, l-awtoritajiet ġudizzjarji u l-awtoritajiet għall-ġestjoni tal-assi, inklużi l-uffiċċji għall-ġestjoni tal-assi. Sabiex tiġi żgurata azzjoni koordinata mill-awtoritajiet kompetenti kollha, jeħtieġ li jiġi stabbilit approċċ aktar strateġiku għall-irkupru tal-assi u li tiġi promossa kooperazzjoni akbar bejn l-awtoritajiet rilevanti, u li tinkiseb ħarsa ġenerali ċara tar-riżultati tal-irkupru tal-assi. Għal dan il-għan, l-Istati Membri jenħtieġ li jadottaw u jirrieżaminaw b'mod regolari strateġija

investigazzjonijiet finanzjarji, l-iffriżar u l-konfiska, il-ġestjoni kif ukoll id-disponiment finali tal-mezzi strumentali, ir-rikavati, jew il-proprjetà rilevanti. Barra minn hekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti bir-riżorsi meħtieġa biex ikunu jistgħu jwettqu l-kompiti tagħhom b'mod effettiv. L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jinftiehmu bħala l-awtoritajiet inkarigati bit-twettiq tal-kompiti kif deskritti f'din id-Direttiva u skont l-istrutturi nazzjonali.

nazzjonali dwar l-irkupru tal-assi biex tiggwida l-azzjonijiet fir-rigward tal-investigazzjonijiet finanzjarji, l-iffriżar u l-konfiska, il-ġestjoni kif ukoll id-disponiment finali tal-mezzi strumentali, ir-rikavati, jew il-proprjetà rilevanti. Barra minn hekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti bir-riżorsi meħtieġa biex ikunu jistgħu jwettqu l-kompiti tagħhom b'mod effettiv. L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jinftiehmu bħala l-awtoritajiet inkarigati bit-twettiq tal-kompiti kif deskritti f'din id-Direttiva u skont l-istrutturi nazzjonali.

Emenda 15

Proposta għal direttiva
Premessa 41

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(41) Biex jiġu żgurati approċċi konsistenti fost l-Istati Membri fil-ġbir tal-istatistika, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE biex tissupplimenta din id-Direttiva billi tadotta regoli aktar dettaljati dwar l-informazzjoni li għandha tinġabar u l-metodoloġija għall-ġbir tal-istatistika.	(41) Biex jiġu żgurati approċċi konsistenti fost l-Istati Membri fil-ġbir tal-istatistika, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE biex tissupplimenta din id-Direttiva billi tadotta regoli aktar dettaljati dwar l-informazzjoni li għandha tinġabar u l-metodoloġija għall-ġbir tal-istatistika. ***F'dan il-kamp ta' applikazzjoni, jenħtieġ li jkun hemm pjattaforma rilevanti fis-seħħ fil-livell tal-Unjoni biex tappoġġa evalwazzjoni effettiva fil-proċess ta' ġbir ta' informazzjoni.***

Emenda 16
Proposta għal direttiva
Premessa 43

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(43) Biex tiġi pprovduta ħarsa ġenerali aktar komprensiva tal-azzjoni meħuda għall-iffriżar u l-konfiska, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu reġistru ċentrali tal-	(43) Biex tiġi pprovduta ħarsa ġenerali aktar komprensiva tal-azzjoni meħuda għall-iffriżar u l-konfiska, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu reġistru ċentrali tal-

mezzi strumentali, tar-rikavati, jew tal-proprjetà ffriżata, ġestita u kkonfiskata u jiġbru l-istatistika meħtieġa dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri rilevanti. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti reġistri ċentralizzati fil-livell nazzjonali, tal-mezzi strumentali, tar-rikavati, jew tal-proprjetà ffriżata u kkonfiskata, sabiex tiġi ffaċilitata l-ġestjoni tal-fajl speċifiku. L-għan li jiġu stabbiliti reġistri ċentralizzati huwa li l-awtoritajiet rilevanti kollha responsabbli għall-irkupru ta' proprjetà kriminali jiġu assistiti b'rekord aċċessibbli tal-proprjetà li tkun iffriżata, ikkonfiskata, jew taħt ġestjoni, mill-mument li tiġi ffriżata sakemm tiġi rritornata lis-sid jew isir disponiment minnha. L-informazzjoni mdaħħla fir-reġistri jenħtieġ li tinżamm biss sakemm tkun meħtieġa għall-finijiet ta' ġestjoni tal-każ speċifiku, jew għall-finijiet tal-ġbir ta' data statistika. Għall-finijiet ta' ġestjoni tal-każijiet, jenħtieġ li din ma tinżammx għal aktar żmien milli wara d-disponiment finali tal-proprjetà wara ordni ta' konfiska, jew wara r-ritorn tagħha lis-sid f'każ ta' ħelsien. L-aċċess għall-informazzjoni rreġistrata fir-reġistri ċentralizzati jenħtieġ li jingħata biss lill-awtoritajiet responsabbli għall-irkupru ta' proprjetà kriminali, bħall-uffiċċji għall-irkupru tal-assi, l-uffiċċji għall-ġestjoni tal-assi, il-qrati nazzjonali jew l-awtoritajiet maħtura mod ieħor skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali.	mezzi strumentali, tar-rikavati, jew tal-proprjetà ffriżata, ġestita u kkonfiskata u jiġbru l-istatistika meħtieġa dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri rilevanti. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti reġistri ċentralizzati fil-livell nazzjonali, tal-mezzi strumentali, tar-rikavati, jew tal-proprjetà ffriżata u kkonfiskata, sabiex tiġi ffaċilitata l-ġestjoni tal-fajl speċifiku. L-għan li jiġu stabbiliti reġistri ċentralizzati huwa li l-awtoritajiet rilevanti kollha responsabbli għall-irkupru ta' proprjetà kriminali jiġu assistiti b'rekord aċċessibbli tal-proprjetà li tkun iffriżata, ikkonfiskata, jew taħt ġestjoni, mill-mument li tiġi ffriżata sakemm tiġi rritornata lis-sid jew isir disponiment minnha. L-informazzjoni mdaħħla fir-reġistri jenħtieġ li tinżamm biss sakemm tkun meħtieġa għall-finijiet ta' ġestjoni tal-każ speċifiku, jew għall-finijiet tal-ġbir ta' data statistika. Għall-finijiet ta' ġestjoni tal-każijiet, jenħtieġ li din ma tinżammx għal aktar żmien milli wara d-disponiment finali tal-proprjetà wara ordni ta' konfiska, jew wara r-ritorn tagħha lis-sid f'każ ta' ħelsien. L-aċċess għall-informazzjoni rreġistrata fir-reġistri ċentralizzati jenħtieġ li jingħata biss lill-awtoritajiet responsabbli għall-irkupru ta' proprjetà kriminali, bħall-uffiċċji għall-irkupru tal-assi, l-uffiċċji għall-ġestjoni tal-assi, il-qrati nazzjonali jew l-awtoritajiet maħtura mod ieħor skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali. ***Il-Kummissjoni tista' tipprovdi linji gwida speċifiċi għall-Istati Membri dwar il-ġbir u t-trattament ta' din l-informazzjoni. Dawk il-linji gwida jistgħu jistabbilixxu wkoll ir-regoli għall-ambitu u l-prattiki ta' skambju ta' informazzjoni ma' pajjiżi terzi meta l-proprjetà kkonċernata tiġi ffriżata jew ikkonfiskata skont ir-reġim ta' sanzjonijiet tal-Unjoni.***

Emenda 17

Proposta għal direttiva
Premessa 45

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(45) L-uffiċċji għall-irkupru tal-assi jenħtieġ li jikkooperaw mill-qrib ukoll mal-korpi u l-aġenziji tal-UE, inklużi l-Europol, il-Eurojust u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew, f'konformità mal-mandati rispettivi tagħhom, sa fejn ikun meħtieġ li l-proprjetà tiġi ttraċċata u identifikata fl-investigazzjonijiet transfruntieri appoġġati mill-Europol u mill-Eurojust jew fl-investigazzjonijiet imwettqa mill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew. Jenħtieġ li l-uffiċċji għall-irkupru tal-assi jikkooperaw ukoll mal-Europol u mal-Eurojust, f'konformità mal-mandati rispettivi tagħhom, sa fejn ikun meħtieġ li tiġi traċċata u identifikata proprjetà għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni jew l-investigazzjoni ta' reati kriminali relatati mal-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni.	(45) L-uffiċċji għall-irkupru tal-assi jenħtieġ li jikkooperaw mill-qrib ukoll mal-korpi u l-aġenziji tal-UE, inklużi l-Europol, il-Eurojust u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew, f'konformità mal-mandati rispettivi tagħhom, sa fejn ikun meħtieġ li l-proprjetà tiġi ttraċċata u identifikata fl-investigazzjonijiet transfruntieri appoġġati mill-Europol u mill-Eurojust jew fl-investigazzjonijiet imwettqa mill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew. L-uffiċċji għall-irkupru tal-assi ***jenħtieġ li jikkooperaw mill-qrib mal-livelli ċentrali u deċentralizzati tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) fir-rigward tal- Istati Membri li jipparteċipaw fil-kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-UPPE jekk applikabbli skont ir-Regolament (UE) 2017/1939[1a]. Għalhekk, l-uffiċċji għall-irkupru tal-assi jenħtieġ li jidħlu għall-obbligi ta' rapportar skont ir-Regolament UPPE, u jirrapportaw lill-UPPE bl-istess mod kif jagħmlu lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u lill-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja. L-uffiċċji għall-irkupru tal-assi*** jenħtieġ li jikkooperaw ukoll mal-***UPPE,*** mal-Europol u mal-Eurojust, f'konformità mal-mandati rispettivi tagħhom, sa fejn ikun meħtieġ li tiġi traċċata u identifikata proprjetà għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni jew l-investigazzjoni ta' reati kriminali relatati mal-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni.
	[1a] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") (ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1).

Emenda 18

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt m

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(m) il-kriminalità ambjentali, inkluż it-traffikar illeċitu fi speċijiet ta' annimali fil-periklu u fi speċijiet u varjetajiet ta' pjanti fil-periklu kif iddefinit ***fid***-Direttiva 2008/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[50], kif ukoll reati relatati mat-tniġġis mill-bastimenti kif definiti fid-Direttiva 2005/35/KE kif emendata bid-Direttiva 2009/123/KE[51];	(m) il-kriminalità ambjentali, inkluż it-traffikar illeċitu fi speċijiet ta' annimali fil-periklu u fi speċijiet u varjetajiet ta' pjanti fil-periklu kif iddefinit fid-Direttiva 2008/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[50], kif ukoll reati relatati mat-tniġġis mill-bastimenti kif definiti fid-Direttiva 2005/35/KE kif emendata bid-Direttiva 2009/123/KE[51];
[50] Id-Direttiva 2008/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 328, 6.12.2008, p. 28).	[50] Id-Direttiva 2008/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 328, 6.12.2008, p. 28).
[51] Direttiva 2009/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li temenda d-Direttiva 2005/35/KE dwar it-tniġġis ikkawżat minn vapuri u l-introduzzjoni ta' penali għal ksur (ĠU L 280, 27.10.2009, p. 52).	[51] Direttiva 2009/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li temenda d-Direttiva 2005/35/KE dwar it-tniġġis ikkawżat minn vapuri u l-introduzzjoni ta' penali għal ksur (ĠU L 280, 27.10.2009, p. 52).

Emenda 19

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Din id-Direttiva għandha tapplika għar-reati ta' aggressjoni jew għall-faċilitazzjoni ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna soġġetti għall-adozzjoni tad-Deċiżjonijiet rilevanti tal-Kunsill li jidentifikaw u jiddefinixxu dawk ir-reati skont l-Artikolu 83 tat-TFUE.

Emenda 20

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) "rikavat" tfisser kwalunkwe vantaġġ ekonomiku li jirriżulta direttament jew indirettament minn reat kriminali li jikkonsisti fi kwalunkwe forma ta' proprjetà, u jinkludi kwalunkwe investiment mill-ġdid jew trasformazzjoni sussegwenti ta' rikavat dirett u kwalunkwe benefiċċju ta' valur;	(1) "rikavat" tfisser kwalunkwe vantaġġ ekonomiku li jirriżulta direttament jew indirettament minn reat kriminali li jikkonsisti fi kwalunkwe forma ta' proprjetà, u jinkludi kwalunkwe investiment mill-ġdid jew trasformazzjoni sussegwenti ta' rikavat dirett u kwalunkwe benefiċċju ta' valur***, inkluża l-kriptovaluta;***

Emenda 21

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) "assi" tfisser il-proprjetà mobbli u immobbli, it-tfaddil f'kontijiet bankarji, flus likwidi u s-sjieda ta' negozju assoċjati ma' reat jew reat suspettat, fejn tali assi jinkisbu illegalment, jintużaw biex jitwettaq reat, jew jeżistu bħala riżultat ta' reat;

Emenda 22

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jikkooperaw u jiskambjaw informazzjoni mal-uffiċċji għall-irkupru tal-assi ta' Stati Membri oħra fit-traċċar u l-identifikazzjoni ta' mezzi strumentali u ta' rikavati, jew ta' proprjetà li tista' ssir jew li tkun is-suġġett ta' ordni ta' ffriżar jew ta' konfiska;	(c) jikkooperaw u jiskambjaw informazzjoni mal-uffiċċji għall-irkupru tal-assi ta' Stati Membri oħra***, kif ukoll mal-UPPE,*** fit-traċċar u l-identifikazzjoni ta' mezzi strumentali u ta' rikavati, jew ta' proprjetà li tista' ssir jew li tkun is-suġġett ta' ordni ta' ffriżar jew ta' konfiska;

Emenda 23

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) jiskambjaw informazzjoni ma' uffiċċji oħra għall-irkupru tal-assi fl-Istati Membri relatata mal-implimentazzjoni effettiva tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni fejn ikun meħtieġ għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni jew l-investigazzjoni ta' reati kriminali.	(d) jiskambjaw informazzjoni ma' uffiċċji oħra għall-irkupru tal-assi fl-Istati Membri relatata mal-implimentazzjoni effettiva tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni***, kif ukoll mal-UPPE,*** fejn ikun meħtieġ għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni jew l-investigazzjoni ta' reati kriminali.

Emenda 24

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-uffiċċji għall-irkupru tal-assi għandhom jingħataw is-setgħa li jittraċċaw u jidentifikaw il-proprjetà ta' persuni u entitajiet soġġetti għal sanzjonijiet finanzjarji mmirati tal-UE fejn ikun meħtieġ għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni jew l-investigazzjoni ta' reati kriminali. Għal dak il-għan, huma għandhom jikkooperaw mal-uffiċċji għall-irkupru tal-assi u ma' awtoritajiet kompetenti rilevanti oħra fi Stati Membri oħra u jiskambjaw informazzjoni rilevanti.	3. L-uffiċċji għall-irkupru tal-assi għandhom jingħataw is-setgħa li jittraċċaw u jidentifikaw il-proprjetà ta' persuni u entitajiet soġġetti għal sanzjonijiet finanzjarji mmirati tal-UE fejn ikun meħtieġ għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni jew l-investigazzjoni ta' reati kriminali. Għal dak il-għan, huma għandhom jikkooperaw mal-uffiċċji għall-irkupru tal-assi u ma' awtoritajiet kompetenti rilevanti oħra fi Stati Membri oħra***, kif ukoll mal-UPPE,*** u jiskambjaw informazzjoni rilevanti.

Emenda 25

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) data fiskali, inkluża d-data miżmuma mill-awtoritajiet tat-taxxa u tad-dħul;	(a) ***data dwar kontijiet bankarji u tranżazzjonijiet finanzjarji,*** data fiskali, inkluża d-data miżmuma mill-awtoritajiet tat-taxxa u tad-dħul;

Emenda 26

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persunal tal-uffiċċji għall-irkupru tal-assi jikkonforma mar-regoli dwar il-kunfidenzjalità u s-segretezza professjonali kif previst skont il-liġi nazzjonali applikabbli. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li l-persunal tal-uffiċċji għall-irkupru tal-assi jkollu l-ħiliet u l-kapaċitajiet speċjalizzati meħtieġa biex iwettaq ir-rwoli tiegħu b'mod effettiv.	2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persunal tal-uffiċċji għall-irkupru tal-assi jikkonforma mar-regoli dwar il-kunfidenzjalità u s-segretezza professjonali u ***l-etika*** kif previst skont il-liġi nazzjonali applikabbli. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li l-persunal tal-uffiċċji għall-irkupru tal-assi jkollu l-ħiliet u l-kapaċitajiet speċjalizzati meħtieġa biex iwettaq ir-rwoli tiegħu b'mod effettiv.

Emenda 27

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm fis-seħħ miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa biex jiżguraw is-sigurtà tad-data sabiex l-uffiċċji għall-irkupru tal-assi jaċċessaw u jfittxu l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 6.	3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm fis-seħħ miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa biex jiżguraw is-sigurtà tad-data sabiex l-uffiċċji ***għall-***irkupru tal-assi jaċċessaw u jfittxu l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 6.

Emenda 28

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-uffiċċji għall-irkupru tal-assi tagħhom jipprovdu, fuq talba minn uffiċċju għall-irkupru tal-assi ta' Stat Membru ieħor, kwalunkwe informazzjoni li tkun meħtieġa għat-twettiq tal-kompiti tagħhom skont l-Artikolu 5. Il-	L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-uffiċċji għall-irkupru tal-assi tagħhom jipprovdu, fuq talba minn uffiċċju għall-irkupru tal-assi ta' Stat Membru ieħor***, kif ukoll mal-UPPE,*** kwalunkwe informazzjoni li tkun meħtieġa għat-twettiq tal-kompiti tagħhom skont l-

kategoriji ta' data personali li jistgħu jiġu pprovduti huma dawk elenkati fit-Taqsima B, il-punt 2 tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2016/794.	Artikolu 5. Il-kategoriji ta' data personali li jistgħu jiġu pprovduti huma dawk elenkati fit-Taqsima B, il-punt 2 tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2016/794.

Emenda 29

Proposta għal direttiva
Artikolu 11 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-miżuri ta' ffriżar għandhom jinkludu azzjoni immedjata li għandha tittieħed meta jkun meħtieġ sabiex tiġi ppreservata l-proprjetà.	2. Il-miżuri ta' ffriżar għandhom jinkludu azzjoni immedjata li għandha tittieħed meta jkun meħtieġ sabiex jiġi ppreservat il-***valur ta' assi ffriżati b'mod partikolari f'każijiet li fihom ma jkun hemm l-ebda possibbiltà li l-ispejjeż għall-ġestjoni tal-proprjetà ffriżata jiġu imposti fuq is-sid benefiċjarju jew li jsir progress b'bejgħ interlokutorju.***

Emenda 30
Proposta għal direttiva
Artikolu 17 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Konfiska ***u*** eżekuzzjoni effettivi	Konfiska***,*** eżekuzzjoni ***u użu effettivi tal-assi kkonfiskati***

Emenda 31

Proposta għal direttiva
Artikolu 17 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom ***jikkunsidraw li jieħdu*** miżuri li jippermettu li l-proprjetà kkonfiskata tintuża għal skopijiet ta' interess pubbliku jew soċjali.	2. L-Istati Membri għandhom ***jieħdu*** miżuri li jippermettu li l-proprjetà kkonfiskata tintuża għal skopijiet ta' interess pubbliku jew soċjali***, b'attenzjoni partikolari fuq il-vittmi kull fejn ikun possibbli.***

Emenda 32

Proposta għal direttiva
Artikolu 17 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu għal liema oqsma ta' interess pubbliku u skopijiet soċjali jista' jintuża d-dħul nett li jirriżulta mil-likwidazzjoni tal-assi kkonfiskati ħlief għal dawk stabbiliti bħala riżors proprju skont l-Artikolu 311(3) tat-TFUE u dawk li jirriżultaw mir-reati kriminali. elenkati fl-Artikolu 2(1), (2) u (3) ta' din id-Direttiva meta jkunu relatati mal-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna u l-Artikolu 2(3a) ta' din id-Direttiva, li għandhom jikkostitwixxu dħul estern assenjat skont l-Artikolu 21(5) tar-Regolament Finanzjarju sakemm tiġi stabbilita r-riżorsa proprja rilevanti skont l-Artikolu 311(3) tat-TFUE u mingħajr preġudizzju għar-restituzzjoni, il-kumpens, lill-vittmi u lill-pubbliku kkonċernat u l-kapaċità tal-Istati Membri li jimplimentaw din id-Direttiva.

Emenda 33

Proposta għal direttiva
Artikolu 17 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2b. Id-dħul nett li jirriżulta mil-likwidazzjoni ta' assi kkonfiskati li jirriżultaw mir-reati kriminali elenkati fl-Artikolu 2(1), (2) u (3) ta' din id-Direttiva fejn dawk ir-reati jirrelataw mal-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna u l-Artikolu 2(3a) ta' din id-Direttiva għandha tiġi prinċipalment assenjata lill-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali fuq il-linja tal-Viċinat tal-Lvant (14 02 01 11) u, fejn xieraq, lill-NDICI - Ewropa Globali - forniment tal-linja tal-fond ta' provvediment komuni (14 02 01 70) taħt l-

	Intestatura 6 u l-linji tal-baġit suċċessuri fl-MFF li jmiss. Dan ir-rikavat għandu jintuża biex jappoġġja proġetti ħalli tinbena u tinbena mill-ġdid l-infrastruttura fl-Ukrajna bħall-enerġija u s-sigurtà tal-ikel, l-infrastruttura u s-servizzi pubbliċi u biex jipprovdi kumpens lill-popolazzjoni Ukrena li sfat vittma.

Emenda 34

Proposta għal direttiva
Artikolu 18 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta, bħala riżultat ta' reat kriminali, il-vittmi jkollhom talbiet kontra l-persuna li tkun soġġetta għal miżura ta' konfiska prevista skont din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-miżura ta' konfiska ***ma taffettwax*** id-drittijiet tal-vittmi li jiksbu kumpens għat-talbiet tagħhom.	Meta, bħala riżultat ta' reat kriminali, il-vittmi jkollhom talbiet kontra l-persuna li tkun soġġetta għal miżura ta' konfiska prevista skont din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-miżura ta' konfiska ***tikkontribwixxi għall-eżerċitar tad-***drittijiet tal-vittmi li jiksbu kumpens għat-talbiet tagħhom. **.**

Emenda 35
Proposta għal direttiva
Artikolu 19 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-ġestjoni effiċjenti tal-proprjetà ffriżata u kkonfiskata sad-disponiment tagħha.	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-ġestjoni effiċjenti tal-proprjetà ffriżata u kkonfiskata sad-disponiment tagħha ***u għandhom jimmiraw li jżommu l-valur tal-assi b'mod partikolari f'każijiet li fihom ma jkun hemm l-ebda possibbiltà li l-ispejjeż għall-ġestjoni tal-proprjetà ffriżata jiġu imposti fuq is-sid benefiċjarju jew li jsir progress b'bejgħ interlokutorju.***

Emenda 36
Proposta għal direttiva
Artikolu 21 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) li jikkooperaw ma' awtoritajiet kompetenti oħra responsabbli għat-traċċar u l-identifikazzjoni, l-iffriżar u l-konfiska ta' proprjetà, skont din id-Direttiva;	(c) li jikkooperaw ma' awtoritajiet kompetenti oħra responsabbli għat-traċċar u l-identifikazzjoni, l-iffriżar u l-konfiska ta' proprjetà, skont din id-Direttiva***, inkluż l-UPPE, l-Europol, l-Eurojust u l-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar tal-liġi fi Stati Membri oħra;***

Emenda 37

Proposta għal direttiva
Artikolu 25 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-uffiċċji għall-irkupru tal-assi u l-uffiċċji għall-ġestjoni tal-assi li jwettqu kompiti skont din id-Direttiva, ikollhom persunal kwalifikat b'mod xieraq u riżorsi finanzjarji, tekniċi u teknoloġiċi xierqa meħtieġa għat-twettiq effettiv tal-funzjonijiet tagħhom relatati mal-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva.	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-uffiċċji għall-irkupru tal-assi u l-uffiċċji għall-ġestjoni tal-assi li jwettqu kompiti skont din id-Direttiva ***kif ukoll l-awtoritajiet li jimmaniġġjaw ir-reġistri ċentralizzati,*** ikollhom persunal ikkwalifikat b'mod xieraq***, b'mod partikolari billi jipprovdulhom attivitajiet ta' taħriġ regolari u rilevanti inkluż dwar l-etika, l-integrità u kontra l-korruzzjoni,*** ikollhom persunal kwalifikat b'mod xieraq u riżorsi finanzjarji, tekniċi u teknoloġiċi xierqa meħtieġa għat-twettiq effettiv tal-funzjonijiet tagħhom relatati mal-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-riżorsi baġitarji allokati lill-uffiċċji għall-irkupru tal-assi u lill-uffiċċji għall-ġestjoni tal-assi jkunu disponibbli għall-pubbliku.***

Emenda 38

Proposta għal direttiva
Artikolu 26 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jieħdu	2. L-Istati Membri għandhom jieħdu

l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-uffiċċji għall-irkupru tal-assi, l-uffiċċji għall-ġestjoni tal-assi, u awtoritajiet kompetenti oħra li jwettqu kompiti skont l-Artikolu 4, 19 ***u 20***, ikollhom is-setgħa li jidħlu, jaċċessaw u jfittxu, direttament u immedjatament, l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 3.	l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-uffiċċji għall-irkupru tal-assi, l-uffiċċji għall-ġestjoni tal-assi, u awtoritajiet kompetenti oħra li jwettqu kompiti skont l-Artikolu 4, 19***, 20 u 21, kif ukoll il-Kummissjoni u l-UPPE,*** ikollhom is-setgħa li jidħlu, jaċċessaw u jfittxu, direttament u immedjatament, l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 3.

Emenda 39

Proposta għal direttiva
Artikolu 26 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-valur stmat jew reali tal-***proprjetà*** fil-mument tal-iffriżar, il-konfiska u d-disponiment;	(b) il-valur stmat jew attwali tal-***assi*** fil-mument tal-iffriżar, il-konfiska u d-disponiment ***kif ukoll in-natura tar-reati kriminali li jsaħħu l-iffriżar, il-konfiska u d-disponiment;***

Emenda 40

Proposta għal direttiva
Artikolu 27 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jiġbru u jżommu statistika komprensiva fil-livell ċentrali dwar il-miżuri meħuda skont din id-Direttiva.	1. L-Istati Membri għandhom jiġbru u jżommu statistika komprensiva ***u dettaljata*** fil-livell ċentrali dwar il-miżuri meħuda skont din id-Direttiva ***inkluż tal-valur nett ta' rikavat li jirriżulta mil-likwidazzjoni ta' assi kkonfiskati.***

Emenda 41

Proposta għal direttiva
Artikolu 27 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istatistika msemmija fil-	2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istatistika msemmija fil-

paragrafu 1 tinġabar fuq bażi kalendarja u tintbagħat lill-Kummissjoni fuq bażi annwali, sa [***l-1 ta' Settembru***] tas-sena ta' wara.	paragrafu 1 tinġabar fuq bażi kalendarja u tintbagħat lill-Kummissjoni fuq bażi annwali, sa ***[l-15 ta' Marzu]*** tas-sena ta' wara. ***Il-Kummissjoni għandha tagħmel din l-istatistika disponibbli għall-pubbliku fuq bażi regolari sabiex tiżgura t-trasparenza. Fil-kamp ta' applikazzjoni ta' appoġġ effettiv għall-evalwazzjoni tal-istatistika miġbura u ta' għajnuna fil-proċess tal-ġbir ta' informazzjoni, jenħtieġ li jkun hemm pjattaforma rilevanti fis-seħħ fil-livell tal-Unjoni.***

Emenda 42

Proposta għal direttiva
Artikolu 27 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Kummissjoni ***tista' tadotta atti delegati skont l-Artikolu 30 li jistabbilixxu*** regoli aktar dettaljati dwar l-informazzjoni li għandha tinġabar u l-metodoloġija għall-ġbir tal-istatistika msemmija fil-paragrafu 1 u l-arranġamenti għat-trażmissjoni tagħha lill-Kummissjoni.	3. Il-*Kummissjoni* ***għandha tistabbilixxi*** regoli aktar dettaljati dwar l-informazzjoni li għandha tinġabar u l-metodoloġija għall-ġbir tal-istatistika msemmija fil-paragrafu 1 u l-arranġamenti għat-trażmissjoni tagħha lill-Kummissjoni u ***tista' tadotta att delegat skont l-Artikolu 30 biex tagħmel dan.***

Emenda 43

Proposta għal direttiva
Artikolu 28 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva u jekk applikabbli skont ir-Regolament (UE) 2017/1939[1], meta l-kunċett ta' awtoritajiet kompetenti jirreferi għall-awtoritajiet ta' investigazzjoni u ta' prosekuzzjoni, dan għandu jiġi interpretat li jinkludi l-livelli ċentrali u deċentralizzati tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) fir-rigward tal-Istati Membri li jipparteċipaw fil-

kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-UPPE. L-uffiċċji għall-irkupru tal-assi għandhom għalhekk iġarrbu l-obbligi skont ir-Regolament UPPE, inkluż l-obbligu li jirrapportaw lill-UPPE skont l-Artikolu 24 tar-Regolament UPPE, it-twettiq ta' miżuri jekk jingħataw struzzjonijiet bħala awtorità kompetenti skont l-Artikolu 28(1) tar-Regolament UPPE u l-aċċess għall-informazzjoni skont l-Artikolu 43(1) tar-Regolament UPPE.

[1] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE")

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	L-irkupru u l-konfiska tal-assi
Referenzi	COM(2022)0245 – C9-0186/2022 – 2022/0167(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	Il-Kumitat LIBE 22.6.2022
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	Il-Kumitat BUDG 15.9.2022
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Vlad Gheorghe 1.9.2022
Eżami fil-kumitat	9.2.2023
Data tal-adozzjoni	28.3.2023
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 31 –: 1 0: 3
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Rasmus Andresen, Pietro Bartolo, Olivier Chastel, Andor Deli, Pascal Durand, José Manuel Fernandes, Eider Gardiazabal Rubial, Vlad Gheorghe, Valérie Hayer, Niclas Herbst, Adam Jarubas, Fabienne Keller, Joachim Kuhs, Zbigniew Kuźmiuk, Pierre Larrouturou, Camilla Laureti, Janusz Lewandowski, Margarida Marques, Siegfried Mureşan, Victor Negrescu, Andrey Novakov, Dimitrios Papadimoulis, Karlo Ressler, Bogdan Rzońca, Eleni Stavrou, Nils Torvalds, Nils Ušakovs, Angelika Winzig
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Francisco Guerreiro, Monika Vana
Sostituti skont l-Artikolu 209(7) preżenti għall-votazzjoni finali	Karolin Braunsberger-Reinhold, Daniel Caspary, Daniel Freund, Isabel García Muñoz, Andreas Glück

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

31	+
PPE	Karolin Braunsberger-Reinhold, Daniel Caspary, José Manuel Fernandes, Niclas Herbst, Adam Jarubas, Janusz Lewandowski, Siegfried Mureşan, Andrey Novakov, Karlo Ressler, Eleni Stavrou, Angelika Winzig
Renew	Olivier Chastel, Vlad Gheorghe, Andreas Glück, Valérie Hayer, Fabienne Keller, Nils Torvalds
S&D	Pietro Bartolo, Pascal Durand, Isabel García Muñoz, Eider Gardiazabal Rubial, Pierre Larrouturou, Camilla Laureti, Margarida Marques, Victor Negrescu, Nils Ušakovs
The Left	Dimitrios Papadimoulis
Verts/ALE	Rasmus Andresen, Daniel Freund, Francisco Guerreiro, Monika Vana

1	-
NI	Andor Deli

3	0
ECR	Zbigniew Kuźmiuk, Bogdan Rzońca
ID	Joachim Kuhs

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni

PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

Titolu	L-irkupru u l-konfiska tal-assi
Referenzi	COM(2022)0245 – C9-0186/2022 – 2022/0167(COD)
Data meta ġiet ippreżentata lill-PE	25.5.2022
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	LIBE 22.6.2022
Kumitati mitluba jagħtu opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	BUDG JURI 15.9.2022 15.9.2022
Kumitati assoċjati Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	JURI 15.12.2022
Rapporteurs Data tal-ħatra	Loránt Vincze 10.10.2022
Eżami fil-kumitat	1.3.2023
Data tal-adozzjoni	23.5.2023
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 50 –: 1 0: 4
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Abir Al-Sahlani, Malik Azmani, Pietro Bartolo, Theresa Bielowski, Malin Björk, Vasile Blaga, Karolin Braunsberger-Reinhold, Patrick Breyer, Saskia Bricmont, Damien Carême, Clare Daly, Lena Düpont, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Laura Ferrara, Nicolaus Fest, Sylvie Guillaume, Andrzej Halicki, Sophia in ‘t Veld, Patryk Jaki, Marina Kaljurand, Assita Kanko, Fabienne Keller, Moritz Körner, Alice Kuhnke, Jeroen Lenaers, Juan Fernando López Aguilar, Nuno Melo, Javier Moreno Sánchez, Maite Pagazaurtundúa, Emil Radev, Paulo Rangel, Isabel Santos, Birgit Sippel, Sara Skyttedal, Vincenzo Sofo, Tineke Strik, Ramona Strugariu, Tomas Tobé, Milan Uhrík, Tom Vandendriessche, Elena Yoncheva
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Susanna Ceccardi, Gwendoline Delbos-Corfield, Loucas Fourlas, José Gusmão, Alessandra Mussolini, Matjaž Nemec, Carina Ohlsson, Thijs Reuten, Paul Tang, Róża Thun und Hohenstein, Loránt Vincze, Tomáš Zdechovský
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Marie Dauchy, Vlad Gheorghe
Data tat-tressiq	26.5.2023

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

50	+
ECR	Patryk Jaki, Assita Kanko, Vincenzo Sofo
ID	Susanna Ceccardi, Tom Vandendriessche
NI	Laura Ferrara
PPE	Vasile Blaga, Karolin Braunsberger-Reinhold, Lena Düpont, Loucas Fourlas, Andrzej Halicki, Jeroen Lenaers, Nuno Melo, Alessandra Mussolini, Emil Radev, Paulo Rangel, Sara Skyttedal, Tomas Tobé, Loránt Vincze, Tomáš Zdechovský
Renew	Abir Al-Sahlani, Malik Azmani, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Vlad Gheorghe, Sophia in 't Veld, Moritz Körner, Maite Pagazaurtundúa, Ramona Strugariu, Róża Thun und Hohenstein
S&D	Pietro Bartolo, Theresa Bielowski, Sylvie Guillaume, Marina Kaljurand, Juan Fernando López Aguilar, Javier Moreno Sánchez, Matjaž Nemec, Carina Ohlsson, Thijs Reuten, Isabel Santos, Birgit Sippel, Paul Tang, Elena Yoncheva
The Left	Malin Björk, José Gusmão
Verts/ALE	Patrick Breyer, Saskia Bricmont, Damien Carême, Gwendoline Delbos-Corfield, Alice Kuhnke, Tineke Strik

1	-
NI	Milan Uhrík

4	0
ID	Annika Bruna, Marie Dauchy, Nicolaus Fest
The Left	Clare Daly

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni